**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (rġiel, nisa).

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja; Kateketika; Liturġija

**PURĊISSJONIJIET**: San Lawrenz, San Duminku, Corpus Christi, Duluri, Ġimgħa l-Kbira, Kristu Rxoxt, San Ġużepp, Madonna tar-Rużarju, Qalb ta' Ġesù.

**L-ARĊIPRIET**
Kan. Joseph Mizzi
Tel: 2182 7057; Mob: 7946 1470
email: *parrocca.birgu@maltadiocese.org*

**Uffiċċju Parrokkjali:**
91, Triq San Lawrenz, il-Birgu BRG 1386

**Ħinijiet tal-Uffiċċju**:
It-Tlieta mid-9.30 sal-11.30
u l-Ġimgħa: 4.00 - 6.00 pm

Numru tal-parruċċani: 2,958
Numru tal-familji: 1,011

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Kan. Joe Mizzi, Arċipriet
Kan. Dun Lawrenz Bonnici
Dun John Avellino

**Kapitlu**
Kan Lawrenz Bonnici
Kan Mario Agius

**Kanoniċi Onorarji**
Mons Lorenzo Mifsud
Mons Dun Pawl Raggio
Mons Salvu Debrincat

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: L-Arċipriet
Segretarja: Ms Josette Magro

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: L-Arċipriet
Segretarju: Sur Giovann Raggio

# KNEJJES OĦRA

### Kappella tal-Kurċifiss

Il-kappella nbniet fl-1720 fuq iċ-Ċimiterju antik tal-knisja; ġarbet danni kbar fil-gwerra u nbniet mill-ġdid; fiha jinżammu l-istatwi tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

*The chapel was built in 1720 on the site of the old cemetery; it sustained considerable damage during the war and had to be rebuilt. The statues of the Good Friday procession are kept in the chapel.*

### Knisja tal-Karmnu

Il-knisja nbniet min-nies tax-xwieni fl-1611 u fiha kienu jagħmlu l-preċett kull sena u kienu jqisuha bħala l-parroċċa tagħhom, u għamlu ħafna opri fiha. Din iġġarrfet fil-gwerra u ġiet mibnija mill-ġdid.

*The church was built by the crews of the Order's galleys; these people considered the church as their own and used it for their religious duties. The church was destroyed during the war and was then rebuilt.*

### Knisja tat-Trinità

Il-knisja nbniet fl-1784 min-nobbli Lucrezja Gauci Falzon: iġġarrfet fil-gwerra, iżda nbniet mill-ġdid u qed tintuża għal-laqgħat.

*The church was built by the noble Lucrezia Gauci Falzon in 1784; completely destroyed during the war, it was rebuilt and today it is used for meetings by religious associations.*

**Knisja ta' San Filippu**
Il-knisja nbniet fis-seklu ħmistax u reġgħet inbniet fl-1561 u ġiet konsagrata mill-Isqof Labini fl-1788. L-Isqof Balaguer taha lill-patrijiet tal-Oratorju ta' San Filippu Neri, iżda meta dawn spiċċaw minn Malta l-knisja waqgħet f'idejn il-parroċċa. Hi knisja kbira u sabiħa u ġarrbet ħsara fi żmien il-gwerra, ġiet restawrata iżda qed tintuża biex jinżamm fiha l-armar tal-festa.

*The church was first built in the fifteenth century and rebuilt in 1561; Bishop Labini consecrated the church, while Bishop Balaguer gave it to the Oratorians of St. Philip Neri; when the Oratorians left Malta, the church was taken over by the parish. It suffered damage during the war but although the damage was repaired, it is kept closed.*

**Kappella tal-Qalb ta' Ġesù tal-Ħawli**
Il-kappella nfetħet għan-nies li marru joqogħdu f'Tal-Ħawli.

*The chapel was opened to serve as a centre of pastoral activity among the residents of the locality.*

RETTUR: Kan. Lawrenz Bonnici

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**10.00 am** **(xitwa) -** **8.00 am** **(sajf)**

**Sibtijiet Filgħaxija : 5.00 pm**

**Matul il-Ġimgħa : 7.30 am**

**Monasteru Santa Skolastika**
Is-Sorijiet Benedittini kienu niżlu mill-iMdina biex jifthu monasteru fil-Birgu u meta l-Ordni telaq mill-Birgu u mar il-Belt, l-isptar li kienu bnew fil-Birgu tawh lis-Sorijiet li biddluh f'monasteru. Il-kappella u parti mill-monasteru nbnew mill-ġdid fl-1679-1680. L-Isqof Labini kkonsagra l-knisja fid-29 ta' Settembru 1787 u fiha jinżamm il-fdal tal-Martri Santa Veneranda li nġiebu minn Ruma fl-1728.

*Some of the Benedictine cloistered nuns of Mdina were transferred to Vittoriosa and when the Knights of St. John took up residence in Valletta, the hospital they had at Vittoriosa was given to the nuns as their monastery. In 1679 the church and part of the monastery were built again, and the church was consecrated by Bishop Labini on the 29 September 1787. The relics of the martyr, St. Veneranda, brought from Rome in 1728, are venerated in the church.*

Data tad-Dedikazzjoni: 29 ta' Settembru 1787

RETTUR: Kan. Paul Raggio

**QUDDIES**

**Ħdud, Festi u Ġranet Ferjali: 7.00 am**

**Knisja tal-Lunzjata**
Id-Dumnikani marru fil-Birgu fl-1528 u ġiet mogħtija lilhom il-knisja tal-Lunzjata. Meta ġew Malta l-Kavallieri u ħadu għalihom il-knisja ta' San Lawrenz, il-knisja tal-Lunzjata, mill-1530 sal-1571 serviet bħala knisja parrokkjali. Fl-1638 il-knisja ġiet mibnija mill-ġdid u tul tliet mitt sena saru ħafna opri sbieħ fiha; iġġarrfet fl-aħħar gwerra u nbniet mill-ġdid u nfetħet għan-nies fl-1960.

*The Dominicans arrived in Vittoriosa in 1528 and the church of the Annunciation was given to them. From 1530 to 1571 the church served as the Parish Church of Vittoriosa as the Knights of St. John had taken the parish church of St. Lawrence to be their conventual church. The church was rebuilt in 1638 and was totally destroyed three centuries later during the last war. Rebuilt again, it was opened for worship in 1960.*

RETTUR: P Frank Borg OP
Telefon: 2182 5198, 2182 1291 (personali)
Mob: 7905 8902
email: *frborg@hotmail.com*

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**8.00 am - 10.00 am - 12.00 pm**
**Ġranet Ferjali**
**7.30 - 10.00 am - 6.15 pm**

**GĦAQDIET**: Abbatini, Lajċi Dumnikani, Patri Piju tal-Pjagi, Xirka tad-Duluri, Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla.

**FRATELLANZA**: Madonna tar-Rużarju.

**PURĊISSJONIJIET**: San Duminku: 30 ta' Awwissu; Madonna tar-Rużarju: 7 ta' Ottubru; Corpus Christi: 9 ta' Ġunju



# BIRKIRKARA PARROĊĊA SANT'ELENA

Birkirkara kienet waħda mill-għaxar parroċċi msemmija f'dokument tas-sena 1436, ir-Rollo tal-Isqof Senatore De Mello, u l-knisja parrokkjali ta' dak iż-żmien kienet dedikata lil Sant'Elena. Din saret Kolleġġjata fl-1630. Fis-seklu tmintax inbniet il-knisja ta' Sant'Elena li hemm illum u saret Bażilika Minuri nhar it-18 ta' Jannar, 1950.

*Birkirkara is one of the ten parishes which existed in 1436, the year of the Rollo drawn up by the bishop of Malta, Senatore De Mello. The parish was dedicated to St Helen, and this was also the titular saint of the church built in the 18th century and still existing today. The church became a Collegiate church in 1630. and a Minor Basilica on the 18th January 1950.*

Data tad-dedikazzjoni: 20 ta' Ottubru 1782

Il-Festa se tiġi ċċelebrata fit-21 ta' Awwissu.

Fit-3 ta' Mejju ssir il-Festa ta' Santu Kruċ

## QUDDIES

| Ħdud u Festi | Sibtijiet Filgħaxija |
|---|---|
| 6.00 am | 5.30 u 6.30 pm |
| 7.00 am | |
| 9.15 am | **Ġranet Ferjali** |
| 10.30 am | 6.00 am |
| 12.00 pm | 7.00 am |
| 6.30 pm | 7.45 am |
| | 9.00 am (Tal-Ħerba) |
| | 6.30 pm |

MAGĦMUDIJIET; L-EWWEL TQARBINA; KONFERMAZZJONI; ŻWIĠIJIET; FUNERALI.

**PREPOSTU ARĊIPRIET**
Kan Vincent Cachia
Tel: 2144 4725 (Uff); Mob 7961 8544; 2144 2225 (Dar)

**Uffiċċju Parrokkjali:**
51,Triq il-Kbira, B'Kara BKR 2304
email: *sthelenparish@gmail.com*
*parrocca.b'kara.se@maltadiocese.org*
Website: www.bazilikasantelena.com
www.santaliena.org

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn, l-Erbgħa, il-Ġimgħa:
9.00 -11.00 am; 5.00 - 6.30 pm

Numru tal-parruċċani: 10,000
Numru tal-familji: 3,500

**KAPITLU KOLLEĠĠJALI**
Kan Vincent Cachia, Prepostu Arċipriet
Kan Anton Mallia Borg, Dekan
Kan Ġużepp Micallef, Teżorier
Kan Charles Gauci, Kanċellier
Kan Mikiel Borg
Kan Joe M. Debono
Kan Vincenz Demicoli
Kan Pawl Gauci
Kan Etienne Sciberras
Kan Nicholas Doublet
Kan Leonard Mintoff

**Kanonċi Onorarji**
Kan Mikiel Agius
Kan Karm Attard
Mons. Karm Aquilina
Kan Karm Busuttil
Kan Ġużepp Fenech
Kan Simon Sciberras
Kan C. Carmel Attard
Kan Jesmond Grech

*Saċerdoti residenti*
Mons. Karm Aquilina
Mons. Carmelo Bonavia
Dun Gużepp Brincat
Mons.Tarcisio Delicata
Dun Nicholas Doublet
P. Robert Grech
Dun Maurice Mifsud
Dun Leonard Mintoff
Dun Ivan Sant
Dun George Schembri
Kan. Mikiel Zammit

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: Il-Prepostu Arċipriet
Moderatur: Sur Charles Micallef
Segretarja: Ms Josephine Farrugia

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: Il-Prepostu Arċipriet
Segretarju: Sur Lino Bonello

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**FRATELLANZI**: Sagrament, Rużarju, Karmnu, Duluri, San Andrija, San Ġużepp, Sodalità tal-Agunija.

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Adorazzjoni ta' bil-lejl; Anzjani; Festa Sant'Elena; Fuljett tal-Parroċċa; Ħajjata; Ħbieb tat-Tempju; Għarajjes; Indafa tal-Bażilka; Katekiżmu tal-adulti; Liturġija tal-Ħadd (tfal, adulti); Nisa Romol; Nisa separati; Preparazzjoni għall-Magħmudija; Talb għall-Vokazzjonijiet; Grupp Vokazzjonijiet

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (rġiel, nisa, xebbiet); Grupp Familji Nsara; Grupp Karismatiku Kattoliku; Leġjun ta' Marija; Mixja Neo-katekumenali; M.U.S.E.U.M.(sez. maskili u sez. femminili);

**KUMMISSJONIJIET**:
Adolexxenti/Żgħażagħ; Djakonija; Familja; Kateketika; Liturġija; KIS;

**PURĊISSJONIJIET**: Sant'Elena; Epifanija; Santu Kruċ; Corpus Christi; Qalb ta' Ġesu'; Madonna tad-Duluri; Madonna tad-Duttrina; Madonna tar-Rużarju.

## KNEJJES U KAPPELLI OĦRA

**Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba**
Is-santwarju nbena fl-1640 fil-post fejn kien hemm knisja qadima ħafna; ġie konsagrat fit-23 ta' Marzu 1783 mill-Isqof Labini. Fl-1923 beda x-xogħol biex is-santwarju jitkabbar u mill-knisja tal-1640 baqa' biss parti żgħira. Ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata fis-7 ta' Awwissu 1910. Fis-santwarju jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.

*The sanctuary was built in 1640 in an area where an old church had existed; it was dedicated by Bishop Labini on the 23rd March 1783. In 1923 the building was enlarged and today hardly anything remains of the 1640 church. The image of Our Lady was crowned on the 7th August 1910. Marriages may be held in the sanctuary.*

Festa ssir fit-3 ta' Awwissu

RETTUR: Kan Vincent Cachia,
Propostu Arċipriet
Telefon: 2149 9485; 7961 6970

**QUDDIES**
**Ħdud u Festi : 7.15 am**
**L-Ewwel Sibt tax-Xahar : 5.00 pm**
**Ġranet Ferjali : 6.30 am**
**Adorazzjoni:**
**it-tieni Erbgħa tax-xahar:**
**10.00 - 11.00 am**
**l-ewwel Ġimgħa tax-xahar: 8.00 pm**

**Knisja tal-Vitorja**
RETTUR: Kan Charles Gauci
Telefon: 2144 0416; 9947 6989.

**QUDDIES**
**Ħdud u Festi : 6.45 am**

**Sibtijiet Filgħaxija: 6.00 pm**

**Ġranet Ferjali : 7.00 am; 6.00 pm**

**Knisja ta' Santu Rokku**
L-ewwel knisja nbniet fl-1593, iżda ġiet profanata mill-Isqof Balaguer fl-1659; inbniet mill-ġdid wara li għaddiet il-pesta tas-sena 1676; il-knisja reġgħet inbniet fl-1863. Illum l-knisja hi Ċentru ta' devozzjoni għal Santa Rita ta' Cascia.

*The first church dedicated to St Roche was built in 1593, but Bishop Balaguer closed it in 1659; it was rebuilt after the 1676 plague and rebuilt again in 1863. Today St Rita of Cascia is venerated in this church.*

RETTUR: Kan Vincent Cachia,
Prepostu Arċipriet
Telefon: 2144 0146

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 8.30 am;**
**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa : 5.30 pm**
**is-Sibt: 5.00 pm**
**il-Ħamis: 10.00 am; 7.00 pm**

**Knisja ta' Sant'Antnin u Santa Katerina**
Il-knisja nbniet fl-1571, iżda ġiet profanata fl-1659; reġgħet inbniet fl-1828, u llum hija ċentru ta' devozzjoni ewkaristika.

*The church was built in 1571 but was closed by Bishop Balaguer in 1659; rebuilt again in 1828, it is today a centre for Eucharistic devotion.*

RETTUR: Kan Vincent Cachia,
Prepostu Arċipriet

**QUDDIES**

**Ġranet Ferjali : 9.30 am**

**ĊELEBRAZZJONIJIET OĦRA**

**Adorazzjoni Ewkaristika**
Mit-Tnejn sas-Sibt
bejn il- 5.30a.m u t-8.30am

**Dehriet tal-Madonna ta' Lourdes**
Quddiesa fid-9.30 a.m. fil-ġranet tad-dehriet

**Knisja ta' San Pawl**
Fl-1538 inbniet knisja fil-post fejn, skont it-tradizzjoni, San Pawl kien waqaf jippriedka; fl-1852 il-knisja reġgħet inbniet.

*In 1538 a church was built in an area where, according to tradition, St Paul had preached; the church was rebuilt in 1852.*

RETTUR: Kan Ġużepp Micallef
Telefon: 2148 8234

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**7.15 am**

**Sibtijiet Filgħaxija**
**7.20 pm**

**Ġranet Ferjali**
**7.15 am**
**7.20 pm**

**Knisja ta' San Franġisk ta' Assisi**
Il-Patrijiet Konventwali fi żmien il-gwerra, fl-1941, fetħu kappella żgħira f'villa fit-triq li tinżel għall-Imsida biex jieħdu ħsieb il-ħafna rifuġjati li kienu marru hemm. Fl-1953 bdew jibnu l-knisja tagħhom u din ġiet dedikata fl-1963; mal-knisja hemm il-kunvent u l-kulleġġ tal-istudenti tal-Ordni. Fil-knisja jistgħu jsiru ż-żwiġijiet. Mal-knisja hemm ukoll Dar ta' Akkoljenza u Seminarju tal-Postulanti.

*The Franciscan Conventuals during the war, in 1941, opened a small chapel in a villa in Msida Road, for the benefit of the many refugees who had settled in Birkirkara. In 1953 they started building the present church and friary and a college for their students. Marriages can be celebrated in the church.*

Data tad-Dedikazzjoni: 14 ta' Ottubru 1963

RETTUR: P. William Bartolo OFMConv,
Gwardjan
Telefon: 2144 1928 - 2144 6465
Fax. 2149 0156; Mob: 7980 4583
Indirizz: Kunvent San Franġisk,
Triq l-Imsida, Birkirkara

Festa ta' Sant'Antnin: 27 ta' Mejju

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**6.30 am**
**8.00 am**
**9.30 am**
**11.00 am (mhux matul Awwissu)**
**6.30 pm**

**Sibtijiet Filgħaxija: 6.30 pm**

**Ġranet Ferjali**
**6.30 am**
**7.30 am**
**6.30 pm**

**Festi pubbliċi Reliġjużi fost il-ġimgħa**
**6.30am**
**7.30am**
**8.30 am**
**6.30 pm**

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**GRUPPI**: Abbatini; Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni (ĊAK); Grupp EBDA għall-istudju tal-Bibbja; Grupp Nisa Santa Klara; Grupp Vokazzjonali; Kor San Franġisk; Moviment żgħażagħ Franġiskani.

**GĦAQDIET**: Mixja Neokatekumenali; Ordni Franġiskan Sekular

**KUMMISSJONIJIET**: Liturġika, Pastorali

**Oratorju San Duminku Savio**
L-Oratorju nbena fl-1910 minn Dun Mikiel Sammut. Il-benefatturi kienu s-Sinjuri Mikiel u Giulia Casolani u s-Sur Fons Marija Galea, u fil-bidu kienu jieħdu ħsiebu s-Salesjani. Fl-1912 ħaduh il-Freres iżda mbagħad ħallewh wara tliet snin. Fl-1927 ħaduh f'idejhom il-patrijiet tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Fl-Oratorju jsir il-katekiżmu għat-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Jistgħu jsiru wkoll iż-żwiġijiet.

*The Oratory was built in 1910 by Fr Michael Sammut. The benefactors were Michael and Giulia Casolani as well as Alphonse Maria Galea and originally it was run by the Salesian Fathers. These were followed, in 1912, by the Christian Brothers (Freres), who stayed for three years. In 1927 the Fathers of the Missionary Society of St Paul took over the running of the Oratory. Catechism classes are held for children, adolescents and youths. Marriages may also be held here.*

RETTUR: P. Martin Cilia MSSP
Telefon: 2144 1917;
Indirizz: Triq San Ġiljan, Birkirkara BKR 2806
email: *oratorju@mssp.org.mt*
website: www.oratorjumssp.org

**Gruppi li jiltaqgħu fl-Oratorju**
Abbatini; Ġenituri tal-abbatini; Grupp Kariżmatiku "Koinonia"; Grupp nisa tal-Moviment tal-Fokolarini; Gruppi taż-Żgħażagħ; Gruppi tal-Adolexxenti; Komunità Lajċi MSSP; Kors Alpha.

PURĊISSJONIJIET : Il-Verġni Marija Għajnuna tal-Insara: 1 ta' Ġunju.

**QUDDIES**
*Minn Ottubru sa Mejju*:
**Ħdud u Festi Kmandati :**
**7.30 am u 10.30 am**
**Sibt: 7.00 am; 6.00 pm; 7.30 pm**
**Matul il-Ġimgħa: 7.00 am u 6.30 pm**

*Minn Ġunju sa Settembru:*
**Ħdud u Festi Kmandati :**
**7.30 am u 10.30 am**
**Sibt: 7.00 am u 7.00 pm**
**Matul il-Ġimgħa: 7.00 am u 6.30 pm**

*Matul il-Ġimgħat tal-Avvent u tar-Randan:*
*Talb tas-Salmi: fis-6.00 am*

**Kappella Beatu Nazju Falzon**
Indirizz: Patrijiet Franġiskani,
Dar Frate Francesco, 55 Triq Mannarino,
Birkirkara BKR 9082
Telefon: 2147 2649; Mob: 9988 6903

Il-Kappella toffri għajnuna pastorali lin-nies tal-viċin. Il-Kappella ġiet miftuħa fit-30 ta' Mejju 2001 u hija ddedikata lill-Beatu Nazju Falzon. Hija l-ewwel kappella dedikata lill-Beatu Falzon f'Malta.

*The Chapel serves as a pastoral support for the inhabitants of the area. The Chapel, dedicated to Blessed Nazju Falzon, was officially opened on the 30th May, 2001 and is the first Chapel dedicated to a Maltese declared "Blessed" by the Church.*

RETTUR: P. John Azzopardi OFM

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi Kmandati u Pubbliċi:**
**9.00 am**

**Mit-Tnejn sas-Sibt : 5.30 pm**

**L-ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
**9.00 am u 5.30 pm**



# BIRKIRKARA

## PARROĊĊA SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM

Il-Knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem bdiet tinbena fis-sena 1965 u sentejn wara li x-xogħol tal-bini ntemm. Fl-1969, il-knisja saret viċi-parroċċa; fis-sena 1973 imbagħad saret parroċċa.

*The building of the church dedicated to St Joseph the Worker started in 1965; in 1969 the church became a subsidiary of the Birkirkara parish and in 1973 it was elevated to the status of a parish church.*

Data tad-Dedikazzjoni: 26 ta' Mejju 1993
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fl-1 ta' Mejju.

**KAPPILLAN**
Dun Josef Mifsud

**Uffiċċju Parrokkjali:**
71,Triq il-Bwieraq, Birkirkara
BKR 1212
Tel: 2148 3245 (Uffiċċju);
Dar: 2144 0534;
Knisja: 2144 5004; Mob: 9923 9407
email: *parrocca.b'kara.sg@maltadiocese.org*
*josefmifsud@yahoo.com*
web: www.sanguzepphaddiem.com

**Ħinijiet tal-uffiċċju:**
**Filgħodu**: it-Tlieta u l-Ħamis:
bejn id-9.00am u l-10.00am

**Filgħaxija:**
Il-Ħamis: bejn il-5.00 u s-6.00pm;
It-Tlieta bejn is-6.00 u s-7.00pm

Numru ta' parruċċani: 4,500
Numru ta' familji:1,650

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Josef Mifsud, Kappillan
Dun Joe Borg
Dun Anthony Fitzpatrick
Dun Mark Zammit

*Saċerdot li jqaddes fil-parrocca*
Mons. Tarcisio Delicata

*Saċerdoti residenti fil-parroċċa iżda addetti għal parroċċa oħra*
Mons Joe Galea Curmi
Dun Joseph Calleja

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**

President: Il-Kappillan
Moderatur: Sur George Saliba
Segretarja: Ms Natalie Pisani

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**

President: Il-Kappillan
Membri:
Sur Geoffrey Bezzina
Perit Ġorġ Cilia
Sur Tarcisio Vella

QUDDIES

**Ħdud u Festi**
**6.30am; 9.00am; 11.00 am**
**Ottubru - Ġunju 5.00 pm, 6.30pm**
**Lulju - Settembru 7.00pm**

**Sibtijiet Filgħaxija: 5.00 u 6.30 pm**

**Ġranet Ferjali: 6.30am; 7.00am; 7.45am; 4.30 pm u 6.30 pm**

MAGĦMUDIJIET:20; L-EWWEL TQARBINA: 25; KONFERMAZZJONI: 20; ŻWIĠIJIET: 4; FUNERALI: 50.

ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Anzjani; Kor Parrokkjali; Nisa .

**GĦAQDIET**: Leġjun ta' Marija (diversi gruppi); M.U.S.E.U.M.(sez. maskili); Grupp Kariżmatiku

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja; Festi; Formazzjoni Nisranija; Implimentazzjoni tas-Sinodu; Liturġija

**PURĊISSJONIJIET**: San Ġużepp Ħaddiem, Corpus Christi.

**PELLEGRINAĠĠI**: Duluri, Madonna tar-Rużarju.

# KNEJJES OĦRA

**Santwarju Santa Tereża tal-Bambin Ġesù**
Triq il-Wied, Birkirkara, BKR 9010;
Telefon: 2144 2858; Fax: 2144 5356;
e-mail: *debonojuan@yahoo.com*

Fl-1896 il-Patrijiet Tereżjani fetħu l-kunvent tagħhom fil-Wied ta' Birkirkara ħdejn il-knisja li kienet għadha kemm inbniet bi flus is-Sur Alfons Micallef u ddedikata lil San Alfons Marija de' Liġuori; ġiet imkabbra aktar tard biż-żjieda ta' xi kappelli u fl-1959 ġarrbet ħsara kbira f'maltempata. Fl-1965 il-patrijiet taw bidu għall-bini tas-Santwarju ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesu' li ġie mbierek u miftuħ għall-pubbliku fl-1982; fl-1997 saret id-dedikazzjoni solenni tiegħu: fih jistgħu jsiru ż-żwiġijiet. Il-knisja ta' San Alfons illum ġiet mibdula f'sala għal-laqgħat.

*In 1896 the Discalced Carmelites opened a friary in Birkirkara valley and dedicated their church and friary to St Alphonsus of Liguori as a sign of gratitude to their benefactor, Alphonse Micallef. The church was later enlarged, but suffered extensive damage during a storm in 1959. In 1965 the friars started building St Therese Sanctuary which was inaugurated in 1982 and solemnly dedicated in 1997: marriages may be celebrated in the Sanctuary. The church of St Alphonsus is now being used for meetings and other activities.*

Data tad-Dedikazzjoni: 9 ta' Lulju 1997.

**RETTUR**: P. Wistin Vella OCD
email: *avvella@gmail.com*

QUDDIES

**Ħdud u Festi :**
**6.00; 7.30; 9.00; 10.30; 11.30 am**
**5.30 pm u 6.30 pm**

**Sibtijiet Filgħaxija**
**5.30 pm u 6.30 pm**

**Ġranet Ferjali**
**6.00; 6.45; 7.30; 8.30 am**
**6.30 pm**

ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET

**ORDNI**: Sekular Karmelitan Tereżjan (Irġiel u Nisa)

**GRUPPI**: Abbatini; Kor;

**PURĊISSJONIJIET**: Corpus Christi; Madonna tal-Karmnu; Madonna tad-Duluri.



# BIRKIRKARA – PARROĊĊA SANTA MARIJA

Il-knisja l-qadima ta' Santa Marija nbniet fl-1617 u dejjem kienet meqjusa bħala monument mill-isbaħ, għalkemm għamlet żmien twil magħluqa. Fl-1950, il-kapitlu ta' Birkirkara ddeċieda li jirrestawraha u reġgħet infetħet fl-1973. Wara ftit snin bħala Knisja ta' żona pastorali awtonoma għal dik il-parti ta' Birkirkara bejn Triq il-Wied u Triq l-Imdina, ġiet dikjarata Knisja Parrokkjali dedikata lil Santa Marija mtellgħa s-Sema, b'Digriet tal-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, tat-8 ta' Mejju 2005.

*The old church of St Mary was built in 1617 and was always considered a building worthy of admiration, although it remained closed for a long number of years. In 1950 the Collegiate Chapter of Birkirkara decided to restore the church and it was opened again for worship in 1973. For a few years it served as the church of an autonomous pastoral zone, situated between Valley Road and Mdina Road in Birkirkara and was declared a Parish Church dedicated to the Assumption of Our Lady by a Decree of Archbishop Joseph Mercieca, on the 8th May,2005.*

Il-Festa se tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Awwissu.

**KAPPILLAN:**
Dun Reuben Deguara

**Uffiċċju Parrokkjali:**
130 Triq E.B.Vella, B'kara BKR 1570
Tel: 21/2744 8026 ; Mob. 9944 0708
Email:
*parrocca.b'kara.sm@maltadiocese.org*
*deguarareuben@gmail.com*
website: www.santamarijabirkirkara.com

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn u l-l-Erbgħa:
(Minn Settembru: it-Tnejn u l-Ħamis)
bejn 4.30 sal-5.30pm.
Is-Sibt mid-9.30am sal-11.00am
Numru tal-Parruċċani: 3,500.
Numru tal-familji: 1000.

**PRESBITERJU TAŻ-ŻONA**
Dun Reuben Deguara, Kappillan;
Dun Ġorġ Schembri;
Dun Ġużepp Brincat.

**KUNSILL PASTORALI**
**President:** Sur Ralph Camilleri
**Segretarju:** Sur Leslie Agius

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Ħniena Divina; Adolexxenti u Żgħażagħ

**GĦAQDIET**: Grupp Kariżmatiku.

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja; Kateketika; Liturġija.

**PELLEGRINAĠĠI**: Madonna tar-Rużarju

**PURĊISSJONIJIET**: Ġesù Bambin; Corpus.

MAGĦMUDIJIET 30; L-EWWEL TQARBINA 29; KONFERMAZZJONI 34; ŻWIĠIJIET 35; FUNERALI 18.

**QUDDIES**

| **Ħdud u Festi** | **Ġranet Ferjali** |
|---|---|
| **7.00 am** | **7.00 am** |
| **8.30 am** | **8.30 am** |
| **10.00 am** | **6.00 pm** |
| **6.00 pm** | |

**Sibtijiet filgħaxija**
**6.00 pm**

## KNEJJES OĦRA

**Knisja tal-Kulleġġ San Alwiġi**

Il-Kulleġġ San Alwiġi nbena bejn is-snin 1896 u 1897 għall-istudenti Ġiżwiti. Fl-1907 bit-tħabrik tal-Papa San Piju X, il-Kulleġġ ħa l-post tal-Kulleġġ li l-Ġiżwiti Ingliżi kellhom f'San Ġiljan li kien għalaq. Il-knisja tal-Kulleġġ bdiet tinbena fl-1914 u ġiet kon-sagrata fl-1923. Hi miftuħa għall-pubbliku u fiha jsiru ż-żwiġijiet nhar ta' Ġimgħa u nhar ta' Sibt filgħaxija u lejlet btajjel pubbliċi li jaħbtu f'nofs il-ġimgħa.

*St Aloysius College was built in 1896-1897 to house Jesuit students. In 1907, through the efforts of Pope St Pius X, the College took the place of the College which the English Jesuits had in St Julian's and which had been closed. The church of the College was built in 1914 and dedicated in 1923; it is open to the public and marriages may be celebrated in it on Friday and Saturday evenings or on the eve of public holidays that fall during the week.*

Data tal-Konsagrazzjoni: 6 ta' Diċembru 1923

RETTUR: P. Edgar Busuttil SJ
Mob: 7931 2217
email: *edgar.busuttil@gmail.com*
St Aloysius' College, Birkirkara BKR 1610

Booking Żwiġijiet: P. Edgar Busuttil SJ
Tel: 7931 2217

**QUDDIES**
**Ħdud u Festi : 8.00 am**
**9.30 am (in English)**

**Sibtijiet Filgħaxija : 6.15 pm**

**Kappella tad-Dar tal-Kleru "Christus Sacerdos"**

Id-Dar tal-Kleru nbniet minn Mons. Dun Salv Grima bħala Dar għall-irtiri tas-saċerdoti u bħala residenza għas-saċerdoti anzjani jew waħedhom. Mons. Grima sejjaħ grupp ta' tfajliet biex jitolbu għall-qdusija tas-saċerdoti u jgħinu lis-saċerdoti, speċjalment dawk residenti fid-Dar tal-Kleru.

*The Home for the clergy was built by Mgr. Salvatore Grima as a retreat house and a residence for priests, especially elderly clergymen. Mgr. Grima invited a group of girls to pray for the holiness of priests and help priests in their needs, especially those residing in the Home for the Clergy.*

**DIRETTUR**: Mons. Anton Cassar
Telefon: 2144 1670; Fax: 2144 8830.
email: *darkleru@onvol.net*
Indirizz: Triq Anġlu Grima,
Birkirkara, BKR1560



# BIRŻEBBUĠA
## PARROĊĊA SAN PIETRU FIL-KTAJJEN

Fid-9 ta' Settembru 1913, Birżebbuġa saret parroċċa u l-knisja żgħira tad-Duluri saret il-knisja parrokkjali, iżda billi din kienet żgħira wisq, minnufih bdiet il-ħidma ħa tinbena knisja akbar. Il-knisja l-ġdida, dedikata lil San Pietru fil-ktajjen, infetħet għall-kult fit-12 ta' Ġunju 1938, għalkemm ix-xogħol tal-bini ma kienx lest għal kollox.

*Birżebbuġa became a parish on the 9th September 1913, and the small church of Our Lady of Sorrows became the parish church; steps were immediately taken in hand to build a larger church which was opened for worship on the 12th June 1938.*

Data tad-dedikazzjoni - 14 ta' Mejju 1977
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fis-7 ta' Awwissu.

MAGĦMUDIJIET: 39; L-EWWEL TQARBINA: 78;
KONFERMAZZJONI: 78; ŻWIĠIJIET: 13;
FUNERALI: 60.

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**6.00 am**
**7.00 am**
**8.00 am**
**9.00 am**
**11.00 am**
**5.30 pm (xitwa)**
**6.00 pm (sajf)**

**Sibtijiet Filgħaxija**
**5.30 pm**
**6.30 pm;**
**minn Lulju sa Settembru**
**5.30 pm**
**6.30 pm**
**7.30 pm**

**Ġranet Ferjali**
**6.00 am**
**7.00 am**
**7.45 am**
**8.30 am**
**6.30 pm**

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**FRATELLANZI**: Sagrament, Rużarju

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Anzjani Caritas; ART; Kor Parrokkjali; Kor tat-Tfal; Grupp Nisa Żgħażagħ; Mother & Child Group; "Signum Fidei"

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (nisa); Gruppi Familji Nsara; Fokolari, Leġjun ta' Marija (Irġiel, nisa, żgħar); Moviment Kariżmatiku Kattoliku; M.U.S.E.U.M. (sez. maskili u sez. femminili); ŻAK.

**KUMMISSJONIJIET**: Kateketika; Familja;

**PELLEGRINAĠĠI**: Marjan (f'Bengħisa); Penitenzjali (Via Sagra)

**PURĊISSJONIJIET**:
San Pietru, Corpus Christi,
Qalb ta' Ġesù, Madonna tad-Duluri,
Madonna tar-Rużarju

## KNEJJES OĦRA

**Knisja tad-Duluri**
Il-knisja nbniet fl-1909 u kienet l-ewwel knisja parrokkjali tal-post.

*The church was built in 1909 and served as parish church till the present church was built.*

**Knisja ta' San Ġorġ**
Il-knisja nbniet fl-1683, u llum qed tieħu ħsiebha s-Soċjeta' Missjunarja San Pawl. Fil-knisja jistgħu jsiru żwiġijiet.

*The church was built in 1683 and at present it is being used by the priests of the Missionary Society of St Paul. Marriages may be celebrated in the church.*

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**7.30 am**
**9.30 am (Bl-Ingliż)**

**Kappella r-Ragħaj it-Tajjeb**
RETTUR: Il-Kappillan

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 10.00 am**

**KAPPILLAN**
Kan. Anton Galea Scannura
Telefon: 2165 1200; Mob: 9980 8996
Fax: 2165 1200
email:
*parrocca.birzebbugia@maltadiocese.org*
website: www.bugaparish.org

**Uffiċċju Parrokkjali:**
2, Triq il-Kurat Fenech,
Birżebbuġa BBG 2031

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn u l-Ġimgħa: 4.30 - 6.00 pm
L-Erbgħa: 4.30 - 7.00 pm
Is-Sibt: 9.00 - 11.00 am
Numru tal-parruċċani: 10,532
Numru tal-familji: 3,200

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Kan. Anton Galea Scannura, Kappillan
Dun Ġużepp Berry
Dun Roderick Camilleri, Viċi
Dun Charles Carabott
Mons. Alfred Micallef
Mons. Frans Schembri

Saċerdoti oħra residenti fil-parroċċa
Dun Colin Apap
Dun John Berry

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: Il-Kappillan
Moderatur: Sur John Mizzi
Segretarja: Mrs. Catherine Bonnici

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: Il-Kappillan
Segretarju: Sur Anthony Mifsud

**Knisja tal-Kunċizzjoni f'Bengħisa**
Inbniet fl-1822 u tkabbret fl-1862; fil-Ħdud u l-festi titqaddes Quddiesa għan-nies li joqogħdu fl-inħawi; fiha jistgħu jsiru żwiġijiet.

*The Church was built in 1822 and enlarged in 1862. Mass on Sunday and Feast Days is celebrated for the residents of the area. Marriages may be celebrated in the church.*

RETTUR: Dun Ġużepp Berry

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 7.00 am**

**Kappella Sagra Familja**
Inbniet fl-1865. Bħalissa qed tintuża għall-Adorazzjoni kontinwa.

*Built in 1865. At present it is being used for Adoration.*

**Kappella tal-Verġni Marija Għajnuna tal-Insara**
Inbniet fl-1839 u hi propjetà tal-familja Cachia Zammit.

*The chapel was built in 1839 and is the property of the Cachia Zammit family.*

**Kappella San Ġużepp**
Inbniet fl-1810 u hi proprjetà privata.
*The chapel was built in 1810 and is private property.*



# BORMLA
## PARROĊĊA IMMAKULATA KUNĊIZZJONI

Bormla saret parroċċa fis-sena 1586 u l-knisja, iddedikata lit-Tnissil bla tebgħa tal-Verġni Marija, hi knisja kolleggjata mis-sena 1822. Il-kwadru titulari ġie nkurunat mill-Kardinal Ferrata fis-sena 1905 u, ħamsin sena wara, il-Kardinal Tedeschini żejnu bi stellarju tad-deheb.

*Cospicua became a parish in 1586 and the parish church, dedicated to the Immaculate Conception, was elevated to the dignity of a collegiate church in 1822. The image of the Blessed Virgin above the high altar was crowned by Cardinal Ferrata in 1905 and, fifty years later, Cardinal Tedeschini adorned it with a halo of twelve stars.*

Data tad-dedikazzjoni: 25 ta' Mejju, 1732.
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fit-8 ta' Diċembru.

**QUDDIES**

| **Ħdud u Festi** | **Sibtijiet Filgħaxija** |
|---|---|
| **7.00 am** | **4 .45 pm** |
| **8.00 am** | **6.00 pm** |
| **9.15 am** | |
| **11.45 am** | **Ġranet Ferjali** |
| **5.00 pm** | **7.00 am** |
| | **8.30 am** |
| | **6.00 pm** |

MAGĦMUDIJIET: 43; L-EWWEL TQARBINA: 39; KONFERMAZZJONI: 40; ŻWIĠIJIET: 4; FUNERALI: 63.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Adolexxenti; Kor parrokkjali "Tota Pulchra; Grupp ta' Talb; Żgħażagħ; Grupp tal-Bibbja.

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (nisa), Leġjun ta' Marija (nisa), M.U.S.E.U.M. (sezzjoni maskili u sezzjoni femminili); Soċjeta' San Vinċenz de Paul.

**KUMMISSJONIJIET**:
Djakonija; Familja; Kateketika; Liturġija; Żgħażagħ u Adolexxenti

**PELLEGRINAĠĠI**: Ras ir-Randan, Madonna tad-Duluri

**PURĊISSJONIJIET**: Kunċizzjoni, Ġimgħa l-Kbira, Rxoxt, Pentekoste, Corpus Christi, Madonna tar-Rużarju, San Ġużepp.

## KNEJJES U KAPPELLI OĦRA

Knisja ta' San Pawl
Il-knisja nbniet fl-1741 flok knisja oħra li kienet inbniet fl-1590. Fil-knisja jistgħu jsiru ż-żwiġijiet. Fil-knisja jkun hemm kuljum l-Adorazzjoni perpetwa mis-7.30 a.m. sal-4.00 p.m.

*The church was built in 1741 on the site of an older church built in 1590. Marriages may be celebrated in the church. Perpetual adoration is held daily from 7.30 a.m. to 4.00 p.m.*

RETTUR: Kan. Arċ. Reuben Micallef

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi: 8.15 am**
**Sibtijiet: 5.30 pm**
**Ġranet Ferjali: 7.00 am**

**Kappella San Tumas**

RETTUR: Kan. Arċ. Reuben Micallef

**QUDDIES**

**Ħdud : 8.30 am**

**Ċentru Parrokkjali Sagra Familja**
Iċ-Ċentru hu wżat għall-katekiżmu għat-tfal u adolexxenti, żgħażagħ u adulti, għall-anzjani u laqgħat oħra.

*The Domus is a centre for the teaching of Catechism to children and adolescents, youths and adults, for Senior Citizens and other meetings.*

RETTUR: Kan. Arċ. Reuben Micallef

**ARĊIPRIET**
Kan. Reuben Micallef
Tel: 2182 8413; Mob 7905 1000;

email: *parrocca.bormla@maltadiocese.org*
website: www.cospicuaparish.org.mt

**Uffiċċju Parrokkjali:**
65, Triq il-Gendus,
Bormla BML 1025

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tlieta: 10.30 - 11.30 am;
Il-Ħamis: 5.30 pm - 7.00 pm.

Numru tal-parruċċani: 5,657
Numru tal-familji: 1,600

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Kan. Arċ. Reuben Micallef
Kan. Joe Abela, Kantur
Kan. Jesmond Manicaro, Dekan
Kan. Ġużepp Zammit, Też.

*Saċerdot residenti fil-parroċċa*
Kan. Reuben Vella, prep.

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: l-Arċipriet
Segretarju: Sur Charles Gatt

### Konservatorju ta' San Ġużepp

RETTUR: Kan. Arċ. Reuben Micallef

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 10.30 am**

**Ġranet Ferjali : 4.30 pm**

### Kappella tas-Sorijiet Orsolini

Is-Sorijiet Orsolini bdew jibnu l-kunvent tagħhom f'Bormla fl-1952 u sentejn wara bdew il-ħidma tagħhom ta' ħarsien u ta' edukazzjoni tat-tfal.

*The Ursuline Sisters started building their convent in 1952 and two years later they began their mission in the area caring for and educating children.*

RETTUR: Kan Ġużepp Zammit

### Kappella tas-Sorijiet Franġiskani

Is-Sorijiet Franġiskani marru Bormla fl-1889 biex hemm jiftħu skola. Il-kunvent u l-iskola ġew meqruda għal kollox fil-gwerra, iżda reġgħu nbnew biex is-sorijiet ikunu jistgħu jkomplu l-missjoni tagħhom ta' tagħlim u edukazzjoni tat-tfal.

*The Franciscan Sisters opened their school in Cospicua in 1889. The convent and school were totally destroyed by bombs during the War, but were rebuilt so that the sisters could continue their mission of educating and teaching children.*

### Monasteru Santa Margerita

Il-monasteru twaqqaf fl-1726 bħala orfanatrofju minn żewġ saċerdoti, megħjunin minn sinjura li flimkien ma' xi nisa oħra kienu jieħdu ħsieb l-orfanatrofju u jgħixu flimkien ħajja ta' reliġjużi bħala terzjarji tereżjani, iżda l-Granmastru deherlu li kellhom jgħixu bħala klawstrali, u fl-1739 sbatax-il soru ħadu l-abitu tat-tieni Ordni tereżjan mill-Isqof Alpheran de Bussan.

*The monastery was built as an orphanage in 1726 by two priests, aided by a lady who with some of her friends took care of the orphanage. The ladies lived as a community of religious of the Third Order of the Discalced Carmelites. Grandmaster Manoel de Vilhena insisted that the ladies should take the habit of the second order of the Discalced Carmelites and in 1739 seventeen nuns made their religious profession before Bishop Alpheran de Bussan.*

Dedikazzjoni tal-knisja: 28 ta' Ottubru 1787

Indirizz: Monasteru Santa Margerita,
Bormla BML 1360
Telefon: 2182 0558

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 7.15 am**

**Ġranet Ferjali : 7.15 am**

### Knisja ta' Santa Tereża

Il-knisja u l-kunvent tat-Tereżjani f'Bormla nbnew fl-1625 u għal żmien twil kien l-uniku kunvent li kellhom it-Tereżjani f'Malta.

*The church and friary of the Discalced Carmelites was built in 1625 and for over two centuries it was the only church and friary which the discalced Carmelites had in Malta.*

Data tad-Dedikazzjoni: 18 ta' Marzu 1797.

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**7.15 am**
**8.45 am**
**10.15 am**
**4.15 pm**

**Sibtijiet Filgħaxija : 6.30 pm**

**Ġranet Ferjali**
**6.15 am**
**8.00 am**
**6.30 pm**

RETTUR:
Pirjol Patri Juan Debono OCD
Telefon: 2182 6111.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**TERZ'ORDNI**: Sekular Karmelitan Tereżjan.

**GĦAQDIET**: Abbatini, Kor "Santa Tereża", Grupp Letturi.

# BURMARRAD

## PARROĊĊA QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA



Il-knisja ta' Burmarrad inbniet mill-Patrijiet Franġiskani Konventwali għall-ġid tan-nies tal-post li joqogħdu 'l bogħod ħafna mill-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar. Il-bini tal-knisja, ddedikata lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija, tlestiet fl-1964 u saret knisja parrokkjali fl-1971.

*The Franciscan Conventuals began building a church in Burmarrad for the people living in the area, as the parish church of St Paul's Bay was too far away for them. The church dedicated to the Immaculate Heart of Mary was opened in 1964 and became a parish church in 1971.*

Data tad-dedikazzjoni: 30 ta' Mejju 1964
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fis-26 ta' Ġunju.

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**6.00 am**
**8.30 am**
**6.15 pm** (xitwa)
**u 7.00 pm** (sajf)

**Ġranet Ferjali**
**5.30 am**
**6.15 am**
**6.15 pm** (xitwa)
**7.00 pm** (sajf)

**Sibtijiet Filgħaxija**
**6.15 pm** (xitwa)
**7.00 pm** (sajf)

MAGĦMUDIJIET: 10; L-EWWELTQARBINA: 15; KONFERMAZZJONI: 12; ŻWIĠIJIET: 10; FUNERALI: 5.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**GRUPPI PARROKKJALI**:
Leġjun ta' Marija; Abbatini; Żgħażagħ u Adolexx-enti; Kumitat Festa; Kor; Grupp Tindif.

**GĦAQDIET**:
Grupp Familji Nsara; M.U.S.E.U.M. (sez. femminili)

**KUMMISSJONIJIET**:
Kateketika; Liturġija; Żgħażagħ

**KAPPELLI OĦRA** li fihom isir il-Quddies

**Kappella Santa Margerita**
Quddies: Nhar ta' Sibt fil-5.00 pm (xitwa)
u fil-5.45 pm (sajf)

**Kappella Lunzjata**
Quddies**:** Nhar ta' Sibt fil-5.00 pm (xitwa)
u fil-5.45 pm (sajf)

**Kappella San Mikiel**
Quddiesa fil-Festa ta' San Mikiel
(29 ta' Settembru) u meta tintalab biex issir
Quddiesa minn xi grupp.

**KAPPILLAN**
P. Christian Anthony Borg, OFM Conv
Tel: 2157 3045; Fax: 2157 8118;
Mob: 7762 2275
email: *borgca@hotmail.com*
*parrocca.burmarrad@maltadiocese.org*
website: www.parroccaburmarrad.com
Facebook: Il-Parroċċa ta' Burmarrad

**Uffiċċju Parrokkjali:**
Triq Burmarrad SPB 9065
**Ħinijiet tal-Uffiċċju:** bl-appuntament

Numru tal-parruċċani: 1,200
Numru tal-familji: 400

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
P. Christian A. Borg, OFM Conv,
Kappillan
P. Guido Muscat OFM Conv
P. Thomas Calleja OFM Conv
Fra Pietru Quattromani

*Saċerdoti residenti fil-parroċċa*
Dun Mikiel Agius

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: Il-Kappillan
Segretarja: Mrs Romina Micallef



# ĦAD-DINGLI
## PARROĊĊA SANTA MARIJA

Ħal-Tartarni, raħal li llum m'għadux jeżisti, kien parroċċa fis-sena 1436, iżda meta n-nies ma baqgħux jgħammru fih, fis-sena 1539, il-parroċċa ta' Ħal Tartarni ġiet fix-xejn. Ftit bogħod kien inbena raħal ieħor, Ħad Dingli, u dan sar parroċċa fl-1615. Il-knisja li hemm illum inbniet fl-1903 flok il-knisja li kienet inbniet fl-1678.

*Ħal Tartarni was one of the ten parishes mentioned by Senator Mello in 1436, but the parish was later suppressed when the village was abandoned by its inhabitants. A new village, Dingli, arose in the vicinity of Ħal Tartarni, and this village became a parish in 1615. The present church was built in 1903 on the site of a church dating from 1678.*

Data tad-Dedikazzjoni: 26 ta' Marzu 1939
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fis-21 ta' Awwissu.

**QUDDIES**

| **Ħdud u Festi** | **Sibtijiet Filgħaxija** |
|---|---|
| **6.30 am** | **6.30 pm** (xitwa) |
| **8.00 am** | **7.00 pm** (sajf) |
| **9.30 am** | |
| **11.00 am** | **Ġranet Ferjali** |
| **4.30 pm** (xitwa) | **6.00 am** |
| **5.00 pm** (sajf) | **7.30 am** |
| | **6.30 pm** (xitwa) |
| | **7.00 pm** (sajf) |

MAGĦMUDIJIET 34; L-EWWEL TQARBINA: 34; KONFERMAZZJONI: 29; ŻWIĠIJIET: 11; FUNERALI: 28.

**FRATELLANZI**: Sagrament, Ružarju

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Evanġelizzazzjoni Ġdida; Klabb Nisa Dingli; Kor Parrokkjali; Kumitat Festa Esterna; Grupp Kitarri; Grupp Fund Raising

**GĦAQDIET**: Grupp Familji Nsara; Leġjun ta' Marija; M.U.S.E.U.M. (sez. maskili u sez. femminili); Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla.

**PURĊISSJONIJIET**: Santa Marija, Corpus Christi, Qalb ta' Ġesu', Madonna tad-Duluri, Madonna tar-Ružarju

## KNEJJES OĦRA

**Kappella ta' Santa Duminka**
Il-knisja nbniet fl-1669 u hi ġuspatronat: jieħu ħsiebha Dun Ġwann Azzopardi u jqaddes fiha darba fis-sena.

*The Church was built in 1669. Rev John Azzopardi looks after it and once a year celebrates Mass in it.*

**Kappella ta' Santa Marija Maddalena**
Il-kappella tinsab fuq l-irdumijiet ta' Ħad Dingli u nbniet għall-ħabta tas-sena 1640: jieħu ħsiebha l-Kappillan u titqaddes Quddiesa fis-7.30 pm fit-22 ta' Lulju, nhar it-titular.

*The chapel on Dingli cliffs was built about 1640; the parish priest is responsible for it and sees to it that a mass is celebrated at 7.30 pm on the 22nd July.*

**ARĊIPRIET**
Dun Ewkarist Zammit
Tel: 2145 4634;
Dar: 2145 5738
Mob: 7925 1317
email: *parrocca.dingli@maltadiocese.org*
website: www.dingliparish.com

**Uffiċċju Parrokkjali:**
30, Triq il-Parroċċa,
Ħad-Dingli DGL 1030

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tlieta: 10.00 am - 11.00 am
L-Erbgħa: 4.30 pm - 7.00 pm
Il-Ħamis: 4.30 pm - 6.00 pm

Numru tal-parruċċani: 4,000
Numru tal-familji: 1100

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Ewkarist Zammit, Kappillan
Mons. Louis Camilleri
Dun Charlon Muscat
Dun Mark Mallia Pawley

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: Sur Steve Abela
Segretarju: Sur James Chapel

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: Sur Tony Saliba
Membri:
Sur Diego Attard
Sur Patrick Calafato
Ms Marisa Calafato
Sur Stephen Saliba
Sur Tony Saliba
Ms Doris Tanti
Sur David Vassallo
Ms Marvic Vella

**Kappella taċ-Ċimiterju**
Iċ-Ċimiterju beda jintuża fl-1952, u fil-kappella titqaddes Quddiesa fit-2 ta' Novembru.

*The Cemetery was inaugurated in 1952 and Mass is celebrated in the chapel on the 2nd November.*

**ISTITUZZJONI RELIĠJUŻA**

Fil-parroċċa hemm ukoll komunità ta' Patrijiet Sależjani li jmexxu wkoll l-Oratorju Salesjan u ċentru għall-irtiri u seminars għaż-żgħażagħ.

*There is also a communtiy of Salesian Fathers. Besides Savio College, they also run the Salesian Oratory and a pastoral centre for retreats and seminars for young people.*

RETTUR: P. Louis Grech SDB

Telefon: 2145 6251; Fax: 2145 9943
Indirizz : Triq il-Buskett, Dingli DGL 2702



# IL-FGURA

## PARROĊĊA MADONNA TAL-KARMNU

Għal mijiet ta' snin fil-Fgura kien hemm niċċa tal-Madonna u ħdejha fl-1798 inbniet kappella li reġgħet inbniet fl-1844. Din twaqqgħet mill-Gvern fl-1956 biex titwessa' t-triq li minn Raħal Ġdid tieħu għal Ħaż-Żabbar. Ftit bogħod minn fejn kienet il-knisja, il-Patrijiet Karmelitani fl-1950 bnew knisja oħra li fl-1965 saret knisja parrokkjali. Minħabba li l-popolazzjoni kibret sewwa u l-knisja kienet żgħira wisq għan-nies inbniet knisja ġdida fi Triq Hompesch li ġiet imbierka fl-1988 u ddedikata fl-1990.

*In 1798 a small church was built where a small shrine of the Virgin Mary had existed for more than a century. The church was rebuilt in 1844 but was demolished to widen the road from Paola to Zabbar. In 1950 the Carmelite friars built a small church not far from the place of the old church. The Carmelite church became a parish church in 1965, and because the population of the parish was rapidly increasing, the friars decided to build a larger church, blessed in 1988 and dedicated in 1990.*

Data tad-Dedikazzjoni: 1 ta' Frar 1990
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fit-12 ta' Lulju

**QUDDIES**

| **Ħdud u Festi** | **Ġranet Ferjali:** |
|---|---|
| **6.00 am** | **6.00 am** |
| **7.00 am** | **6.45 am** |
| **8.00 am** | **7.45 am** |
| **9.30 am** | **8.30 am** |
| **11.00 am** | **6.30 pm** |
| **6.30 pm** | |

**Sibtijiet Filgħaxija**
**5.30 pm** *( minn Ottubru sa Ġunju);* **6.30 pm**

**KAPPILLAN**
P. Renald Lofreda O. Carm
Tel: 2180 2992 (Uffiċċju);
2182 7900 (Kunvent); Mob: 7984 8612;
email: *parrocca.fgura@maltadiocese.org*
website:www.fguraparish.org

**Uffiċċju Parrokkjali:**
Wesgħa Reggie Miller, il-Fgura FGR 1212

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ħamis:
8.30 - 9.30 am;
It-Tlieta, u l-Erbgħa:
4.30 - 6.00 pm

Numru tal-parruċċani: 11,981
Numru tal-familji: 3,712

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
P. Renald Lofreda O.Carm
Kappillan u Pirjol,
P. Raymond Calleja, O.Carm
P. Maurizio Mizzi, O.Carm,
P. Ivan Scicluna, O.Carm

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: Il-Kappillan
Moderatur: Sur Louis Caruana
Segretarju: Sur Louis Cutajar

MAGĦMUDIJIET: 75; L-EWWEL TQARBINA:120; KONFERMAZZJONI: 120; ŻWIĠIJIET: 7; FUNERALI: 55.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Anzjani; Fgura Youth Centre (Pre-Adolexxenti; Adolexxenti u Żgħażagħ); Grupp Bibbliku; Kor parrokkjali tal-kbar "Infaħħru lil Marija" Kor parrokkjali tat-tfal "Flower of Carmel"; Romol

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (nisa); Ċelluli ta' Evanġelizzazzjoni (4); Gruppi Familji Nsara; Grupp Kariżmatiku; Leġjun ta' Marija (3 praesidia); M.U.S.E.U.M.(sez. maskili u sez. femminili); Komunitajiet Neokatekumenali (2); Fokolari; Moviment Madonna ta' Fatima; Terz'Ordni Karmelitan

**KUMMISSJONIJIET**: Adolexxenti u Żgħażagħ; Djakonija; Familja; Kateketika; Tfal; Liturġija

**PELLEGRINAĠĠ**: Marija Addolorata

**PURĊISSJONIJIET**: Madonna tal-Karmnu, Ħniena Divina.



# FLEUR-DE-LYS

## PARROĊĊA MADONNA TAL-KARMNU

Il-Patrijiet Karmelitani li sa mill-bidu tas-sena 1918 kienu qed jieħdu ħsieb il-parroċċa ta' Santa Venera, ħasbu li jibnu knisja oħra fi Triq Fleur de Lys biex jintlaħqu aħjar in-nies li kienu joqgħodu f'dawk in-naħiet. Il-knisja saret parroċċa fl-1975.

*The Carmelite friars who since 1918 were in charge of the parish of St. Venera, decided to build a new church on Fleur de Lys Road for the benefit of the people living in the locality. The church became a parish church in 1975.*

Il-Festa se tiġi ċċelebrata fl-5 ta' Lulju.

**QUDDIES**

| **Ħdud u Festi** | **Sibtijiet Filgħaxija** |
|---|---|
| **6.00 am** | **6.30 pm** |
| **7.00 am** | |
| **8.00 am** | **Ġranet Ferjali** |
| **9.00 am** | **6.30 am** |
| **10.30 am** | **7.30 am** |
| **6.30 pm** | **8.30 am** |
| **8.00 pm** | **6.30 pm** |

MAGĦMUDIJIET; L-EWWEL TQARBINA; KONFERMAZZJONI; ŻWIĠIJIET; FUNERALI.

**KAPPILLAN**
P. Martin D. Schembri O.Carm
Tel: 2149 4918 (Uff.); 2144 1769 (Kun.)
Mob: 7716 0714

**Uffiċċju Parrokkjali:**
Kunvent tal-Karmnu,
251, Triq Fleur-de-Lys,
Birkirkara, BKR 9069
email:
*parrocca.fleur.de.lys@maltadiocese.org*
website: fleurdelysparish.com

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn, il-Ħamis :
9.00 am - 10.00 am;
It-Tlieta: 7.00 pm - 8.00 pm

Numru tal-parruċċani: 3,400
Numru tal-familji: 1,200

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
P. Martin D Schembri O.Carm., Kappillan u Pirjol
P. Louis Bajada O.Carm.
P. Damian Cachia O.Carm.
P. Joe Vella O.Carm

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: Il-Kappillan
Moderatur: Sur Joe Galea
Segretarju: Sur Joseph Mercieca
P.R.O.: Sur Michael King

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Kor tal-Parroċċa, Terz'Ordni Karmelitan (nisa u rġiel); Ċentru Familja Karmelitana (Grupp Drama, Grupp Adolexxenti 13+ , Grupp Żgħażagħ 18+ u Żgħażagħ 16+, Katekezi Adulti); Kor tat-Tfal.

**GĦAQDIET**: Grupp Familji Nsara; Leġjun ta' Marija (nisa, rġiel); M.U.S.E.U.M. sez. maskili u sez. femminili; Grupp ta' talb "Alla jħobbok"; Grupp San Piju.

**KUMMISSJONIJIET**: Adolexxenti u Żgħażagħ; Djakonija; Familja; Festa; Kateketika; Liturġija.

**PELLEGRINAĠĠ**: Madonna tad-Duluri.

**PURĊISSJONIJIET**: Madonna tal-Karmnu (l-ewwel Ħadd ta' Lulju); Corpus Christi; Qalb ta' Ġesù.



# FLORIANA
## PARROĊĊA SAN PUBLIJU

Il-Furjana saret viċi-parroċċa fl-1776, meta l-knisja ta' San Publiju kienet għadha tinbena; saret parroċċa fil-15 ta' Marzu 1844.

*The church of St. Publius was still being built when Floriana became a subsidiary of the parish of St. Paul in Valletta. The church became the parish church of Floriana on the 15th March 1844.*

Data tad-Dedikazzjoni: 28 ta' Mejju 1792
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fl-19 ta' April.

**QUDDIES**

| **Ħdud u Festi** | **Sibtijiet Filgħaxija** |
|---|---|
| **6.00am** | **6.30 pm** |
| **7.00am** | |
| **8.00am** | **Ġranet Ferjali** |
| **9.00am** | **6.15 am** |
| **10.30 am** | **7.00 am** |
| **5.30 pm** | **7.45 am** |
| | **9.00 am** |
| | **6.30 pm** |

MAGĦMUDIJIET: 29; L-EWWEL TQARBINA: 11; KONFERMAZZJONI: 20; ŻWIĠIJIET: 26; FUNERALI:36.

**ARĊIPRIET**
Dun Richard Borg BA, LicD
Telefon: 2124 7106 (Uffiċċju);
2124 7106; Mob 9983 0900;

**Uffiċċju Parrokkjali:**
4 Triq Sarria, Floriana FRN 1461
email: *parrocca.floriana@maltadiocese.org*
*richborg@go.net.mt*
website: www.florianaparish.org

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
l-Erbgħa, il-Ġimgħa u s-Sibt:
9.30 - 11.00 am;
it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa:
4.30 - 6.00 pm

Numru tal-parruċċani: 2,000
Numru tal-familji: 850

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Richard Borg, Arċipriet
Dun Ġużepp Borg Micallef
Mons. Mikelanġ Camilleri
Dun Ġwann Farrugia
Mons. Victor Zammit McKeon

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: l-Arċipriet
Segretarju: Sur Paul Vella

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
**President:** l-Arċipriet
**Segretarju:** Sur G Camilleri

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Duttrina tal-Bniet; Kor Parrokkjali Maranatha; Youth Centre; Senior Citizens.

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (nisa, xebbiet), M.U.S.E.U.M. (sez. maskili); Leġjun ta' Marija.

**FRATELLANZI**: Santissimu Sagrament, S. Publiju.

**KUMMISSJONIJIET PARROKKJALI**: Liturġija; Kateketika; Familja; Djakonija.

**PURĊISSJONIJIET**: San Publiju, Corpus Christi, Qalb ta'Ġesù, Madonna tar-Rużarju, Duluri, Vjatku tal-Morda.

**PELLEGRINAĠĠI**: Ta' Mejju, Ras ir-Randan, fil-Ġimgħa Mqaddsa.

# KNEJJES OĦRA

**Knisja tas-Salib Imqaddes**

Il-kunvent u l-knisja tal-Kapuċċini riedhom il-Granmastru Verdala u nbnew fis-snin 1588-89. Il-knisja damet tinbena għal ħafna żmien u tlestiet fl-1773 meta ġiet ikkonsagrata. Iġġarfet għal kollox fil-gwerra u reġgħet inbniet bejn l-1953 u l-1955.

*The Capuchin friary and church at Floriana were built on the initiative of Grandmaster Loubens de Verdale in 1588-89. The church took a long time to be built and was ready only in 1773 when it was consecrated. The church and friary were completely destroyed by bombs during the last war but were rebuilt between the years 1953 and 1955.*

RETTUR: Fr Publius Mair, OFMCap.
Telefon: 2123 4949; 2122 5525

**QUDDIES**

| Ħdud u Festi | Ġranet Ferjali |
|---|---|
| 5.45 am | 6.30 am |
| 6.45 am | 7.30 am |
| 7.45 am | |
| 10.00 am | |

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**
**TERZ'ORDNI**: Sekulari Franġiskan Kapuċċin.

**GĦAQDIET**: Padre Pio Prayer Group,

**Kappella tal-Madonna ta' Lourdes**

Fl-1706 il-Kavallier Gotenberg bena kappella dedikata lil Santa Marija Maddalena biex isservi ta' kenn għannies li kienu jmorru jqerru għand il-Kapuċċini; flok din il-kappella fl-1918 inbniet il-kappella li hemm illum, dedikata lill-Madonna ta' Lourdes.

*In 1706 the Knight Gotenberg built a small chapel dedicated to St. Mary Magdalen to be used as a refuge for people going to confession at the Capuchin friary. The chapel was rebuilt in 1918 and dedicated to Our Lady of Lourdes.*

**QUDDIES**
**Ġranet Ferjali : 8.30 am**
**Fil-ġranet tad-dehriet: 6.15 pm**

**Knisja ta' Sarria**

Il-knisja tissejjaħ ta' Sarrija għax bniha fl-1585 il-kavallier Martin Sarria Navarra. Wara l-pesta tas-sena 1675 l-Ordni bena knisja oħra flokha, iddedikata lit-Tnissil bla tebgħa tal-Verġni Marija biex titwettaq wegħda li kienet saret. Kull sena nhar il-Kunċizzjoni kienet toħroġ purċissjoni minn San Ġwann għal Sarrija, purċissjoni li baqgħet issir sas-sena 1995.

*Sarria church was built in 1585 by the knight Martin Sarria Navarra. After the plague of 1675 the Order of St. John built in its place another church dedicated to the Immaculate Conception. Each year a votive procession left St. John's and stopped at Sarria church where prayers of thanksgiving were recited. The last time the procession was held was in 1995.*

RETTUR: P. Joseph Borg SJ
Telefon: 2124 7116

**QUDDIES**

| Ħdud u Festi | Ġranet Ferjali |
|---|---|
| 7.30 am | 7.10 am |
| 8.30 am | |
| 11.00 am (bl-Ingliż) | minn Ottubru sa Ġunju 12.30 pm |
| **Sibt filgħaxija** | |
| 7.15pm | |

**Il-kappella tal-Madonna u San Injazju f'Manresa**
Din il-kappella, li ġiet konsagrata fit-23 ta' Lulju u dedikata mill-Isqof Labini fl-10 ta' Awwissu tal-1786, tinsab fil-Kurja tal-Arċisqof. Ghandha forma ovali mimlija bi skultura dekorattiva, bl-għamla ta' xogħol ta' Carapecchia iżda l-Perit Mahoney jattribwiha lil Ġużè Belli li għamel ukoll il-Berġa ta' Kastilja u l-Kunvent tal-Karmelitani fl-Imdina. Din il-kappella għadha kemm ġiet kompletament restawrata wara ħsarat li ġarrbet fl-1984. Fil-mensa hemm ir-relikwarju ta' San Kalċidonju Martri, meta fl-20 ta' Mejju 1753 l-Papa Benedittu 14 kien irregala l-Korp Sant ta' dan il-Martri.

*This chapel was consecrated by Bishop Labini on the 10th August 1786. It is situated in the Archbishop's Curia. It has an oval shape with numerous decorative sculptures. It's style has been attributed to Carapecchia but Architect Mahoney attributes it to Ġużè Belli, who also underwent the works of Auberge de Castille and the Convent of the Carmelites in Mdina. This chapel has recently undergone a complete restoration after damages it sustained in 1984. In another part of the chapel one finds the relics of Saint Calcedonius, put there on 20th May 1753 on the wishes of Pope Benedict 14*

**QUDDIES**
**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa:**
**7.30 am**



# IL-GUDJA
## PARROĊĊA SANTA MARIJA

Birmiftuħ kien waħda mill-għaxar parroċċi li kien hawn f'pajjiżna fl-1436. Ir-raħal ta' Birmiftuħ m'għadux jeżisti, iżda baqa' biss il-knisja li llum tagħmel parti mill-parroċċa tal-Gudja. Il-knisja parrokkjali tal-Gudja li hemm illum inbniet fis-sena 1656 u hi ddedikata lit-Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Marija. Fil-19 ta' Lulju 2006, ġiet dikjarata Parroċċa Arċipretali.

*Birmiftuħ was one of the ten parishes mentioned by Senator de Mello in a document he drew up in 1436; the old parish church of Birmiftuħ still exists but not the village. This church is now part of Gudja parish, whose parish church was built in 1656.*

Data tad-Dedikazzjoni: 11 ta' Diċembru 1785
Il-Festa ta' Santa Marija tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Awwissu.
Il-Festa tal-Madonna tar-Rużarju se tiġi ċċelebrata fit-2 ta' Ottubru
Il-Festa tal-Madonna taċ-Ċintura se tiġi ċċelebrata fit-30 ta' Ottubru

**QUDDIES**

| **Ħdud u Festi** | **Sibtijiet Filgħaxija** |
|---|---|
| **6.30am** | **6.30 pm** |
| **8.00 am** | |
| **9.15 am** | **Ġranet Ferjali** |
| **10.30 am** | **6.30am** |
| **5.30 pm** | **7.55 am** |
| | **8.35 am** |
| | **6.30 pm** Ottubru sa Marzu |
| | **7.00 pm** April sa Settembru |

MAGĦMUDIJIET: 20; L-EWWEL TQARBINA 18; KONFERMAZZJONI: 25; ŻWIĠIJIET: 9; FUNERALI: 33

**FRATELLANZI**: Sagrament, Ružarju, Ċintura.

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Ambjent; Caritas Anzjani; Catering; Festa; Fjuri; Fuljett; Fundraising; Ħniena Divina; K.I.S.; Kooperaturi; Kor; Irġiel Kultura Nisranija; MST; Quddiesa Lajċi; Romol; Single Mothers; Tindif; Żgħażagħ; KLH, Ċentru.

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (nisa); Fokolari; Leġjun ta' Marija (nisa); M.U.S.E.U.M. (sez. maskili u sez. femminili); Sorijiet tal-Karità

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja; Liturġija; Xandir tal-Kelma

**PELLEGRINAĠĠI**: Kurċifiss f'Ras ir-Randan, Madonna tad-Duluri.

**PURĊISSJONIJIET**: Santa Marija, Corpus Domini, Qalb ta' Ġesù, Madonna tar-Ružarju, Madonna taċ-Ċintura.

## KNEJJES OĦRA

### Knisja Santa Marija ta' Bir Miftuħ

Knisja medjevali li kienet l-ewwel knisja parrokkjali tal-post; tinfetaħ l-ewwel Ħadd tax-xahar filgħodu. Fl-1 ta' Frar 1970, din il-Kappella, ingħatat bi "trust" lil Din l-Art Ħelwa, għal 150 sena.

*A medieval church which was the parish church of the locality; it is open every first Sunday of the month in the morning. This chapel was given as a "trust" for 150 years, to Din l-Art Ħelwa, on the 1st February, 1970.*

RETTUR: L-Arċipriet.

### Knisja tal-Lunzjata

Fil-Gudja kien hemm tliet knejjes tal-Lunzjata: l-ewwel waħda kienet fil-qasam ta' Durbies u llum ma teżistix; it-tieni waħda kienet f'nofs ir-raħal u l-isqof Alpheran ried li titwaqqa' u tinbena oħra flokha; it-tielet inbniet fl-1754 u llum qed tintuża għal xi laqgħat. Tinfetaħ kull nhar ta' Ħadd filgħodu. Issir fiha l-Adorazzjoni tal-Ewwel Ġimgħa tax-xahar, il-ġurnata kollha.

*There were three churches dedicated to the Annunciation in Gudja; the first was in the area ta' Durbies, the second was in the centre of the village and bishop Alpheran wanted it to be demolished and another built in its place; the third was built in 1754 and today it is used for meetings. It is open every Sunday in the mornings.*

RETTUR: L-Arċipriet

**ARĊIPRIET**
Dun Martin Cardona SThL
Tel / Fax: 2169 6039; Mob 9929 6042;
email: *parrocca.gudja@maltadiocese.org*
website: www.gudjaparish.org

**Uffiċċju Parrokkjali:** Domus Curialis, 3 Triq il-Kappillan, Gudja GDJ 1081

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tlieta u l-Ġimgħa - 10.00 am - 12.00 pm; 5.00 - 6.30 pm

Numru tal-parruċċani: 3,000
Numru tal-familji: 1000

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Martin Cardona, Arċipriet
Mons Carmelo Zammit
Dun Danjel Farrugia
Dun Karm Farrugia

Saċerdot residenti
Dun Trevor Fairclough

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: l-Arċipriet
Segretarja: Mrs Josette Spiteri

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: l-Arċipriet
Membri: George Baldacchino
Joseph Seguna

### Knisja tal-Madonna ta' Loretu

Il-knisja kienet ġa mibnija fl-1550 kif jidher minn arkata li tmiss mal-knisja. Wara l-pesta tas-sena 1676 inbniet mill-ġdid u ġiet restawrata fis-sena 1820. Il-knisja ġiet milquta mill-bombi fil-gwerra u nfetħet mill-ġdid fl-1943 wara li sarulha t-tiswijiet meħtieġa. Tintuza għaż-żwiġijiet, u tinfetaħ kull nhar ta' Ħadd filgħodu.

*The church was already in existence in 1550 according to an inscription near the church. It was rebuilt after*

*the 1676 plague and restored in 1820. During the last war it was hit by bombs, but re-opened in 1943. Today it is open every Sunday morning and marriages may be celebrated in it.*

RETTUR: L-Arċipriet.

**Kappella ta' Santa Katerina**
Il-kappella hi qadima ħafna: dik li hemm illum inbniet fl-1661.

*This is a very old chapel. The present one dates from 1661.*

RETTUR: L-Arċipriet.

# GWARDAMANĠA

## PARROĊĊA MADONNA TA' FATIMA



Fl-1952, il-patrijiet Dumnikani, bit-tħabrik tal-provinċjal tagħhom ta' dak iż-żmien, P. Esmond Klimeck, bnew is-Santwarju tal-Madonna ta' Fatima, fi Gwardamanġa, biex ikun iċ-Ċentru tal-Kroċjata tar-Rużarju. Is-Santwarju nfetaħ fis-sena 1955 u fl-1968 sar knisja parrokkjali.

*In 1952 the Dominican friars, through the efforts of their provincial, Fr. Esmond Klimeck, built the Sanctuary of Our Lady of Fatima on Guardamangia hill; the Sanctuary was to be a centre of the Rosary Crusade. The church was opened in 1955 and became a parish in 1968.*

Data tad-dedikazzjoni: 29 ta' Mejju 1978.
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fit-2 ta' Ġunju.

**QUDDIES**

| **Ħdud u Festi** | **Sibtijiet Filgħaxija** |
|---|---|
| **8.00 am** | **6.00 pm** |
| **10.00 am** | **6.30 pm** |
| **12.00 pm** | **Ġranet Ferjali** |
| **6.00 pm (xitwa)** | **7.00 am** |
| **6.30 pm (sajf)** | **9.00 am** |
| | **6.30 pm** |

MAGĦMUDIJIET: 14; L-EWWEL TQARBINA: 29; KONFERMAZZJONI: 16; ŻWIĠIJIET:4; FUNERALI: 23.

**KAPPILLAN**
P Vincent Micallef, OP
Telefon: 2122 0050; 2123 3620;
Mob 9916 4749; Fax: 2122 3947
email:
*parrocca.guardamangia@maltadiocese.org*
website: fatimaop.webs.com

**Uffiċċju Parrokkjali:**
Santwarju ta' Fatima,
49, Triq S Monika, Gwardamanġa
PTA 3111

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn u s-Sibt: 9.30 - 11.00 am
It-Tnejn u l-Erbgħa: 5.00 - 7.00 pm

Numru ta' parruċċani: 3,000
Numru ta' familji: 900

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
P. Vince Micallef OP, Kappillan u Pirjol
P. Daniel Bonello OP
P. Mark Montebello OP
P. Ġiġi Sapiano, OP, Viċi-Kappillan
P. Ivan Attard OP

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: Il-Kappillan
Moderatur: Sur Ramon Borg
Segretarja: Ms Pauline Grech

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: Il-Kappillan
Segretarju: Mr Larry Friggieri
Membri: Mr Frans Polidano

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Ċenaklu Ewkaristiku (Ministri Straordinarji tat-Tqarbin); Fund Raising; Grupp Kristu Rebbieħ; Grupp Madonna ta' Fatima; Kor San Tumas; Ladies Circle

**GĦAQDIET**: Lajċi Dumnikani; Leġjun ta' Marija (Irġiel, Nisa, Żgħażagħ, Tfal); Mixja Neo-Katekumenali; M.U.S.E.U.M. (Sez. maskili); Grupp Djakonija/Anzjani

**KUMMISSJONIJIET**: Adolexxenti; Djakonija; Familja; Festa; Kateketika; Liturġija; Żgħażagħ

**PELLEGRINAĠĠI**: Fit-13 ta' Mejju (l-Ewwel dehra tal-Madonna ta' Fatima) u fit-13 ta' Ottubru (l-Aħħar dehra).

**QUDDIES**

**Ħdud, Festi u ġranet ferjali: 7.00 am**

**Sibtijiet: 5.00 pm**

# KNEJJES OĦRA

## Knisja tad-Duluri

Il-Knisja nbniet fl-1590 fil-post fejn kien hemm ċimiterju tal-mejtin bil-pesta. Fl-1617 ħdejn il-knisja nbena kunvent żgħir tal-Agostinjani li marru joqogħdu fih fl-1652, iżda ma damux wisq hemm. Fl-1721 il-knisja saret viċi-parroċċa ta' San Pawl tal-Belt għan-nies li kienu joqogħdu fix-xatt tal-Pietà, iżda ma baqgħetx aktar viċi-parroċċa fl-1740 meta viċi-parroċċa saret il-knisja ta' San Publiju fil-Furjana. Mis-sena 1974 is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù ħadu f'idejhom il-kunvent u bdew jieħdu ħsieb il-knisja. Minn Jannar 2005, b'Digriet ta' Mons. Arċisqof, Ġużeppi Mercieca, il-Kappella tad-Duluri u l-Kunvent ġew fdati f'idejn iċ-Cenacolo Community għall-pastorali taż-żgħażagħ.

*The church was built in 1590 near a cemetery where the victims of the plague are buried; in 1617 a small friary was added to the church by the Augustinian friars who took up residence in the small friary in 1652 but left soon after. In 1721 the church became a subsidiary parish church of the parish of St. Paul in Valletta to cater for the spiritual needs of the people living in the area. In 1740 the Floriana church took over as the subsidiary parish church of St. Paul's and the Pieta' church lost its status. In 1974 the church and the friary were entrusted to the Franciscan Sisters of the Sacred Heart. In January 2005, by Decree of the Archbishop, Joseph Mercieca, the chapel and the adjoining convent, were passed on to the Cenacolo Community, as a centre for pastoral work with young people.*

## Kunvent ta' San Tumas ta' Villanova

L-iskola li l-Agostinjani kienu fetħu f'Ħal Tarxien tant ċkienet li nħasset il-ħtieġa li jkollha post akbar u għalhekk ġiet trasferita f'xi vilel u djar li l-patrijiet kisbu f'Tal-Pietà; dan ġara fl-1965. Sena wara beda l-bini ta' kulleġġ ġdid, li nfetaħ fl-1972. Mal-Kulleġġ inbena wkoll kunvent, li hu ċ-Ċentru għall-Vokazzjonijiet Agostinjani. Il-kappella privata tal-kunvent hi ddedikata lil San Tumas ta' Villanova, waqt li l-kappella tal-kulleġġ li tintuża biss mit-tfal tal-iskola hi ddedikata lil Santu Wistin.

*The school which the Augustinian friars had opened at Tarxien was transferred to Pietà in 1965 and a year later the friars started building the new college which was opened in 1972. Adjacent to the college is the Centre for Augustinian Vocations. The chapel of the Centre is dedicated to St. Thomas of Villanova, while that of the college is dedicated to St. Augustine.*

## Knisja tal-Madonna ta' Loreto

Il-knisja tagħmel mal-kunvent tas-Sorijiet Orsolini; infetħet fl-1938 u fiha jistgħu jsiru ż-żwiġijiet. Jieħdu ħsiebha l-patrijiet Dumnikani ta' Gwardamanġa.

*The church belongs to the Ursuline convent and was opened in 1938; marriages may be celebrated in it. The Dominican friars at Gwardamangia officate in the church.*

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**7.00 am**
**8.00 am**

**Ġranet Ferjali**
**6.30 am**



# GŻIRA
## PARROĊĊA MADONNA TAL-KARMNU

Fl-10 ta' Lulju 1902 xi baħrin fis-sakra kienu tefgħu ġebla lejn niċċa tal-Madonna tal-Karmnu li kienet ma' ħajt ta' dar quddiem il-pont tal-Gżira, u l-ġebla baqgħet imwaħħla mal-ħġieġa tal-kwadru; dan wassal biex tinbena kappella żgħira ftit 'il bogħod u ġiet magħrufa bħala l-kappella tal-Madonna tal-Ġebla. Din il-kappella saret parrokkjali fl-1921 u n-nies tal-post bdew iħabirku biex tinbena knisja akbar, dedikata lill-Madonna tal-Karmnu.

*On the 10th July 1902 some drunken sailors started throwing stones at a house near the bridge leading to Manoel island; one of the stones became stuck between the glass and the image of Our Lady of Mount Carmel in a small shrine on the wall of the house. The incident led to the building of a small chapel which came to be known as the chapel of Our Lady of the Stone. In 1921 Gzira became a parish and the people in the area started building a new church to take the place of the chapel. The church is dedicated to Our Lady of Mount Carmel.*

Data tad-Dedikazzjoni: 23 ta' Mejju 1959.
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fit-12 ta' Lulju.

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**7.00 am**
**8.15 am**
**9.30 am**
**11.00 am**
**6.30 pm (sajf)**
**6.00 pm (xitwa)**

**Sibtijiet Filgħaxija**
**5.00 pm**
**6.30 pm**

**Ġranet Ferjali**
**6.45 am**
**7.30 am**
**8.30 am**
**6.00 pm (xitwa)**
**6.30 pm (sajf)**
**7.00 pm (mit-28 ta' Marzu sas-6 ta' Mejju)**

MAGĦMUDIJIET: 22; L-EWWEL TQARBINA: 27; KONFERMAZZJONI: 20; ŻWIĠIJIET: 4; FUNERALI: 79

**KAPPILLAN**
Dun Karm Tanti
Telefon: 21335841;
Mob: 7952 3449;
email: *parrocca@maltanet.net*
*parrocca.gzira@maltadiocese.org*

**Uffiċċju Parrokkjali:**
119 Triq Manoel de Vilhena,
Gzira GŻR 1016

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn: 9.00 - 10.30am;
4.30 - 6.00pm
Il-Ġimgħa: 9.00 - 10.30am

Numru tal-parruċċani: 7,000
Numru tal-familji: 2,600

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Karm Tanti, Kappillan
Dun Darren Pace, Viċi Kappillan
Dun Joseph Calleja
Dun Joe Bartolo

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: il-Kappillan

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
Il-Kappillan
Marlene Briffa, Paul Camilleri,
Richard Beck

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**
FRATELLANZI: Tas-Sagrament

GRUPPI PARROKKJALI: Abbatini, Kor Parrokkjali, Grupp Anzjani, Grupp Żgħażagħ Parroċċa.

GĦAQDIET: Leġjun ta' Marija (rġiel u nisa); Moviment Karismatiku Kattoliku; M.U.S.E.U.M. (sez. maskili); Duttrina Bniet.

KUMMISSJONIJIET: Kateketika; Liturġija; Kummissjoni Armar Knisja Ġewwa; Kummissjoni Festi Esterni.

PELLEGRINAĠĠ: Tar-Rużarju

PURĊISSJONIJIET: Madonna tal-Karmnu, Irxoxt, Qalb ta' Ġesù, Madonna tad-Duluri.

# KNEJJES OĦRA

**Kappella ta' Stella Maris College**
L-iskola li l-Freres kienu fetħu f'Villa Schinas fl-1904 ċkienet ħafna għat-tfal li żdiedu sew; għalhekk fl-1938 fetħu skola ġdida fil-Gżira. Fl-1959 il-kappella nfetħet għan-nies li jgħixu f'dawn in-naħiet; fiha jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.

*The school which the Christian Brothers had opened in Villa Schinas in 1904, was transferred to the new school which they built in 1938. Twenty years later the College chapel was opened to cater for people residing in the College area. Marriages may be celebrated in it.*

RETTUR: Br Austin Gili F.S.C.

**QUDDIES**

| | |
|---|---|
| **Ħdud u Festi:** | **9.15 am** |
| **Sibt :** | **6.15 pm** |

**Knisja tar-Redentur**
Il-knisja nbniet minn ċertu Albert Grixti mingħajr il-permess tal-awtoritajiet ekkleżjastiċi, iżda dawn taw permess li tinfetaħ meta ngħatat lis-Sorijiet Agostinjani li fetħu skola fil-qrib. Illum is-sorijiet fetħu skola ġdida u l-knisja qed tieħu ħsiebha l-parroċċa.

*The church was built by a certain Albert Grixti without the approval of the ecclesiastical authorities; permission was given to open the church when it was handed to the Augustinian Sisters who had opened a school in the vicinity. Today the church is taken care of by the parish.*



# ĦAL GĦARGĦUR
## PARROĊĊA SAN BARTILMEW

Ħal Għargħur sar parroċċa fi żmien l-Isqof Gargallo fis-16 ta' Lulju 1610. Il-Knisja li hemm illum, iddedikata lill-Appostlu San Bartilmew, bdiet tinbena fis-sena 1610, u ġiet kkonsagrata mill-Isqof Alpheran fit-22 ta' April 1736.

*Bishop Gargallo elevated the village of Gharghur to the dignity of a parish on the 16th July 1610. The present church, dedicated to the Apostle St. Bartholomew, was built in 1610 and was consecrated by bishop Alpheran de Bussan on the 22nd April 1736.*

Data tad-Dedikazzjoni: 22 ta' April 1736.
Il-Festa tiġi ċċelebrata fit-30 ta' Awwissu.

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi:**
**6.00 am**
**7.30 am**
**9.00 am**
**10.30 am**
**5.00 pm**

**Ġranet Ferjali u s-Sibt**

**6.45 am u 6.15 pm**

MAGĦMUDIJIET 53; L-EWWEL TQARBINA 26; KONFERMAZZJONI 37; ŻWIĠIJIET 19; FUNERALI 15.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Grupp ta' Talb "Gesu' Salvatur"; Kor Angel Voices; Nisa Miżżewġin; Kor "Pax Christi", Qarrejja u Ministri Straordinarji tat-Tqarbin.

**GĦAQDIET**: Grupp Kariżmatiku "Magnificat"; Grufan; M.U.S.E.U.M. (sez. maskili ).

**KUMMISSJONIJIET PARROKKJALI**: Djakonija; Familja; Kateketika; Liturġija; Tfal; Żgħażagħ.

**PELLEGRINAĠĠI**: Redentur; Rużarju; Duluri.

**PURĊISSJONIJIET**: Il-Ġimgħa l-Kbira (f'Ħadd il-Palm); Rxoxt; Corpus Christi; Qalb ta' Ġesù, San Bartilmew (l-aħħar Ħadd ta' Awwissu).

**KAPPILLAN**
Dun Christopher Galea
Tel: 2141 1853; Uff. u Dar;
Mob: 7929 8503
email: *parrocca.gharghur@maltadiocese.org*

**Uffiċċju Parrokkjali**:
10,Triq Ferdinand, Għargħur GĦR 1102

**Ħinijiet tal-Uffiċċju**
It-Tnejn u l- Ġimgħa:
bejn l-4.00 u l-5.30 pm

Numru ta' parruċċani: 3,000
Numru ta' familji: 900

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Christopher Galea, Kappillan

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Chairman: Sur Stephen Gauci
Segretarja: Sinjura Elaine Muscat

## KNEJJES OĦRA

**Knisja ta' Santa Marija Assunta (taż-Żellieqa)**
Mons. Dusina, fiż-żjara li għamel fl-1575, jgħid li l-knisja nbniet b'wegħda minn tfajla li qalgħet fejqan mirakoluż wara dehra tal-Madonna f'dak l-imkien fl-1560. Il-knisja l-antika twaqqgħet fl-1650 u nbniet flokha dik li hemm illum. Il-knisja tkun miftuħa kull nhar ta' Sibt mit-8.00 am sal-5.30 pm għad-devozzjoni tan-nies; fiha jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.

*Mons. Dusina, during his pastoral visit in 1575, recorded that the church was built by a young woman in thanksgiving for a grace she received during an apparition of the Virgin which took place in 1560. The church was rebuilt in 1650, and is opened regularly every Saturday from 8.00 am to 5.30 pm. Marriages may be celebrated in it.*

RETTUR: il-Kappillan

**QUDDIESA**

**Kull l-ewwel Sibt tax-xahar**
**7.30 am**

**Knisja ta' San Nikola**
Il-kappella nbniet l-ewwel darba fis-seklu XV iżda bħal ħafna knejjes oħra ngħalqet fl-1575 minn Mons. Dusina; reġgħet inbniet fl-1656; illum qed tintuża bħala Kappella għall-Adorazzjoni kontinwa, u tkun miftuħa kuljum bejn is-6.30 am u t-8.00 pm u nhar ta' Ħadd bejn it-8.00 am u nofsinhar.

*The church was first built in the 15th century, but Mgr. Dusina closed it together with a large number of rural and village churches. It was rebuilt in 1656. It is now open for Adoration daily between 6.30am and 8.30pm and on Sundays between 8.00am and noon.*

**Kappella ta' San Ġwann Battista**
Il-Knisja hija antika ħafna u kienet taqdi l-ħtiġijiet spiritwali tan-nies ta' Ħal Għargħur qabel inbniet il-knisja parrokkjali ta' llum; ingħalqet mill-isqof Balaguer fl-1659, iżda aktar tard reġgħet infetħet; tinsab maġenb iċ-ċimiterju.

*This is a very old church and served as a parish church for Gharghur until the time when the present church was built. Bishop Balaguer closed it in 1659 but it was later re-opened. The village cemetery is adjacent to it.*

**QUDDIESA**

**Kull l-ewwel Tnejn tax-xahar fil-11.30 am**

**Kappella ta' Santa Marija (ta' Bernarda)**
Il-Kappella kienet teżisti qabel iż-żjara ta' Monsinjur Dusina fl-1575; inbniet mill-ġdid fl-1588 iżda kif inhi llum inbniet fl-1655. Hi magħrufa bħala kappella ta' Bernarda għax fl-1571 ċerta Bernarda Cauchi tatha b'legat lill-knisja.

*This chapel existed before Mgr Dusina's visit in 1575. It was rebuilt in 1588 and the present chapel dates to 1655. The church is known as Bernarda's chapel because it was donated to the Church by a certain Bernarda Cauchi in 1571.*

**Dar tal-Irtiri Porziuncola**
Fl-1959 il-patrijiet Franġiskani bdew jibnu dar għall-irtiri f'Baħar iċ-Ċagħaq wara li kienu ilhom mill-1947 jgħixu f'dar qrib il-knisja ta' San Ġwann Evanġelista. Id-dar tal-irtiri fetħet bl-ewwel irtir fl-14 ta' Lulju 1964: fiha jsiru irtiri u laqgħat tul is-sena kollha.

*In 1959 the Franciscan friars started building a retreat house at Baħar iċ-Ċagħaq, although they had been living in a house in the area since 1947. Since the 14 July 1964 retreats and meetings have been held in the house regularly throughout each year.*

DIRETTUR: Patri Paul Attard OFM
Telefon: 2137 4222 (Direttur)
Fax: 2137 5711.
Indirizz:
Dar tal-Irtiri Porzjunkola,
Triq Porzjunkola,
Baħar iċ-Ċagħaq NXR 5073.

**Knisja ta' Santa Marija tal-Anġli**
Il-patrijiet Franġiskani li kienu jieħdu ħsieb in-nies ta' Baħar iċ-Ċagħaq mill-knisja ta' San Ġwann Evanġelista, fis-16 ta' Lulju 1973 fetħu kappella żgħira aktar qrib id-djar tan-nies; l-ewwel ġebla għall-knisja ġdida tqiegħdet fit-2 ta' Awwissu 1992 u t-tberik tal-knisja u taċ-Ċentru Pastorali u l-kunvent li hemm magħha tbierku fit-2 ta' Awwissu 1995. Il-knisja kienet ikkonsagrata fit-2 ta' Awwissu 2000.

*The Franciscan friars since 1947 resided in a small house at Baħar iċ-Ċaghaq near the church of St. John the Evangelist. On the 16 July 1973 they started building a new church, a small convent and a pastoral centre, which were blessed on the 2nd August 1995. The church was consecrated on the 2nd August 2000.*

RETTUR: P. Paul Attard OFM
Telefon: 2137 8639;
Indirizz: Kunvent Santa Marija tal-Anġli,
11,Triq ix-Xambekk,
Baħar iċ-Ċagħaq NXR 5073

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**8.30 am - 10.30 am**

**Ġranet Ferjali**
**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa :**
**8.00am; 6.30pm**

**Is-Sibt : 8.00 am u 6.30 pm**



# ĦAL GĦAXAQ

## PARROĊĊA SANTA MARIJA

Sa mis-sena 1511 f'Ħal Għaxaq kien hemm knisja dedikata lit-Tlugħ tal-Verġni Marija fis-sema. Ħal Għaxaq sar parroċċa fl-1 ta' Jannar 1626 u l-ewwel Kappillan kien Dun Mattew Scriha. In-nies ta' Ħal Għaxaq mill-ewwel ħadu ħsieb jibnu knisja ġdida li tlestiet fl-1655; tmenin sena wara nbniet il-knisja li hemm illum.

*Since 1511 at Għaxaq there has been a church dedicated to the Assumption of the Virgin Mary. Għaxaq became a parish on the 1st January, 1626 and the first Parish Priest was Fr Matthew Scriha. The residents immediately decided to build a new church which was ready by 1655; eighty years later the present church was built.*

Data tad-dedikazzjoni: 2 ta' Mejju 1784.
Il-Festa ta' Sta Marija tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Awwissu.
Il-Festa ta' San Ġużepp tiġi fis-7 ta' Ġunju

**QUDDIES**

| **Ħdud u Festi** | **Sibtijiet Filgħaxija** |
|---|---|
| **6.00 am** | **6.00 pm** **(minn Lulju sa Settembru)** |
| **7.30 am** | **6.30 pm** **(fix-xhur l-oħra)** |
| **9.00 am** | |
| **10.30 am** | **Ġranet Ferjali** |
| **6.00 pm** | **6.00; 7.00; 8.00 am** |
| | **6.30pm** |

MAGĦMUDIJIET 44; L- EWWEL TQARBINA 48; KONFERMAZZJONI: 42 ; ŻWIĠIJIET 19; FUNERALI 36.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**FRATELLANZI**: San Ġużepp; Tar-Rużarju; Tas-Sagrament

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Grupp Anzjani; Grupp Koppji Miżżewġa; Grupp ta' Talb San Patri Piju; Mother & Baby Club; Grupp tar-Romol; Grupp tal-Kitarri; Kor Parrokkjali; Kor tat-Tfal "Kerubini" , Grupp Xplore; Għaxaq Youthville.

**GĦAQDIET**: Grupp Kariżmatiku; Leġjun ta' Marija (nisa); M.U.S.E.U.M. (sez. maskili u sez. femminili); Mixja Neo-Katekumenali

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja; Kateketika; Liturġija
**PURĊISSJONIJIET**: Santa Marija; San

**KAPPILLAN**
Dun Mario Said
Tel: 2166 7825(Uffiċċju); 2189 2004;
Mob: 7957 4849;

**Uffiċċju Parrokkjali:**
20 Vjal il-Labour, Għaxaq GXQ 1831
email:
*parrocca.ghaxaq@maltadiocese.org*

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tlieta u l-Ħamis:
4.30 pm - 6.15 pm
Is-Sibt: 9.30 am - 11.00 am

Numru tal-parruċċani: 5,120
Numru tal-familji: 1,610

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Mario Said, Kappillan
Dun Nicholas Dimech, Viċi-Kappillan
Dun Joe Inguanez
Dun Anġelo Vella

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Moderatur: Sur Angelo Grima
Segretarja: Ms Antoinette Galea

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Chairperson: Ms Marica Ellul
Segretarju: Sur Evan Dimech

Ġużepp; Qalb ta' Ġesù; Passjoni; Madonna tad-Duluri; Madonna tar-Rużarju.

## KNEJJES OĦRA

**Knisja ta' Santu Kristu**
Il-knisja ħadet il-post tan-niċċa tar-Redentur, li twaqqfet fl-1807 minn Mikielanġ Zammit li ħeles mill-mewt meta nqalbet il-karrozzella tiegħu. Il-knisja bdiet tinbena bl-inizjattiva ta' Dun Ġużepp Demicoli fl-1852 u tlestiet fis-sena 1858. Sa llum il-Knisja hija meqjuma minn nies minn kull rokna ta' Malta. F'din il-Knisja jsiru ż-żwiġijiet.

*The church was built on the site of a wayside shrine dedicated to Christ the Redeemer which was erected in 1807 by Mikielanġ Zammit, who had escaped death when his cab overturned. Work on this church began in 1852 on the initiative of Fr Joseph Demicoli and was completed in 1858. Since then, the church enjoys great veneration from people all over the Island. Marriages may be celebrated in this church.*

RETTUR: Dun Joe Inguanez

**Knisja ta' San Filippu Neri**
Il-knisja nbniet fl-1762 u hija ġuspatronat; fiha jkun hemm ġurnata esposizzjoni ewkaristika kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar.

*The church was built in 1762: every First Friday in the church there is a solemn exposition of the Blessed Sacrament during the whole day.*

RETTUR: Dun Anġ Vella.

**Iċ-Ċimiterju**

**Ftuħ taċ-Ċimiterju:**
**It-Tlieta, il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd.**

**F'Novembru c-Ċimiterju jiftaħ kuljum**



# IL-ĦAMRUN
## PARROĊĊA SAN GEJTANU THIENE

Meta l-Ħamrun kiber ħafna, iż-żewġ knejjes antiki li kien hemm, dik tas-Samra u dik ta' Nuzzu, ma kinux biżżejjed għall-ħtiġijiet tan-nies, u għalhekk bdiet tinbena knisja ġdida li, fuq xewqa tal-Isqof ta' dak iż-żmien, Mons. Gaetano Pace Forno, ġiet dedikata lil San Gejtanu Thiene. Il-knisja bdiet tintuża fl-1875 u saret knisja parrokkjali fl-1881.

*At Ħamrun there were two old churches, the Samra church and the Ta' Nuzzu church, but they were too small to provide adequate religious services to a growing population. A new church was built and was dedicated to St. Cajetan of Thiene, the namesake of the Bishop of the time, Mgr Gaetano Pace Forno. The church was opened for worship in 1875 and in 1881 it became the parish church of Ħamrun.*

Data tad-dedikazzjoni: 26 ta' Settembru 1930.
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fid-9 ta' Awwissu.

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**6.00 am**
**7.30 am**
**9.00 am**
**11.00 am**
**6.00 pm**

**Sibtijiet Filgħaxija**
**6.30 pm**
**7.45 pm**

**Ġranet Ferjali**
**7.00 am**
**9.00 am**
**12.00 (barra Lulju, Awwissu u Settembru)**
**6.30 pm**

MAGĦMUDIJIET: 47; L-EWWEL TQARBINA: 40; KONFERMAZZJONI: 32; ŻWIĠIJIET: 12; FUNERALI: 86.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Grupp Talb għas-Saċerdoti: "Marija Omm is-Saċerdoti".

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (rġiel. nisa. xebbiet u ġuvintur); Grupp Familji Nsara; Leġjun ta' Marija; Mixja Katekumenali; M.U.S.E.U.M. (sez. femminili u sez. maskili)

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja; Liturġija; Xandir tal-Kelma u Katekeżi

**PELLEGRINAĠĠI**: Redentur, Madonna tad-Duluri

**PURĊISSJONIJIET**: San Gejtanu, Qalb ta' Ġesù, Madonna tar-Rużarju, San Ġużepp

## KNEJJES OĦRA

**Knisja tad-Duluri**
Fl-1951 twaqqaf oratorju għat-tagħlim tad-duttrina mill-membri tal-Leġjun ta' Marija f'post mogħti mid-ditta Farsons; aktar tard dik is-sena ngħata permess biex tinbena knisja fil-post: fiha llum jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.

*In 1951 a centre for the teaching of catechism by members of the Legion of Mary was opened in a building given to the parish by Farsons Ltd. Later on, a church was built in the vicinity and today marriages may be celebrated in this church.*

RETTUR: Dun Salv Vella
Telefon: 2123 8359; 2123 1119 (kappella)

GĦAQDIET: Grupp ta' talb, Kariżmatiċi

**QUDDIES**

| Ħdud u Festi | Sibtijiet Filgħaxija |
|---|---|
| 7.00 am | 6.00 pm |
| 8.30 am | |
| 11.30 am | **Ġranet Ferjali** |
| | 7.15 am |
| | 7.00 pm |

**KAPPILLAN**
Dun Walter Cauchi
Segretarja: Ms Rosemary Attard
Tel: 2123 8593 (Uffiċċju u Knisja);
2123 9623 (Dar); Mob: 7993 0470
email:
*parrocca.hamrun.sg@maltadiocese.org*

**Uffiċċju Parrokkjali:**
3, Triq T. Caruana Demajo,
Ħamrun, ĦMR 2043

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa:
4.00 - 6.00 pm

Numru tal-parruċċani: 6,000
Numru tal-familji: 2,050

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Walter Cauchi, Kappillan
Dun Joe Gatt
Mons. Lawrence Gatt
Dun Nikol Debono Montebello
Dun Tancred Sultana
Dun Salv Vella
Dun Andrew Borg
Dun Kevin Schembri

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Moderatur: Sur John Grech
Segretarju: Sur Dione Spiteri

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Segretarju: Sur John Saliba

**Kappella tal-Midalja Mirakuluża**
Ikkonsagrata fit-23 ta' Mejju 1968. Il-Kappella hija parti mid-Dar Ċentrali tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM). Bdiet tinbena fl-1958, u nfetħet għan-nies fl-1964. Fiha hemm il-fdalijiet ta' San Ġorġ Preca u tal-Qaddej ta' Alla, Ewġenju Borg.

*The Chapel was consecrated on the 23rd May 1968 and forms part of the Headquarters of the Society of Christian Doctrine. Its building started in 1958 and it was opened to the public in 1964. It houses the remains of Saint George Preca and of the Servant of God, Eugenio Borg.*

RETTUR: Dun Kevin Schembri
Mob: 7909 2299

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi: 8.00 am**

**Ġranet Ferjali: 7.30 am; 6.00 pm**

### Knisja tal-Madonna tas-Samra

Fil-knisja hi meqjuma xbieha tal-Madonna ta' Atoċja, venerata fil-knisja tad-Dumnikani f'Madrid. Il-kopja nġiebet Malta minn Madrid fl-1631 u nbniet knisja għaliha fuq l-għolja ta' Braxja. Fil-bidu tas-seklu 20 il-knisja kienet tinżamm magħluqa iżda reġa' fetaħha San Ġorġ Preca. Illum tinfetaħ kuljum u fiha jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.

*The church has a copy of the image of Our Lady of Atocia, venerated in the Dominican church of Madrid. The copy was brought to Malta from Madrid in 1631 and a small church was built for it on the ta' Braxja heights. At the beginning of the last century the church was kept closed, but was opened by Saint George Preca: today it is open daily and marriages may be held in it.*

RETTUR: Dun Andrew Borg
Mob: 7982 8153

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi: 8.00 am; 10.15 am**

**Sibtijiet Filgħaxija: 6.00 pm**

**Ġranet Ferjali : 8.00 am**

**ATTIVITAJIET**:
Devozzjoni lejn il-Madonna kull ħmistax tax-xahar.
**ORDNI**: Karmelitan Sekular

### Knisja ta' Nuzzu

Il-knisja hi ddedikata lill-Madonna ta' Portu Salvu; infetħet għall-kult fl-1745 u għamlet żmien bħala viċi parroċċa għan-nies tal-inħawi, sakemm inbniet il-knisja ta' San Gejtanu. Fi żmien il-gwerra fid-dar ħdejha kienu rifuġjati l-patrijiet Tereżjani ta' Bormla wara li l-knisja u l-kunvent tagħhom ġew milqutin mill-bombi. Fiha jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.

*The church dedicated to Our Lady of Good Haven, was built in 1745 and served as a subsidiary parish till the church of St. Cajetan was built. The Discalced Carmelites of Cospicua found refuge in this church when their church in Cospicua was bombed during the war. Marriages may be held in this church.*

RETTUR: Kappillan.
Adorazzjoni Perpetwa: Mit-Tnejn sas-Sibt
bejn it-8.00 am u s-6.00 pm

# IL-ĦAMRUN

## PARROĊĊA IMMAKULATA KUNĊIZZJONI



Meta l-inħawi bejn il-Ħamrun u Gwardamanġa bdew jimtlew bin-nies, inħasset il-ħtieġa li tinbena knisja f'dawk in-naħat u bit-tħabrik ta' Dun Edgar Vella telgħet il-knisja li hemm illum u saret knisja parrokkjali fl-1968.

*The area between Ħamrun and Gwardamangia after the War developed rapidly and the need of a church for the area was soon felt; through the efforts of Fr Edgar Vella the present church was built and it became the parish church of the area in 1968.*

Data tad-dedikazzjoni: 28 ta' Mejju 1988
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fil-5 ta' Lulju.

**QUDDIES**

| Ħdud u Festi | Sibtijiet Filgħaxija |
|---|---|
| 6.30 am | 6.30 pm |
| 8.00 am | |
| 9.30 am | **Ġranet Ferjali** |
| 11.00 am | 6.15 am |
| 6.30 pm | 7.15 am |
| | 8.15 am |
| | 6.30 pm |

MAGĦMUDIJIET: 23; L-EWWEL TQARBINA: 23; KONFERMAZZJONI: 18; ŻWIĠIJIET: 6; FUNERALI: 63.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Ċentru Soċjali Rġiel; Kor Parrokkjali; Grupp Żgħażagħ.

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (nisa, koppji miżżewġin); Grupp Kelma tal-Ħajja; Leġjun ta' Marija (rġiel, nisa); M.U.S.E.U.M. (sez. maskili u sez. femminili); Mixja Katekumenali (10 komunitajiet)

**KAPPILLAN**
Dun Mario Mifsud
Tel: 2123 2643; Mob: 9985 8648
email: *kuncizzjoni@gmail.com*
*parrocca.hamrun.ik@maltadiocese.org*
website:
www.parroccakuncizzjonihamrun.org

**Uffiċċju Parrokkjali:**
54 Triq Manwel Magri,
Ħamrun HMR1871

**Ħinijiet tal-Uffiċċju**:
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa:
9.00 - 10.00 am;
4.30 - 5.45 pm;
Is-Sibt: 9.00 - 10.00 am

Numru tal-parruċċani: 3,702
Numru tal-familji: 1,464

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Mario Mifsud, Kappillan
Mons Joe Bajada
Dun Charles Bugeja
Mons Ġużepp Mifsud Bonniċi
Dun Ivan Sant, Viċi-Kappillan
Dun Hector M Scerri
Dun Joe Fiorini (Dar tal-Kleru)

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: Sur Carmelo Conti
Segretarja: Ms Marianne Zerafa

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Segretarju: Sur Mark Bajada

## KNISJA OĦRA

**Knisja ta' San Franġisk**

Il-patrijiet Franġiskani fetħu kappella żgħira fil-Ħamrun fl-1947, iżda malajr ħassew il-ħtieġa li jkollhom knisja akbar biex jaqdu tajjeb il-ħtiġijiet spiritwali tan-nies tal-qrib. Il-knisja bdiet tinbena fl-1952 u ġiet konsagrata fl-1955. Fil-knisja hemm meqjuma x-xbieha tal-Madonna tas-Sokkors perpetwu. Fil-knisja jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.

*The Friars Minor opened a small chapel at Ħamrun in 1947, but they soon felt the need of building a larger church as the population in the area was increasing rapidly. The church was built in 1952 and dedicated in 1955. The church is a centre of devotion for Our Lady of Perpetual Help. Marriages may be held in the church.*

Data tad-Dedikazzjoni: 25 ta' Mejju 1955

RETTUR: P. Anton Farrugia OFM
Telefon: 2123 4316; 2124 1833
Indirizz: Kunvent San Franġisk,
Triq il-Franġiskani, Ħamrun, ĦMR 1122

email: *info@frangiskani.net*
website: www.frangiskani.net

**QUDDIES**

| Ħdud u Festi | Ġranet Ferjali |
|---|---|
| 6.00 am | 6.00 am |
| 7.30 am | 7 .00 am |
| 9.00 am | 8.30 am |
| 12.00 pm | 6.30 pm |
| | (fix-xitwa: 6.00 pm) |
| Sibtijiet Filgħaxija 6.30 pm | |

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**
ORDNI: Franġiskan sekular
Konfraternità Madonna tas-Sokkors;

GRUPPI: Abbatini San Franġisk; Kor San Franġisk; Grupp ta' Talb San Franġisk; Grupp ta' talb Qalb ta' Ġesu' u Qalb ta' Marija; Gifra (Żgħażagħ Franġiskani); Grupp Koppji Nsara; Komunitatjiet NeoKatekumenali;

GĦAQDIET: Azzjoni Kattolika;



# L-IBRAĠ
## PARROĊĊA TAL-IMMAKULATA OMM IL-KNISJA

Il-knisja tal-Ibraġ inbniet fl-1966, u b'digriet tas-6 ta' Novembru 1989, twaqqfet iż-żona awtonoma ġdida maqtugħa mill-parroċċi ta' Birkirkara, San Ġiljan u Ħal Għarghur. Fl-4 ta' April 1999 saret parroċċa, u llum tiġbor fiha l-oqsma ta' St Andrew's, Swieqi, Ibraġ, Upper Gardens, High Ridge, Victoria Gardens u Madliena.

*The Church at Ibraġ was built in 1966 and by an episcopal decree dated 6 November 1989, an autonomous pastoral zone was established in an area which previously formed part of the parishes of Birkirkara, St. Julian's and Għargħur. On the 4th April 1999, this zone became a Parish and comprises these areas: St Andrew's, Swieqi, Ibraġ, Upper Gardens, High Ridge, Victoria Gardens, and Madliena.*

Il-Festa tiġi ċċelebrata fit-8 ta' Diċembru.

**KAPPILLAN**
Dun Mario Tong
Tel: Knisja:2137 0196; 2137 0196;
Fax: 2137 4459; Mob: 7971 0809;
email: *parrocca.ibrag@maltadiocese.org*
website: www.standrewsparish.com

**Uffiċċju Parrokkjali:**
Knisja tal-Ibraġ, Triq l-Ibraġ,
St Andrew's SWQ 2031.

**Ħinijiet tal-Uffiċċju**:
Kuljum 5.00pm - 6.00 pm

Numru tal-parruċċani: 9,000
Numru tal-familji: 3,000

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Moderatur: Sur Albert Mamo
Segretarja: Ms Nicola Farrugia

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Mario Tong, Kappillan
James Saydon, Viċi-Kappillan
Mons Victor Grech

*Saċerdoti residenti fil-parroċċa*
Mons Victor Grech
Dun Joe Abela

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Segretarju: Sur Richard Cachia

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**7.15 am**
**8.30 am**
**9.45 am** (tat-tfal)
**11.00 am**
**12.15** (bl-Ingliż)
**6.30 pm**

**Festi pubbliċi**
**7.00 am**
**8.00 am**
**6.30 pm**

**Ġranet ferjali**
**7.00 am**
**8.00 am**
**6.30 pm**

**Sibtijiet**
**9.00 am**
**5.15 pm**
**6.30 pm**

MAGĦMUDIJIET: 56; L-EWWEL TQARBINA 61; KONFERMAZZJONI: 78; ŻWIĠIJIET: 8; FUNERALI: 30.

**GRUPPI PARROKKJALI**:
Abbatini, Carismatics, Mother and Baby Club, Social Club.

**KUMMISSJONIJIET**:
Ambjent; Amministrazzjoni; Djakonija; Familja; Kateketika; Liturġija; Żgħażagħ.

**GĦAQDIET**:
Grupp Kariżmatiku; Leġjun ta' Marija; Grupp Kelma tal-Ħajja.

**Knisja ta' Santa Marija Maddalena**
Fuq l-għolja tal-Madliena sa mis-sena 1490 kien hemm knisja ddedikata lil Santa Marija Maddalena; il-Kappella li hemm illum inbniet fl-1880.

*Since 1490 there existed on Madliena hill a church dedicated to St. Mary Magdalen; the present chapel was built in 1880.*

RETTUR: Dun Tony Agius.



# L-IKLIN

## PARROĊĊA FAMILJA MQADDSA

Din il-parroċċa kienet tifforma parti mill-Parroċċa ta' Ħal Lija u ġiet imwaqqfa bħala Żona Pastorali Awtonoma b'Digriet tal-25 ta' Jannar 2003 u b'effett mill-15 ta' Frar 2003. Ġiet imwaqqfa bħala parroċċa fid-19 ta Marzu, 2005.

*L-Iklin formed part of the parish of Lija and was erected as an autonomous pastoral zone on the 15th February 2003 by a Decree issued on the 25th January 2003. L-Iklin became a parish on the 19th March, 2005.*

Il-Festa se tiġi ċċelebrata fl-24 ta' Jannar

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**8.30 am**
**10.00 am**
**11.15 am**
**6.00 pm**

**Sibtijiet filgħaxija**
**6.00 pm; 7.45 pm**

**Ġranet ferjali**
**6.45 am**
**8.30 am**
**6.15 pm**

MAGĦMUDIJIET:21; L-EWWEL TQARBINA:26; KONFERMAZZJONI: 34; ŻWIĠIJIET: 1; FUNERALI: 11.

**KAPPILLAN**
Dun Keith Bonnici
Tel: 2142 3003 (Uff./Knisja);
Mob: 7997 2444;
email: *parrocca.iklin@maltadiocese.org*
website: www.parroccaiklin.com

**Uffiċċju Parrokkjali:**
Parroċċa Familja Mqaddsa, Pjazza Ninu Cremona, l-Iklin, IKL 1302

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn: 5.00 - 7.00 pm
L-Erbgħa: 6.00 - 8.00 pm
Il-Ħamis u s-Sibt: 9.00 - 11.00 am

Numru ta' Parruċċani: 3,200
Numru tal-familji: 950

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Keith Bonnici
Dun Pawl Camilleri
Mons Anton Vella

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Chairperson: Sur Joe Salomone
Segretarju: Sur Alfred Musù

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
Moderatur: Ms Josette Cremona

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Anzjani; Evanġelizzazzjoni; Fundraising; Katekisti; Kor; Liturġija Tfal; Ministri Tqarbin

**GĦAQDIET**: Leġjun ta' Marija; Żgħażagħ Azzjoni Kattolika (ZAK)

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja; Kateketika; Implimentazzjoni tas-Sinodu; Tfal; Liturġija.

**PURĊISSJONIJIET**: Qalb ta' Ġesu, Madonna tar-Ružarju.



# IL-KALKARA PARROĊĊA SAN ĠUŻEPP

Meta l-Kalkara bdiet timtela bin-nies, fl-1890, inbniet knisja dedikata lil San Ġużepp: din ġiet konsagrata fis-sena 1921, iġġarrfet bil-bombi fil-gwerra u flokha nbniet oħra f'post aktar ċentrali. Il-Kalkara saret parroċċa fl-1898.

*With people moving to Kalkara, the need of a church was felt and in 1890 a church dedicated to St. Joseph was built. Kalkara became a parish in 1898 and the parish church was consecrated in 1921. Bombs demolished the church during the last war and a new church was built in a more central position.*

Data tad-Dedikazzjoni: 12 ta' Diċembru 1954
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fid-19 ta' Lulju.

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi:**
**Filgħodu: 7.00; 8.30; 10.30**
**Filgħaxija: 5.30 (xitwa); 6.00 (sajf)**

**Sibtijiet Filgħaxija:**
**6.00 pm (xitwa); 6.30 pm (sajf)**

**Ġranet Ferjali:**
**7.30 am (matul l-iskola)**
**8.00 am (Sibtijiet u fis-sajf)**
**6.00 pm (xitwa); 6.30 pm (sajf)**

MAGĦMUDIJIET: 20; L-EWWEL TQARBINA: 30; KONFERMAZZJONI: 29; ŻWIĠIJIET: 21; FUNERALI: 28.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**
FRATELLANZI: Arċikonfraternità ta' San Ġużepp.

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; CLC; Grufan; Kor Parrokkjali "San Ġużepp"; Kor tat-Tfal "Angel Voices"; Grupp Nisa; Grufan; Kor taż-Żgħażagħ; Grupp Adolexxenti u Żgħażagħ

**GĦAQDIET**: M.U.S.E.U.M. (sez. Maskili), Tiġdid Kariżmatiku, Duttrina Bniet.

**PURĊISSJONIJIET**: San Ġużepp, Corpus Christi, Madonna tad-Duluri, Madonna tar-Ružarju, Redentur.

**PELLEGRINAĠĠ:** Redentur

**KAPPILLAN**
Dun Ronnie Zammit
Tel: 2182 6438; Mob: 7906 0158;
email:
*parrocca.kalkara@maltadiocese.org*
Facebook: Parrocca San Ġużepp Kalkara

**Uffiċċju Parrokkjali:**
Dar Parrokkjali,
Misraħ L-Arċisqof Gonzi,
Kalkara KKR 1511

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
L-Erbgħa u l-Ġimgħa: 4.30 sal-5.30 pm

Numru tal-parruċċani: 3,010
Numru tal-familji: 1,000

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Ronnie Zammit
Mons. Pawl Raggio
Dun John Berry

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Moderatur: Sur John Genovese

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: il-Kappillan,
Sur Martin Navarro
Sur Victor Delceppo

# KNEJJES OĦRA

**Kappella ta' Wied Għammieq**
Il-morda bil-kolera li fl-1837 mietu fil-fortizza tar-Rikażli ġew midfuna f'Ċimiterju li tħejja malajr għalihom; fl-1878 iċ-Ċimiterju ġie rranġat u sar ċentru ta' devozzjoni lejn l-erwieħ.

*The 1837 cholera victims who died in Fort Ricasoli were buried in a cemetery hastily erected at Wied Għammieq. In 1878 the cemetery was given a facelift and became a centre of prayer for the souls of the faithful departed.*

RETTUR: Il-Kappillan
Kuratur: Sur Manwel Calleja
Telefon: 2169 0339

**QUDDIES**

**Ħdud biss: 11.30 am**
**L-ewwel Tnejn tax-xahar: 9.30 am**

**Kappella tas-Salvatur**
Fuq l-għolja tas-Salvatur bejn id-daħliet tar-Rinella u tal-Kalkara kien hemm kappella antika ħafna li ġġarfet fi żmien l-Assedju l-Kbir; inbniet mill-ġdid fl-1651 u, fi żmien il-gwerra, wara li ġġarfet il-knisja ta' San Ġużepp, serviet bħala knisja parrokkjali. Bħalissa qed tiġi restawrata.

*On the hill between Rinella and Kalkara creeks there was a very old chapel which was destroyed during the Great Siege of 1565. In was rebuilt in 1651 and served as a parish church when the church of St. Joseph was destroyed by bombs during the last war. At present the chapel is being restored.*

**QUDDIES**

**L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar : 9.00 am**

RETTUR: Il-Kappillan

**Knisja ta' Santa Barbara**
**(magħrufa bħala Santa Liberata)**
Fl-1736 il-Kapuċċini bdew jibnu kunvent u knisja fit-triq bejn Ħaż-Żabbar u l-Kalkara; ix-xogħol tlesta fl-1743 u fit-2 ta' Awwissu tal-istess sena l-knisja ġiet imbierka u miftuħa għan-nies. Fl-1752 il-fdal tal-martri Santa Liberata ġie mogħti lill-patrijiet mill-Papa Benedittu XIV. Fil-knisja jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.

*In 1736 the Capuchins started building a friary and a church on the road leading from Żabbar to Kalkara. The building of the church and friary was completed in 1743 and on the 2nd August of that same year the church was blessed and opened to the public. In 1752 Pope Benedict XIV gave the relics of the martyr St. Liberata to the friars to be venerated in their church. Marriages may be celeebrated in the church.*
Data tad-Dedikazzjoni:18 ta' Ġunju 1747.

RETTUR: P. Effie Mallia, OFMCap
Telefon: 2182 5724; 2180 0612

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**6.00 - 7.00 - 8.00 - 10.00 am**

**Sibtijiet filgħaxija**
**6.00 pm (xitwa) 6.30 pm (sajf)**

**Ġranet Ferjali**
**6.45 am**
**6.00 pm (xitwa)**
**6.30 pm (sajf)**

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**
**ORDNI**: Franġiskan Sekular

**GRUPPI** : Abbatini; Kor Shalom (tfal); Kor Adonai (kbar); Għaqda Nisa Santa Liberata; Gruppi Pre-teens; GiFra; Ċentru Vokazzjonijiet Kappuċċini; Klassijiet tad-duttrina.



# ĦAL KIRKOP

## PARROĊĊA SAN LEONARDU

Ħal Kirkop sar parroċċa fis-sena 1592, u l-knisja, li kienet ilha mis-sena 1500, bejn l-1706 u l-1779 ġiet imkabbra u fl-1800 żdidulha ż-żewġ kampnari: ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Labini fl-10 ta' Novembru 1782. It-titular tal-parroċċa hu San Leonardu de Noblat.

*Kirkop became a parish in 1592. The parish church built in 1500 was enlarged between 1706 and 1779 and the two belfries were added in 1800. Bishop Labini consecrated the church on the 10th November 1782, dedicating it to Saint Leonard de Noblat.*

Data tad-dedikazzjoni: 10 ta' Novembru 1782.
Il-Festa ta' San Leonardu se tiġi ċċelebrata fit-23 ta' Awwissu.
Il-Festa ta' San Ġużepp se tiġi ċċelebrata fit-12 ta' Lulju.

**QUDDIES**

| **Ħdud u Festi** | **Sibtijiet Filgħaxija** |
|---|---|
| **7.00 am** | **6.00 pm (xitwa)** |
| **8.30 am** | **6.30 pm (sajf)** |
| **10.00 am** | |
| **6.00 pm** | **Ġranet Ferjali** |
| | **7.45 am** |
| | **6.30 pm** |

MAGĦMUDIJIET: 10; L-EWWEL TQARBINA: 20; KONFERMAZZJONI: 23; ŻWIĠIJIET: 6; FUNERALI: 12.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Grupp Koppji 'Nazareth'; Grupp Żgħażagħ Koppin; Kirkop Pageant Group.

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (Nisa); Għaqda Emmaus Irġiel; Leġjun ta' Marija (Nisa); M.U.S.E.U.M. (Sez. maskili); Duttrina Bniet.

**KUMMISSJONIJIET**: Familja; Kateketika; Liturġija; Żgħażagħ.

**PELLEGRINAĠĠI**: Madonna ta' Fatima (f'nofs Mejju); Vjatku Solenni: Ħadd wara l-Għid il-Kbir; Erwieħ (l-ewwel Ħadd ta' Novembru).

**KAPPILLAN**
Dun Noel Camilleri
Tel: 2164 2893; Mob: 9942 8569
Email: *parrocca.kirkop@maltadiocese.org*
*parrkirk@maltanet.net*

**Uffiċċju Parrokkjali**
2, Triq il-Parroċċa, Ħal Kirkop KKP 1011

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tlieta u l-Ġimgħa: 4.00 - 5.30 pm

Numru tal-parruċċani: 2,200
Numru tal-familji: 670

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Noel Camilleri, Kappillan

*Saċerdot residenti fil-parroċċa:*
Dun Frans Abdilla

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Moderatur: Sur Josef Busuttil
Segretarja: Ms Rose Mizzi

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Segretarja: Ms Rose Mizzi
Membru: Ms Maddalena Mizzi

PURĊISSJONIJIET: San Leonardu, San Ġużepp, Corpus Christi, Madonna tar-Rużarju, Madonna tad-Duluri

# KNEJJES OĦRA

**Il-Lunzjata**

Il-knisja l-ewwel li nbniet kien fl-1450; ingħalqet fl-1575 minn Mons. Dusina u reġgħet infetħet fl-1754. Illum qed tintuża biex fiha ssir l-Adorazzjoni mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-10.00 am sas-1.00 pm.

*The chapel was built in 1450, closed in 1575 by Mgr. Dusina and re-opened in 1754. At present it is being used for Eucharistic Adoration between 10.00 am and 1.00 pm from Monday to Friday.*



# ĦAL LIJA

## KNISJA PARROKKJALI TAS-SALVATUR

Ir-raħal ta' Ħal Lija sar parroċċa fis-6 ta' Frar 1594 u mitt sena wara beda l-bini tal-knisja tas-Salvatur li hemm illum; il-knisja ġiet ik-konsagrata mill-Isqof Labini fil-25 ta' Lulju 1782.

*Lija became a parish on the 6th February 1594 and a hundred years later the present church was built; it was dedicated by Bishop Labini on the 25th July 1782.*

Data tad-dedikazzjoni: 25 ta' Lulju 1782.
Il-Festa tiġi ċċelebrata fis-6 ta' Awwissu.

**QUDDIES**

| Ħdud u Festi | Ġranet Ferjali |
|---|---|
| 7.00 am | 6.00 am |
| 8.00 am | 7.00 am |
| 9.30 am | 8.30 am |
| 11.00 am | 6.30 pm |
| 5.30 pm | |

**Sibtijiet Filgħaxija**
6.30 pm

MAGĦMUDIJIET: 42; L-EWWEL TQARBINA: 45; KONFERMAZZJONI: 33; ŻWIĠIJIET: 23; FUNERALI: 40.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**FRATELLANZI**: Sagrament, Ċintura, Rużarju.

**GRUPPI PARROKKJALI**:
Abbatini; Grupp EBDA; Grupp Nisa Miżżewġa; Grupp Liturġija tal-Ħadd; Grupp Adolexxenti; Grupp Żgħażagħ;Klabb għall-Anzjani; Kor Parrokkjali "Tabor"; Fund Raising Group; Mother & Baby Club; Grufan.

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika Xebbiet, Grupp Kariżmatiku; Leġjun ta' Marija (tfajliet, nisa, rġiel); M.U.S.E.U.M. (sez. maskili u sez. femminili)

**KAPPILLAN**
Kan. Dun Joe Cilia
Tel: 2144 2553; Mob: 7990 7969
email: *parrocca.lija@maltadiocese.org*

**Uffiċċju Parrokkjali:**
47, Misraħ tat-Trasfigurazzjoni,
Ħal Lija, LJA 1034

*The chapel dates from the 16th century and was enlarged in 1680. It is open from Monday to Friday for the benefit of the faithful who visit the church to pray to Our Lady of Sorrows and for Eucharistic Adoration.*

**Kappella taċ-Ċimiterju**
Il-kappella nbniet fl-1910 u hi ddedikata lil Ġesù Nazzarenu.
*The chapel was built in 1910 and dedicated to Jesus of Nazareth.*



# L-IMSIDA
## PARROĊĊA SAN ĠUŻEPP

L-Imsida saret parroċċa fl-1867 u sas-sena 1889 bħala knisja parrokkjali kien hemm il-knisja antika tal-Kunċizzjoni. Il-knisja li hemm illum, dedikata lill-Patroċinju ta' San Ġużepp, infetħet għall-kult fis-sena 1889.

*Msida became a parish in 1867 and for several years the old church of the Immaculate Conception served as parish church. The present church came into use in 1889.*

Data tad-Dedikazzjoni: 22 ta' April 1894
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fil-19 ta' Lulju

**QUDDIES**

| Ħdud u Festi | Sibtijiet Filgħaxija |
|---|---|
| 6.30am | 5.15pm |
| 8.00am | 6.30 pm |
| 9.30am | |
| 11.00 am | **Ġranet Ferjali** |
| 6.00 pm | 6.30am |
| | 8.00am |
| | 6.00 pm(xitwa) |
| | 6.30 pm |

MAGĦMUDIJIET: 30; L-EWWEL TQARBINA:45; KONFERMAZZJONI: 61 + adulta ; ŻWIĠIJIET: 16; FUNERALI: 40.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**
**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Kor Parrokkjali; Grupp Familji Nsara; Persuni bi Bżonnijiet Speċjali; Terz'Ordni Sekulari Franġiskan; Terz'Ordni Karmelitan.

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika, (xebbiet); Gruppi Karizmatiċi: Ħabbara tal-Mulej - Ir-Ragħaj it-Tajjeb; Leġjun ta' Marija (rġiel u nisa); Mixja Katekumenali; M.U.S.E.U.M. (sez. maskili u sez. femminili).

**KUMMISSJONIJIET**: Familja; Kateketika; Djakonija ; Liturġija.

**PURĊISSJONIJIET**: Corpus Christi, Qalb ta' Ġesu', Madonna tad-Duluri, Madonna tar-Rużarju, San Franġisk.

## KNEJJES OĦRA

### Knisja tal-Kunċizzjoni

Il-knisja hi antika ħafna, u hi knisja trogloditika, li skont Mons. Dusina kienet dedikata lill-Madonna tas-Sokkors. Fl-1640 inbniet mill-ġdid dik il-parti tal-knisja li hi barra mill-għar u fl-1670 żdiditilha sagristija. Fl-1835 l-Imsida saret viċi-parroċċa u fl-1867, meta l-Imsida saret parroċċa, il-knisja tal-Kunċizzjoni saret il-knisja parrokkjali sakemm inbniet il-knisja ta' San Ġużepp.

*This is a troglodytic church and according to Mgr Dusina originally it was dedicated to Our Lady of Perpetual Help. The front part of the church was rebuilt in 1648 and a sacristy was added to it in 1670. In 1835 Msida became a subsidiary of the parish of Birkirkara and in 1867 a parish in its own right. The church of the Immaculate Conception became the parish church until the present church of St. Joseph was built.*

RETTUR: Il-Kappillan

**QUDDIES**

| | |
|---|---|
| **Ħdud u Festi**<br>**7.30 am** | **Ġranet Ferjali**<br>**It-Tlieta,**<br>**fis-7.30 am** |

**KAPPILLAN**
Dun Norman Zammit
Tel: 2133 4949 (Uffiċċju);
27201873 (Dar);
Mob: 79030801
email: *parrocca.msida@maltadiocese.org*
*normanzammit73@gmail.com*

**Uffiċċju Parrokkjali:**
92, Triq il-Knisja, l-Imsida MSD1531

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn: 9.30 - 11.00 am; 5.00 - 6.00 pm
L-Erbgħa: 9.30 - 11.00 am
Il-Ġimgħa: 5.00 - 6.00 pm

Numru tal-parruċċani: 8,500
Numru tal-familji: 2,400

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Norman Zammit, Kappillan
Kan. Dun Alfred Camilleri
Dun Brendan Gatt
Dun Manwel Martinelli

**Saċerdot residenti fil-parroċċa:**
Dun Alex Bezzina

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Moderatur: Sur Maurice Agius
Segretarju: Sur Alfred Camilleri

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: il-Kappillan

**Knisja tas-Sorijiet Franġiskani**
Fl-1961 is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fetħu skola l-iMsida u l-kappella tal-iskola nfetħet għan-nies tal-lokalità.

*The Franciscan Sisters of the Sacred Heart opened a school at Msida in 1961, and made the chapel of the school available to the people residing in the locality.*

RETTUR: Il-Kappillan

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**7.15 am**
**10.00 am**

**Ġranet Ferjali**
**6.30 am**
**8.15 am**

***Quddiesa fis-6.30 p.m. fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar, f'Ras ir-Randan u fl-Għid tal-imwiet.***

**Kappella tad-Dar P Manwel Magri**
Fl-1992 il-patrijiet Ġiżwiti fetħu dar maġenb l-Universita u l-kappella tad-dar hi miftuħa għan-nies tal-viċin u għal gruppi ta' talb.

*In 1992 the Jesuits opened a residence near the University and the chapel is open to the residents of the locality and for Prayer Groups.*

Triq Mons. Carmelo Zammit,
Msida MSD 2020
Tel. 2134 4349; Fax 2131 0564;
email: *jesuits.msida@gmail.com*

**Kappella San Tumas More**
Tel. 2340 2340
email: *chaplaincy@campus.um.edu.mt*

Hi l-kappella tal-Università u l-ewwel ġebla tqiegħdet fl-1977: inbniet mill-Knisja ta' Malta bħala ċentru pastorali ta' ħidma mal-istudenti.

*The Church in Malta built the University chapel in 1977 to serve as a Campus Christian centre for pastoral activities among the students.*

RETTUR: Fr Michael Bugeja SJ,
University Chaplain.

**QUDDIES**

**It-Tnejn, it-Tlieta u l-Ħamis: 12.30 pm**

**It-Tlieta : 7.20 am**
**12.30 pm (in English)**

**L-Erbgħa u l-Ġimgħa: 12.30 pm**

**Il-Ħamis : 7.20 am**

**Is- Sibt: 7.30 pm; 9.00 pm**

**Il-Ħadd: 8.15 am**

**Mass in English**:

**"Alive on Sunday":**

**every three weeks at 11.30 am and weekly on Tuesdays at 12.30 pm**



# L-IMTARFA

## PARROĊĊA SANTA LUĊIJA Verġni u Martri

L-Imtarfa, li fiż-żmien kienet parti mill-parroċċa tar-Rabat, ġiet dikjarata Żona Pastorali Awtonoma fid-19 ta' April 2000, wara li matul dawn l-aħħar snin kibret b'rata mgħaġġla. Saret parroċċa b'Digriet ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca fit-8 ta' Diċembru 2004.

*The locality of Mtarfa, formerly part of the parish of Rabat, grew considerably during these last years. It was declared an Autonomous Pastoral Zone on the 19th April, 2000 and made a parish by the Decree of Archbishop Joseph Mercieca on the 8th December, 2004.*

Il-Festa tiġi ċċelebrata fit-13 ta' Diċembru.

## KAPPELLI OĦRA

**Kappella Santa Luċija**

Din il-kappella tmur lura sa qabel l-1460 u baqgħet tintuża regolarment sal-1980, meta mbagħad bdiet tintuża l-kappella ta' San Oswald. Issa din il-kappella ġiet restawrata għall-istat oriġinali tagħha u kultant tintuża għall-adorazzjoni.

*This Chapel dedicated to St Lucy was built before 1460 and was still used regularly up to 1980, when the local community started to congregate at St Oswald's Chapel. This chapel has now been restored to its original state and is occasionally used for Eucharistic Adoration.*

**Kappella San Oswald**

Din il-kappella nbniet bħala parti mill-Isptar li l-Ingliżi kellhom fl-Imtarfa u sal-lum huwa skola sekondarja. Din il-kappella bdiet tintuża mill-komunità tal-Imtarfa fl-1980 u għadha tintuża kuljum.

*This chapel formed part of the Hospital serving British Forces in Malta and is now being used as a secondary school. The residents of Mtarfa started using this chapel daily since 1980.*

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Katekisti; Kor Parrokkjali; Koppji; Ommijiet; Pre-adolexxenti; Żgħażagħ

**MOVIMENTI**: Grupp Kariżmatiku; Grupp tal-Kelma tal-Ħajja.

**KUMMISSJONIJIET**: Ekonomiku; Familja; Implimentazzjoni Sinodu; Liturġija; Djakonija Kateketika.

**PURĊISSJONIJIET**: Corpus Christi; Duluri.

**KAPPILLAN**
Dun Denis Schembri
Tel: 2145 4234 (Uffiċċju);
Mob: 9964 0846;
email: *parrocca.mtarfa@maltadiocese.org*

**Uffiċċju Parrokkjali:**
Ċentru Pastorali Santa Lucija,
Triq ir-Reġimenti Maltin, Mtarfa MTF 1540

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tlieta: 9.00 - 11.30 am
Il-Ħamis: 4.30 - 6.30 pm

Numru tal-parruċċani: 2,300
Numru tal-familji: 730

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Denis Schembri,Kappillan
Mons. Joe Magro

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Segretarja: Mrs Nathalie Heywood

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Segretarju: Sur Charles Bugeja

MAGĦMUDIJIET: 9; L-EWWEL TQARBINA: 29; KONFERMAZZJONI: 42; ŻWIĠIJIET: 1; FUNERALI: 8.

**QUDDIES -**

**Ħdud u Festi:**
**8.00 am (San Oswald)**
**9.00 u 11.00 am (Parroċċa)**
**6.30 pm (Parroċċa)**

**Is-Sibt:**
**8.00 am (San Oswald)**
**6.30 pm (Parroċċa)**

**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa:**
**7.45 am (Parroċċa)**
**6.30 pm (San Oswald)**



# IN-NAXXAR
## PARROĊĊA MARIJA BAMBINA

In-Naxxar kien wieħed mill-għaxar parroċċi li kien hawn f'Malta fl-1436. Il-knisja li hemm illum inbniet minn Tumas Dingli bejn is-snin 1616 u 1630, u biż-żmien żdidulha n-navati tal-ġnub u saret faċċata ġdida.

*Naxxar was one of the ten parishes which existed in 1436. The present church was built by Tumas Dingli between 1616 and 1630; later on side aisles were added and a new facade was built.*

Data tad-Dedikazzjoni: 11 ta' Diċembru 1729
Il-Festa tiġi ċċelebrata fit-8 ta' Settembru

**QUDDIES**

| Ħdud u Festi | Ġranet Ferjali |
|---|---|
| 6.00 am | 6.00 am |
| 7.00 am | 6.45 am |
| 8.30 am | 7.45 am |
| 9.30 am | 8.45 am |
| 11.00 am | 6.30 pm |
| 5.00 pm (xitwa) | |
| 5.30 pm (sajf) | |
| 6.30 pm (xitwa) | |
| 6.30 pm(sajf) | |

**Sibtijiet filgħaxija**
5.00 pm
6.30 pm

**ARĊIPRIET**
Dun David Gauci B.A. S.Th.L.
Tel: 2143 5376 (uff); 2141 2475 (dar); 2143 7767 (knisja);
Mob: 7960 4754;
email: *parrocca.naxxar@maltadiocese.org*
website: www.bambinanaxxar.org

**Uffiċċju Parrokkjali:**
26, Misraħ ir-Rebħa, Naxxar NXR 1700
Kull korrispondenza għandha tintbagħat:
Domus Curialis, 133, Main Str., Naxxar

**Ħinijiet tal-Uffiċċju**:
It-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa:
10.00am - 11.30 pm; 5.00 - 6.30 pm

Numru tal-parruċċani: 15,500
Numru tal-familji: 4,300

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Kan. David Gauci, Arċipriet
Dun Stefan Galea, Viċi
Dun Gerald John Micallef, Viċi
Patri Salv Sammut S.J., Awżiljarju
Dun Ray Toledo
Dun Tony Agius
Kan. Michael Agius, Rettur S. Pawl tat-Tarġa
Dun Ray Zammit, Rettur Sagħjtar
Dun Karm Catania

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: Ms Claire Zammit
Segretarja: Ms Dorothy Fenech

MAGĦMUDIJIET: 113; L-EWWEL TQARBINA: 138; KONFERMAZZJONI: 100; ŻWIĠIJIET: 138; FUNERALI: 71.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**FRATELLANZI** : Sagrament, Duluri, Rużarju, San Ġużepp

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Grupp Persuni Bżonnijiet Speċjali; Korijiet Parrokkjali *"Iubilate Deo" , "Gaudete in Domino" u "Pueri Cantores";* Romol.

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (rġiel, nisa); Leġjun ta' Marija (rġiel, nisa); Caritas Anzjani; Moviment tal-Fokolari; Moviment Kariżmatiku Kattoliku; M.U.S.E.U.M. (sez. maskili u sez. femminili); Grupp Żgħażagħ Parroċċa u Sagħjtar; Terzjarji Karmelitani.

**KUMMISSIJONIJIET**: Djakonija; Familja; Kateketika; KIS; Liturġija

**PELLEGRINAĠĠI**: Ras ir-Randan; Redentur; Duluri

**PURĊISSJONIJIET**: Il-Festa tal-Vitorja, Ġimgħa l-Kbira, Rxoxt, Corpus Domini, Qalb ta' Ġesù, Madonna tar-Rużarju, San Ġużepp.

# KNEJJES OĦRA

**Knisja ta' San Ġwann**
Inbniet wara s-sena 1575 u ġiet magħluqa fl-1658 flimkien ma' ħafna knejjes oħra tal-kampanja mill-Isqof Balaguer; inbniet mill-ġdid fis-seklu tmintax.
*Built in 1575, it was closed by Bishop Balaguer in 1658, but rebuilt again in the 18th century.*

RETTUR: Kan. David Gauci, Arċipriet

**QUDDIES**
**Ħdud u Festi : 7.30 am**
**Mit-Tnejn sas-Sibt : 7.00 am**

**Knisja tal-Kunċizzjoni**
Inbniet fil-bidu tas-seklu sbatax u fiha jinsab il-fdal tal-martri San Fidiel li kien inġieb minn Ruma fl-1839.
*The church was built during the first years of the 17th century; the relics of St. Fidelis, brought from Rome in 1839, are venerated in the church.*

RETTUR: P. Danjel Bonello OP

**QUDDIES**
**Kuljum: 7.00 a.m.**

Għaqda: Lajċi Dumnikani

**Kappella ta' Santa Luċija**
Il-kappella hija antika ħafna u kienet teżisti fis-sena 1500; inbniet mill-ġdid fis-seklu sbatax.
*This is a very old chapel which already existed in 1500; it was rebuilt in the 17th century.*

RETTUR: Dun Karm Catania

**QUDDIES**
**Ħdud biss: 8.00 am**

**Knisja ta' Santa Marija tal-Magħtab**
L-ewwel knisja nbniet fl-1500 u reġgħet inbniet qrib is-sena 1690.
*The original church was built in 1500 but was rebuilt around 1690.*

RETTUR: Kan. David Gauci, Arċipriet

**QUDDIES**
**Sibt: 5.30 pm** *(xitwa)*
**7.00 pm** *(sajf)*

**Knisja ta' San Ġakbu**
Inbniet fis-seklu sittax u ngħalqet fl-1658 flimkien ma' ħafna knejjes oħra tal-kampanja; infetħet mill-ġdid xi għoxrin sena wara.
*The church was built in the 16th century but was closed by the bishop in 1658; twenty years later it was opened again.*

RETTUR: Kan. David Gauci, Arċipriet

**QUDDIES**
**Nhar il-Festa (25 ta' Lulju)**
**7.30 pm**

**Knisja Familja Mqaddsa, Sagħjtar**
Telefon: 2141 9515 ; 2141 0341

RETTUR: Dun Ray Zammit

**QUDDIES**
**Ħdud u Festi**
**8.15 u 10.15 am**

**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa**
**7.00 pm**

**Sibtijiet filgħaxija: 6.00 pm**
**7.30 pm**

### Knisja ta' San Pawl tat-Tarġa

Tradizzjoni antika tgħid li l-knisja tinsab fil-post fejn San Pawl ippriedka u nstema' minn Għawdex. Il-knisja li hemm illum inbniet fl-1696 skont data li hemm fuq il-bieb tal-ġenb. Fiha jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.

*According to an old tradition the church stands on the site where St. Paul preached and was heard in Gozo. The present church dates from 1696. Marriages may be celebrated in it.*

RETTUR: Kan. Michael Agius

**QUDDIES**

**Is-Sibt: 6.00 pm**

### Kappella taċ-Ċimiterju

Iċ-Ċimiterju beda jinbena fl-1932 u tliet snin wara sar l-ewwel dfin fih: fil-kappella ssir Quddiesa kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa fil-5.00 pm.

*The cemetery was built between 1932 and 1935; Mass is said daily in the chapel from Monday to Friday at 5.00 pm.*

### Knisja ta' Santa Marija tax-Xagħra

Inbniet għall-ħabta tal-1500, u reġgħet inbniet fl-1690. Skont tradizzjoni, kavallier, kunjomu Xara, għamel wegħda lill-Madonna li jekk teħilsu mill-għarqa jibni kappella ad unur tagħha. Malli qala' l-grazzja temm il-wegħda li kien għamel u bena din il-kappella.

*The church was built about the year 1500 and rebuilt in 1690. Tradition says the church was first built by Knight Xara who had made a vow that he would build a church dedicated to the Virgin Mary if he survived a shipwreck: the grace was granted and he built this chapel in thanksgiving to Our Lady.*

RETTUR: Kan. Michael Agius.

### Santwarju tal-Madonna tat-Triq

Fl-1945 il-Markiż Scicluna ta lill-Ġiżwiti d-dar tiegħu tan-Naxxar biex jużawha bħala novizzjat; madwar din id-dar qadima l-Ġiżwiti tellgħu korp ta' bini ġdid bejn 1950 u 1954. Il-kappella tad-dar hi dedikata lill-Madonna tat-Triq.

*In 1945 Marquis Scicluna gave the house he had in Naxxar to the Jesuits to use as their novitiate; between 1950 and 1954 they enlarged the building and dedicated the chapel to Our Lady of the Way.*

RETTUR: P Paul Zammit SJ
Telefon: 2141 0348; 2141 0349

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 7.30 am**

**Ġranet Ferjali: 7.30 am; 8.15 am**

### Santwarju Ġesù Ħniena Divina

F'Lulju tas-sena 2007 ġiet imwaqqfa Żona Pastorali li tkopri l-inħawi ta' Birguma u San Pawl tat-Tarġa. Is-servizzi pastorali ta' din iż-Żona, inklużi żwiġijiet u funerali, jingħataw mill-Knisja ddedikata lil Ġesù Ħniena Divina u miċ-Ċentru Pastorali anness, li jservi wkoll bħala Ċentru tad-Duttrina. L-ewwel ġebla ta' dan is-Santwarju (li jesa' 800 ruħ) ġiet imbierka nhar it-3 ta' Awwissu, 2003, filwaqt li l-ewwel Quddiesa ġiet iċċelebrata nhar il-Festa tal-Ħniena Divina fit-30 ta' Marzu 2008.

*After the formation of the new Pastoral Zone comprising Birguma and San Pawl tat-Tarġa was formed in July 2007, pastoral services, including weddings and funerals, were offered from the National Shrine "Jesus Divine Mercy", which has a seating capacity of 800 persons, and from the adjacent Pastoral Centre, which serves also as a Catechism Centre. The foundation stone of this Sanctuary was blessed on the 3rd August 2003 and the first Mass was celebrated on the Feast of the Divine Mercy, 30th March 2008.*

**RETTUR**: Kan. Michael Agius
**ADDRESS**: Triq Santa Marija, Naxxar NXR 1400
**Tel**: 2158 1266; Mob: 7961 8727;
**email**: *dvnmercy@maltanet.net*

**QUDDIES**

**Nhar ta' Sibt : 6.45 pm**
**5.00 pm (xitwa biss)**
**Ħdud: 8.30 am; 10.00 am**
**11.30 am (bl-Ingliż)**
**Ferjali: 8.30 am**
**Ġimgħa: 3.30 pm (xitwa biss)**



# PAOLA
## PARROĊĊA KRISTU RE

Raħal Ġdid sar parroċċa fl-1910, u dak iż-żmien il-knisja parrokkjali kienet dik ta' Santa Ubaldeska, li l-Gvern kien taha lill-Knisja: għalkemm tkabbret, kienet żgħira wisq għan-nies li bdew imorru joqogħdu f'Raħal Ġdid u għalhekk inbniet knisja ġdida dedikata lil Kristu Re.

*Paola, or, as it is popularly known, Raħal Ġdid (the new village), became a parish in 1910, and the parish church then was the church of St. Ubaldesca, which the Government gave to the Church. But this church was too small for the population of the locality and so the present church dedicated to Christ the King was built.*

Data tad-Dedikazzjoni: 3 ta' Ġunju 1967
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fit-26 ta' Lulju

**QUDDIES**

| Ħdud u Festi | Ġranet Ferjali |
|---|---|
| 6.30 am | 6.00 am |
| 8.00 am | 7.00 am |
| 9.30 am | 7.45 am |
| 11.00 am | 8.30 am |
| 6.00 pm | 10.00 am |
| 7.30 pm | 6.00 pm (Xitwa) |
| (Ħdud biss) | 6.30 pm (Sajf) |

**Sibtijiet Filgħaxija**
**6.00 pm** (Xitwa); **6.30 pm** (Sajf)

MAGĦMUDIJIET 40; L-EWWEL TQARBINA; KONFERMAZZJONI 35; ŻWIĠIJIET 7; FUNERALI 112.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**
**FRATELLANZI**: Tas-Sagrament

GRUPPI PARROKKJALI: Abbatini; Ċelluli Parrokkjali Acts II; Grupp Familji Nsara; Gruppi ta' Talb u Adorazzjonijiet; Grupp ta' Talb : "Fejn l-Aħwa jingħaqdu flimkien"; Grupp ta' Talb : "Adorazzjoni bit-Tagħlim"; Grupp Kelma tal-Ħajja; Grupp ta' Talb Padre Pio; Grupp Adorazzjoni Bil-Lejl; Grupp Vokazzjonijiet; Grupp G 7.30; Grupp G 7-Thirteens.

**KAPPILLAN**
Dun Marc Andrè Camilleri
Tel: 2169 5022; Fax: 2180 5955;
Mob 7961 8544; Dar: 2131 2518
email: *paolaparish@yahoo.com*
*parrocca.paola.kr@maltadiocese.org*
website: www.paolakristure.com

**Uffiċċju Parrokkjali:**
Triq Lampuka, Paola PLA 1142

**Ħinijiet tal-Uffiċċju**:
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa:
9.00 - 11.30 am; 4.00 - 6.00 pm

Numru tal-parruċċani: 7745
Numru tal-familji: 2,875

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Marc Andrè Camilleri, Kappillan
P Herbert Friggieri S.J.
Mons Edgar Attard
Dun Keith Scicluna, Viċi

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: Dun Marc Andrè Camilleri
Moderatur: Sur Alfred Chetcuti
Segretarja: Ms Josephine Frendo

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: Dun Marc Andrè Camilleri
Segretarju: Sur Frank Balzan
Membru: Sur Emanuel Camilleri

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (irġiel, nisa, xebbiet) ; Grupp Kariżmatiku (2 gruppi); Leġjun ta' Marija (rġiel, 2 praesidia nisa, u juniors); Mixja Katekumenali (4 Komunitajiet); Moviment ta' Kana; M.U.S.E.U.M. sez. maskili, sez.femminili u interni nisa; Ordni Sekulari Franġiskan; Żgħażagħ Azzjoni Kattolika.

**PURĊISSJONIJIET**: Kristu Re, Ġimgħa l-Kbira, Rxoxt, Corpus Christi, Madonna tad-Duluri, Madonna tar-Ružarju.

**PELLEGRINAĠĠ**: Redentur (raba' Sibt tar-Randan)

## KNEJJES OĦRA

### Kappella tas-Sorijiet ta' San Ġużepp tal-Apparizzjoni

Is-sorijiet ta' San Ġużepp tal-Apparizzjoni marru f'Raħal Gdid fl-1910 u fetħu skola li fl-1926 ġiet trasferita fejn hi llum; il-kappella tal-kunvent tintuża għall-adorazzjoni u laqgħat ta' talb.

*The Sisters of St. Joseph of the Apparition settled in Paola in 1910 and opened a school which, in 1926, was transferred to n. 69 Zabbar Road: the chapel is used for adoration and prayer meetings.*

RETTUR: Il-Kappillan

### Knisja Ta' San Antnin f'Għajn Dwieli

Fl-1953 il-Kapuċċini fetħu kappella żgħira f'Għajn Dwieli, iżda ma damux jaħsbuha biex jibnu knisja kbira li tlestiet fl-1965. Hi dedikata lil San Antnin ta' Padova u fiha jistgħu jsiru ż-żwiġijiet, minbarra filgħaxijiet tal-Ħdud u l-Festi.

*In 1953 the Capuchin friars opened a small chapel at Għajn Dwieli, but they soon realised the need of building a large church, which eventually was opened for worship in 1965. The church is dedicated to St. Anthony of Padova, and marriages may be celebrated except for Sunday and Feast Days' evenings.*

RETTUR: P. Ray Bonnici, O.F.M.Cap., Gwardjan
Telefon: 2182 8157, Mob: 9945 8406

**QUDDIES**

| Ħdud u Festi | Ġranet Ferjali |
|---|---|
| 7.00 am | 6.45 am |
| 8.30 am | 8.00 am |
| 10.00 am | 6.00 pm |
| 11.30 pm | |

**Sibtijiet Filgħaxija**
6.00 pm

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**TERZ'ORDNI**: Franġiskan Sekulari Kapuċċin

**GĦAQDIET**: Abbatini, Kor, Ċentru Vokazzjonijiet Kapuċċini.



# PAOLA

## PARROĊĊA MADONNA TA' LOURDES

Biex jilħaq in-nies li joqogħdu f'dik in-naħa ta' Raħal Ġdid li tagħti għall-Marsa, il-Kappillan Dun Franġisk Xuereb ħa ħsieb jibni knisja, dedikata lill-Madonna ta' Lourdes, li fl-1974 saret knisja parrokkjali.

*To provide for the spiritual needs of the people residing on the Marsa side of Paola, Fr. F. Xuereb, parish priest of Paola, built a church dedicated to the Virgin of Lourdes: in 1974 the church became a parish church for the area.*

Il-Festa se tiġi ċċelebrata fis-23 ta' Awwissu.

**QUDDIES**

| **Ħdud u Festi** | **Ġranet Ferjali** |
|---|---|
| **7.30 am** | **7.30 am** |
| **9.30 am** | Xitwa - **6.00 pm** (1 ta' Ottubru) |
| **6.00 pm** | Sajf - **6.30 pm** (1 ta' April) |

**Sibtijiet Filgħaxija**
**6.00 pm**

MAGĦMUDIJIET; L-EWWEL TQARBINA; KONFERMAZZJONI; ŻWIĠIJIET; FUNERALI.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

GRUPPI PARROKKJALI: Abbatini; Kor Parrokkjali; Grupp San Gabriel; Grupp Santa Marta.

KUMMISSJONIJIET: Kateketika; Implimentazzjoni Sinodu; Liturġija.

PURĊISSJONIJIET: Madonna tad-Duluri; Qalb ta' Ġesù.

**KAPPILLAN**
Dun Lawrenz Gauci
Telefon: 2169 5081; Mob: 9963 9789;
email: *lorrygauci@gmail.com*
*parrocca.paola.ml@maltadiocese.org*
website:www.paolalourdesparish.com

**Uffiċċju Parrokkjali:**
81 "Notre Dame", Triq Britannia,
Paola PLA 1741

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn u l-Ħamis: 4.00 - 5.30 pm;

Numru tal-parruċċani: 2,300
Numru tal-familji: 720

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Lawrenz Gauci, Kappillan
Dun Stefan Bonanno

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Chairperson: Sur Edwin Gauci
Segretarja: Sinjura Nancy Farrugia

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Chairperson: Sur Frank Hollier



# PEMBROKE

## KNISJA PARROKKJALI TA' KRISTU RXOXT

Il-medda ta' art bejn il-bajja ta' San Ġorġ u Baħar iċ-Ċagħaq magħrufa bħala Pembroke kienet okkupata mill-militar Ingliż għal snin twal. Priġunieri Ġermaniżi Kattoliċi kienu bnew kappella żgħira lejn it-tmiem tal-aħħar gwerra. Meta telqu l-Ingliżi u bdew jidħlu l-familji Maltin fil-postijiet tas-servizzi Ingliżi u fi plots mogħtija mill-Gvern, din l-istess kappella ġiet irranġata mill-Prof. Richard England fuq stedina tal-kappillan ta' San Ġiljan. Meta twaqqfet iż-Żona Pastorali Awtonoma tal-Ibraġ, Pembroke kien maqtugħ mill-parroċċa ta' San Ġiljan u magħmul parti miż-żona l-ġdida. Peress li l-komunità ta' Pembroke baqgħet tikber u peress li hemm pjan li tkompli tikber iżjed, il-Knisja nhar Ħadd il-Palm 1998 qatgħet lil Pembroke mill-parroċċi qrib u għamlitu żona awtonoma dedikata lil Kristu Rxoxt. Meta tlesta x-xogħol tal-bini ta' Ċentru Pastorali adegwat għall-iżvilupp ta' komunità nisranija f'Pembroke, din iż-żona ġiet dikjarata parroċċa fit-8 ta' Diċembru 2004.

*The area between St George's Bay and Baħar iċ-Ċagħaq was a military area for several years. Catholic German war prisoners built a small chapel in the area. When the British military authorities left Malta, the area became a residential area for Maltese families and plans were drawn up by architect Richard England to embellish the Chapel. When the Tal-Ibraġ pastoral area was established, Pembroke was attached to this area, but, as the population of Pembroke kept growing, it was decided to create Pembroke as an Autonomous Pastoral Zone. A pastoral centre has now been built in the area. Pembroke became a parish on December 8th, 2004.*

MAGĦMUDIJIET: 20; L-EWWEL TQARBINA: 43; KONFERMAZZJONI: 33; ŻWIĠIJIET: 1; FUNERALI: 4.

**KAPPILLAN**
Dun Renè Vella
"Ċentru Kristu Rxoxt"
35, Triq G. Mitrovich, Pembroke, PBK 1016
Tel: 2137 2740; Mob: 7960 3520
email: *parrocca.pembroke@maltadiocese.org*

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa : 5.30 pm - 6.30 pm

**PRESBITERJU**
Dun Renè Vella
Dun Michael Bugeja
Dun Raphael Pace

Numru tal-parruċċani: 3,500
Numru tal-familji: 990

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Adolexxenti; Kor Parrokkjali; Lectio Divina.

**GĦAQDIET**: M.U.S.E.U.M. (subien); Grupp Kariżmatiċi.

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja.

**PELLEGRINAĠĠ**: Duluri.

**PURĊISSJONIJIET**: Qalb ta' Ġesù.

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**8.00 am**
**9.30 am**
**11.00 am**
**6.00 pm (xitwa)**
**6.30 pm (sajf)**

**Sibtijiet Filgħaxija**
**6.00 pm (xitwa)**
**6.30 pm (sajf)**

**Ġranet Ferjali**
**9.00 am**
**6.00 pm**



# QAWRA – BUĠIBBA

## PARROĊĊA SAN FRANĠISK T'ASSISI

L-inħawi tal-Qawra u Buġibba marbutin ma' San Pawl il-Baħar, raw żvilupp mgħaġġel fil-popolazzjoni. Din iż-żona kienet f'idejn il-komunità tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali ta' San Pawl il-Baħar. Il-quddies għan-nies residenti u tas-sajf, kien isir fil-knisja ċkejkna ta' San Massimiljan u kappelli oħra. L-idea li tinbena knisja ikbar kien ilha tberren f'moħħ l-awtoritajiet ekkleżjastiċi. Fid-29 t'Awwissu 1993 sar it-tberik tal-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida; u tliet snin wara, fis-sajf tal-1996, għalkemm mhux kompletament lesta, beda jsir il-quddies fil-knisja l-ġdida. Il-knisja, fuq pjanta tal-Perit Richard England, hi ddedikata lil San Franġisk t'Assisi u mmexxija mill-Patrijiet Franġiskani Konventwali. B'digriet tat-8 ta' Diċembru 2004, il-Qawra ġiet dikjarata parroċċa ddedikata lil San Franġisk fl-għoti tal-pjagi.

*The population in the areas of Qawra and Bugibba, under the care of the Franciscan Conventual Friars in St Paul's Bay, increased rapidly. The Chapel dedicated to St Maximilian Kolbe soon became too small for the residents and the summer visitors and the need of building a larger church had been felt for a long time. This new church started functioning in 1996. The Church, designed by Architect Richard England, is dedicated to St Francis of Assisi, receiving the stigmata. Qawra became a parish by a Decree dated December 8th, 2004.*

Il-Festa ta' San Franġisk tiġi ċċelebrata fl-4 ta' Settembru
Il-Festa ta' San Missimiljanu Kolbe tiġi ċċelebrata fl-14 ta' Awwissu

MAGĦMUDIJIET: 68; L-EWWEL TQARBINA: 42; KONFERMAZZJONI: 44; ŻWIĠIJIET: 2; FUNERALI: 22.

**KAPPILLAN**
P. William Bartolo OFM Conv.
Telefon: Kunvent: 2157 7088
Kappillan: 2757 7088
Mob: 7980 4583
email: *parrocca.qawra@maltadiocese.org*
*frangiskaniqawra@gmail.com*
website: www.qawrachurch.com

**Uffiċċju Parrokkjali**:
Kunvent S. Franġisk,
Triq Annetto Caruana,
Qawra SPB 1211

**Ħinijiet tal-Uffiċċju**:
It-Tnejn u l-Erbgħa:
4.30 pm - 6.00 pm
Is-Sibt : 10.00 am - 12.00 pm

Numru tal-parruċċani: 7,080
Numru tal-familji: 2,500

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
P. William Bartolo OFM Conv.
P. Christopher Galdes OFM Conv.
P. Antoine Apap, OFM Conv.
P. Samuel Chetcuti OFM Conv.
P. Francis Deguara OFM Conv.
P. Stephen Borg, OFM Conv.
P. Andrew Galea, OFM Conv.
P. Joseph Formosa OFM Conv.

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President u Moderatur:
P. Joseph Formosa OFM Conv.; il-Kappillan

**SEMINARJU TAL-ISTUDENTI**
Rettur: P. Andrew Galea
Viċi-Rettur: P. Joseph Formosa - 9924 6311
Studenti: Michael Grech
Robert Calleja

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi: 8.00 am**
**9.30 am**
**11.00 am**
**6.30 pm**
**Sibtijiet Filgħaxija: 6.30 pm**
**8.00 pm (fis-sajf)**

**Ġranet Ferjali: 7.30 am**
**8.30 am**
**6.30 pm**

## KNISJA FILJALI

**Knisja ta'**
**San Massimiljanu Marija Kolbe**

Il-knisja nfetħet fl-1965 mill-Franġiskani Konventwali biex jieħdu ħsieb il-ħajja spiritwali tan-nies li jmorru għall-villeġġjatura f'Buġibba.

*The church was opened in 1965 to meet the spiritual needs of the people residing at Bugibba.*

RETTUR: Il-Kappillan
Telefon: 2157 7088
Indirizz: Triq San Xmun, Qawra
Buġibba SPB 2572

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**
GRUPPI PARROKKJALI: A.A. Group; Abbatini; Ċentru taż-Żgħażagħ; Kor Parrokkjali "St. Claire", Katekiżmu; Grupp STAND (persuni bi bżonnijiet speċjali); Grupp Omega (pensjonanti rġiel); Grupp Solidarjeta'; Letturi; Ministri Straordinarji; Pre Youths; Qawra Girl Giudes; Qawra Scouts; Ladies' Circle.

**GĦAQDIET: KUMMISSJONIJIET**
Grufan; Legion of Mary; Tiġdid Karizmatiku.

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi:**
**Xitwa: 9.00 am u 7.00 pm**
**Sajf: 7.30 am, 9.00 am**
**7.00 pm**

**Sibtjiet :**
**Xitwa: 8.00 am u 7.00 pm.**
**Sajf: 8.00 am, 5.30 pm u 7.00 pm**

**Ġranet Ferjali**
**8.00 am u fis-sajf 7.00 pm ukoll**



# ĦAL QORMI

## PARROĊĊA SAN ĠORĠ MARTRI

Ħal-Qormi hu waħda mill-parroċċi li ġa kienu jeżistu fl-1436; għoxrin sena wara din id-data kienet inbniet knisja oħra bit-tħabrik tal-Kappillan Dun Ġulju Lombardi u fl-1584 inbniet il-knisja li hemm illum, fl-1680 inbniet il-koppla u żdidulha l-kampnari fl-1684.

*Qormi was one of the ten parishes which already existed in 1436; twenty years after this date a new church was built by the parish priest of that time, Fr. Julius Lombardi. The present church was built in 1584. The dome was finished in 1680 and the belfry towers in 1684.*

Data tad-dedikazzjoni: 6 ta' Mejju 1731.
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fit-28 ta' Ġunju.

**QUDDIES**

| Ħdud u Festi | Sibtijiet Filgħaxija |
|---|---|
| 6.00 am | 4.30 pm u 6.00 pm |
| 7.30 am | |
| 9.00 am | **Ġranet Ferjali** |
| 10.30 am | 6.15 am |
| 5.00 pm | 7.30 am |
| | 4.30 pm |

MAGĦMUDIJIET: 103; L-EWWEL TQARBINA: 72; KONFERMAZZJONI: 71; ŻWIĠIJIET: 28; FUNERALI: 91.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET FRATELLANZI** : Sagrament, Ružarju, Ċintura, San Mikiel, San Ġużepp

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Kor Parrokkjali; Gruppi Bibliċi; 5 Gruppi Familji Nsara; Grupp Koppji; Vocation Groups; Ċentru Żgħażagħ

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (nisa, xebbiet); Leġjun ta' Marija (rġiel, nisa, subien); M.U.S.E.U.M.(sez. maskili u sez. femminili); Moviment Kariżmatiku Kattoliku

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja; Fuljett; Kateketika; Liturġija; Żgħażagħ

**PURĊISSJONIJIET**: San Ġorġ, Corpus Christi, Qalb ta' Ġesù, Ġimgħa l-Kbira, Irxoxt, Madonna tad-Duluri, Madonna tar-Ružarju, Madonna taċ-Ċintura, San Mikiel, San Ġużepp.

**ARĊIPRIET**
Dun Anton Cassar
Tel: 2149 2997(uffiċċju);
2144 8275 (Knisja);
Mob 7949 2997;
email: *sgorg@maltanet.net*
*parrocca.qormi.sg@maltadiocese.org*

**Uffiċċju Parrokkjali:**
95, Triq San Ġorġ, Qormi QRM 1239

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**

**Filgħodu:** It-Tlieta: 9.00 - 11.00 am;
**Filgħaxija:** It-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa: 5.00 u -7.00 pm

Numru tal-parruċċani: 10,000
Numru tal-familji: 2,870

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Anton Cassar, Arċipriet
Dun Pawl Genovese
Dun Karm Mercieca
Dun Karm Grech
Dun Martin Bruno

*Saċerdot residenti fil-parroċċa*
Dun Lawrence Zammit

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: l-Arċipriet
Moderatur: Sur Charles Abela
Segretarja: Ms Elayne Barry

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: Sur Joe Apap
Segretarja: Dr Alison Zammit

# KNEJJES OĦRA

**Knisja tal-Vitorja**
Fil-viżta ta' Mons. Dusina tissemma' bħala knisja ta' Santa Marija, iżda ftit qabel l-1588 l-isem inbidel fi knisja tal-Vitorja. Fl-1656 l-Isqof għalaqha minħabba l-kundizzjoni ħażina li fiha kienet tinsab, iżda nfetħet mill-ġdid kif inhi llum fl-1686.
*The church is mentioned in Mgr. Dusina's report as being dedicated to the Virgin Mary, but from 1588 the church became known as the Church of Our Lady of Victories (Nativity of Our Lady). For a number of years it remained closed because of its ruinous condition but it was rebuilt in 1686.*

RETTUR: L-Arċipriet

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 7.00 am**
**Ġranet Ferjali : 6.45 am**

### Kappella Sagra Familja

RETTUR: L-Arċipriet

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi: 6.30 am; 8.15 am**
**Sibtijiet Filgħaxija: 6.00 pm; 7.30 pm**
**Ġranet ferjali: 7.45 am**

### Knisja tal-Madonna tal-Ħlas

Fil-post kien hemm knisja żgħira li kienet tiġbed id-devozzjoni tan-nies; flokha fl-1560 inbniet knisja oħra, iżda t-Teżorier tal-Ordni ta' San Ġwann, Fra Christopher Mangodoin, flokha fl-1690 bena knisja oħra, dik li hemm illum.

*From time immemorial in the locality there was a church which was always a centre of popular devotions. In 1560 a new church was built, but the Treasurer of the Order of St. John, Fra Christopher Mangodoin, in 1690 substituted it with the present church.*

RETTUR: L-Arċipriet

**QUDDIES**

**Kull tielet Ħadd tax-xahar : 4.30 pm**

### Knisja ta' San Pietru

Il-knisja nbniet fl-1656 flok oħra aktar antika; illum tintuża għall-adorazzjoni kontinwa.

*The church was built in 1656: today it is used for Eucharistic adoration.*

### Knisja ta' Santa Katerina

Il-knisja nbniet fl-1678 flok knisja oħra aktar antika msemmija minn Mons. Dusina fir-rapport tiegħu fl-1576; illum tinsab magħluqa.

*The church was built in 1678 on the site of an older church mentioined by Mgr. Dusina in his report; today it is kept closed.*

### Knisja tal-Lunzjata

Hi knisja żgħira li tmiss mal-knisja ta' San Franġisk de Paola; inbniet kemm-il darba u l-aħħar darba li nbniet kien fl-1790; illum tinsab magħluqa.

*It is a small church adjacent to the church of St. Francis de Paule; it was built several times, the last being in 1790; today it is not in use.*

### Knisja ta' San Franġisk de Paule

Din il-knisja tinsab fil-qalba tar-raħal, mhux 'il bogħod mill-knisja parrokkjali. Hija ta' ġustpatronat lajkali rigward l-amministrazzjoni tal-ġid tagħha. Inbniet fis-sena 1707 minn Francesco Casha, u ibnu Dun Ġorġ wara li ġew awtorizzati b'digriet tal-Isqof Davide Coccopalmieri tat-22 ta' Jannar 1707.

*The church is in the village centre, not far from the parish church. The administration of its property is of lay patronage. The church was built in 1707 by Francis Casha and his son Rev. George Casha, who were so authorized by a decree of Bishop Coccopalmieri dated 22 January 1707.*

### Knisja tal-Madonna ta' Qrejċa

Inbniet fl-1650 flok knisja aktar antika tal-1575: fiha kien jagħlaq il-pellegrinaġġ tas-seba' Santamariji - il-lum hi magħluqa.

*Built in 1575, and rebuilt in 1650, this chapel is kept closed today. Formerly the popular pilgrimage to the seven churches dedicated to the Assumption of the Virgin Mary ended in this church.*

### Knisja ta' Santa Marija tal-Blat

Il-knisja msemmija minn Mons Dusina, reġgħet inbniet fl-1644: illum tintuża għat-tagħlim tad-duttrina.

*The church, mentioned by Mgr. Dusina, was rebuilt in 1644: today it is used for catechism classes.*

### Knisja taċ-Ċimiterju tar-Risurrezzjoni

Il-kappella nbniet fl-1991 u ssir Quddiesa kull nhar ta' Tnejn fix-xahar ta' Novembru fl-10.00 am.

*The chapel was built in 1991. A Mass is celebrated every Monday during the month of November, at 10.00 am.*



# ĦAL QORMI

## PARROĊĊA SAN SEBASTJAN

Fis-sena 1880, qrib l-istatwa ta' San Sebastjan, li kienet ġiet imtella' b'radd ta' ħajr wara l-pesta tal-1813, inbniet knisja dedikata lil San Sebastjan, li fl-1918 saret viċi-parroċċa u parroċċa fl-1936. Il-knisja kienet żgħira wisq għan-nies u għalhekk inbniet knisja oħra ftit 'il bogħod.

*In 1880 a small church dedicated to St. Sebastian was built not far from a statue of the saint which had been erected as an act of thanksgiving after the 1813 plague. The church became a subsidiary parish church in 1918, and a parish church in 1936. Being too small for the population living in the locality, a larger church was built not very far away.*

Data tad-Dedikazzjoni: 19 ta' Jannar 1986
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fil-19 ta' Lulju.

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**6.30 am**
**8.00 am**
**9.30 am**
**11.00 am**
**6.00 pm**

**Sibtijiet Filgħaxija**
**5.15 am**
**6.30 am**
**7.45 pm**

**Ġranet Ferjali**
**5.45 am**
**6.30 am**
**7.45 am**
**8.30 am**
**6.00 pm(xitwa)**
**6.30 pm (sajf)**

MAGĦMUDIJIET 77; L-EWWEL TQARBINA 76;
KONFERMAZZJONI 82; ŻWIĠIJIET 27;
FUNERALI 78.

**KAPPILLAN**
Dun Joseph Buhagiar
Tel: 2148 6350; 2149 9816;
Mob: 9984 0738;
email:
*parrocca.qormi.sb@maltadiocese.org*
*qormisbmalta@gmail.com*
website: www.qormisbparish.org

**Uffiċċju Parrokkjali**:
Parroċċa San Sebastjan,
118 Triq San Bartilmew,
Qormi QRM 2184

**Ħinijiet tal-Uffiċċju**:
It-Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ġimgħa:
10.30 - 11.30 am;
5.00 - 7.00 pm;

Numru tal-parruċċani: 9,800
Numru tal-familji: 2,740

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Joseph Buhagiar, Kappillan
Dun Joe Borg
Dun Ġwann Bugeja
Dun Karm Camilleri
Dun Brian Gialanzè, Viċi
Dun Joe Meli
Dun Edward Muscat
Dun Carl-Mario Sultana

Saċerdoti residenti fil-parroċċa
Mons. Charles Cordina

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Moderatur: Ms Mary Agius
Segretarja: Ms Carmen Mangion

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Segretarju: Sur John Pirotta

**FRATELLANZI**: Sagrament, Duluri

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Grupp taż-Żgħażagħ PLYG; Ladies' Circle; Pre-Youths; Single Mothers Support Group.

**GĦAQDIET:** Azzjoni Kattolika (nisa); Grupp Familji Nsara; Moviment Kariżmatiku; Leġjun ta' Marija (Nisa; Rġiel, Żgħażagħ); MU.S.E.U.M.(Nisa u Rġiel).

**PURĊISSJONIJIET**: San Sebastjan, Corpus Christi, Qalb ta' Ġesu', Rxoxt, Madonna tad-Duluri, Madonna tar-Rużarju.

**Kappella tar-Rużarju**
Hi l-kappella tas-Sorijiet Agostinjani fi Triq San Bartilmew.

*It is the chapel of the Augustinian Sisters in St. Bartholomew Street.*

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 7.00 am**

**Ġranet Ferjali : 6.30 am**
**7.00 am (sajf)**

## KNEJJES OĦRA

**Kappella tad-Duluri**
Hi l-kappella tas-sezzjoni femminili tal-M.U.S.E.U.M. li sservi wkoll għall-qadi spiritwali tan-nies.

*The Chapel of the female section of the M.U.S.E.U.M. serves the spiritual needs of the people of the area.*

RETTUR: Dun Edward Muscat

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**8.15 am**

**Sibtijiet Filgħaxija**
**5.00 pm**

**Ġranet Ferjali**
**7.30 am**



# IL-QRENDI

## PARROĊĊA SANTA MARIJA

Il-Qrendi ilu parroċċa mis-sena 1618. In-nies tar-raħal malli saru parroċċa bnew knisja ġdida dedikata lil Santa Marija flok il-knisja li kien hemm. Wara, din il-knisja twaqqgħat u flokha nbniet il-knisja (bejn l-1688 u l-1713) li hemm illum.

*Qrendi became a parish in 1618 and the people of the village immediately built a larger church, which later on was demolished and the present church built instead between 1688 and 1713.*

Data tad-dedikazzjoni: 13 ta' Ottubru 1782
Il-Festa ta' Santa Marija tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Awwissu.
Il-Festa tal-Madonna ta' Lourdes tiġi ccelebrata fit-3 ta' Lulju.

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**6.00 am**
**7.15 am**
**8.30 am**
**10.00 am**
**6.30 pm**

**Sibtijiet Filgħaxija**
**6.30 pm**

**Ġranet Ferjali**
**7.45 am**
**6.30 pm**

MAGĦMUDIJIET 40; L-EWWEL TQARBINA 23; KONFERMAZZJONI 24; ŻWIĠIJIET46; FUNERALI 21.

**GĦAQDIET U ISTITUZZJONIJIET**
FRATELLANZI: Sagrament, Rużarju, Ċintura, Madonna ta' Lourdes

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Kor tal-Parroċċa (Magnificat); Persuni bi bżonnijiet speċjali; Tindif (Santa Marta)

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (nisa); Leġjun ta' Marija; M.U.S.E.U.M. (sez. maskili); Grupp Adolexxenti.

**KAPPILLAN**
Dun Glen Buhagiar
Tel: 2164 9395 (Uffiċċju/dar);
Mob 7928 0148
email: *parrocca.qrendi@maltadiocese.org*
website:www.parroccaqrendi.org

**Uffiċċju Parrokkjali:**
31,Triq il-Parroċċa, Qrendi QRD 1024

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn u l-Ħamis:
4.30 - 6.00 pm;
Is-Sibt:
9.30 - 11.00 am;

Numru tal-parruċċani: 2,775
Numru tal-familji: 820

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Glen Buhagiar, Kappillan
Dun Manwel Agius
Dun Reuben Gauci

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Moderatur: Sur John Buttigieg
Segretarju: Sur Twanny Bonello

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Segretarju: Sur Kenneth Farrugia

**KUMMISSJONIJIET**: Familja; Kateketika; Liturġija

**PELLEGRINAĠĠI**: Madonna tad-Duluri; għall-knisja tal-Madonna tal-Ħniena f'Settembru; għaċ-Ċimiterju f'Novembru.

**PURĊISSJONIJIET**: Corpus Christi, Kwaranturi, Santa Marija, Madonna ta' Lourdes, Madonna taċ-Ċintura, Madonna tar-Rużarju.

## KNEJJES OĦRA

**Knisja tal-Madonna tal-Ħniena**
L-ewwel knisja nbniet fis-seklu tlettax fir-raħal il-qadim ta' Ħal Lew u żmien ilu kienet viċi-parroċċa taż-Żurrieq. Il-knisja li hemm illum inbniet fl-1650 u għal żmien twil kienet waħda mis-santwarji l-aktar devoti tal-gżira. Il-festa ssir il-Ħadd wara t-8 ta' Settembru.

*The first church was built in the 13th century in the old village of Ħal Lew which formed part of the parish of Żurrieq. The present church was built in 1650 and for a long period of time it was one of the most popular sanctuaries on the island. Every year a pilgrimage leaves Qrendi for the church just before its feast day on the Sunday after the 8th September.*

**Knisja ta' San Mattew**
Il-knisja hi antika ħafna u aktarx inbniet fis-seklu ħmistax fit-tarf tal-Ħondoq tal-Maqluba: tinfetaħ nhar il-festa li ssir il-Ħadd wara l-21 ta' Settembru u għal xi ħtiġijiet spiritwali. F'din il-Knisja jiġi ċċelebrat is-sagrament taż-żwieġ.

*This is an old church probably built in the 15th century on the edge of the Maqluba depression. It is open to the public on the Sunday after the 21st September and for other spiritual needs. Marriages may also be celebrated here.*

**Kappella ta' Sant'Anna**
Il-knisja nbniet b'wegħda għall-ħelsien mill-ħbit tat-Torok fl-1565; fl-1796 ġiet restawrata u tinfetaħ nhar il-festa titulari u għal ħtiġijiet spiritwali oħra.

*The church was built as a thanksgiving vow after the siege of 1565; it is open only on its feastday on the 26th July and for other spiritual needs.*

**Kappella tas-Salvatur**
Il-kappella nbniet fl-1658 fil-post fejn kien hemm kappella oħra aktar antika: hi knisja benefiċjali u fiha jsiru l-laqgħat ta' Gruppi ta' Talb. Dan l-aħħar ġiet restawrata u qed tintuża għall-adorazzjoni (bejn it-8.30am u 7.30pm).

*The chapel was built in 1658 on the site of an earlier church; today it is used for Prayer Meetings. Lately it has been restored and is now being used for Eucharistic adoration between 8.30am and 7.30pm.*

**Kappella ta' Santa Katerina**
Il-kappella nbniet fl-1526 u tinsab barra r-raħal.

*The chapel was built in 1526; it is situated outside the village.*

**Kappella tal-Madonna tal-Grazzja**
Il-kappella nbniet fuq il-quċċata tal-Maqluba fl-1658 u oriġinarjament kienet dedikata lill-Madonna tal-Vitorja.

*The chapel was built in 1658 overlooking the Maqluba depression; originally it was dedicated to Our Lady of Victories.*



## IR-RABAT
### PARROĊĊA SAN PAWL

Il-knisja ta' San Pawl hi mibnija fuq il-foss tal-belt Rumana li kienet tħaddan ukoll parti sewwa mir-Rabat. Hi wkoll mibnija fuq għar fejn skont tradizzjoni qadima kien jgħammar San Pawl tul it-tliet xhur li dam Malta fis-sena 60 w.Kr. Fis-sena 1336, l-Isqof ta' Malta, Ilarju, sejħilha 'ecclesia Sancti Pauli de crypta' u semma wkoll iċ-Ċimiterju u l-foss tagħha. Tul is-snin inbnew diversi knejjes fuq dan l-għar kemm mid-djoċesi kif ukoll mill-Kavallieri ta' San Ġwann. Il-knisja li hemm illum, li hi wkoll kolleġġjata, inbniet bil-ġenerożita' tan-nobbli Guzmana Navarra fuq il-pjanta ta' F. Bonamico fl-1653 u tlestiet minn Lorenzo Gafà fl-1683.

Data tad-Dedikazzjoni: 21 ta' Settembru 1726
Il-Festa ta' San Pawl se tiġi ċċelebrata fil-5 ta' Lulju.
Il-Festa ta' Corpus Christi se tiġi ċċelebrata fis-7 ta' Ġunju
Il-Festa ta' San Ġużepp tiġi ċċelebrata fid-19 ta' Marzu

*The church is built over the ditch of the Roman city which included a large part of Rabat. The church is also built over the grotto where, according to tradition, St. Paul was kept prisoner during his three months' stay in Malta in 60 A.D. In 1336 Bishop Hilarius refers to the church as "ecclesia Sancti Pauli de crypta", and also mentions the cemetery and the Roman ditch. Several churches were built on the site both by the diocese and the Knights of St. John. The present church was built with funds provided by the noble woman Guzmana Navarra on plans prepared by F. Bonamico. The church was completed by Lorenzo Gafà in 1683.*

**QUDDIES**

| **Ħdud u Festi** | **Sibtijiet Filgħaxija** |
|---|---|
| **6.00 am** | **4.30 pm** |
| **7.30 am** | **6.00 pm** |
| **9.00 am** | |
| **10.30 am** | **Ġranet Ferjali** |
| **12.00 pm** | **6.00 am** |
| **6.00 pm** | **7.45 am** |
| | **8.30 am** |
| | **6.00 pm** |

MAGĦMUDIJIET; L-EWWEL TQARBINA; KONFERMAZZJONI; ŻWIĠIJIET; FUNERALI.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET FRATELLANZI** : Sagrament, Qalb ta'Ġesu', Kunċizzjoni, Duluri, San Mikiel, San Pawl.

**GRUPPI PARROKKJALI:** Abbatini, Kor Parrokkjali, Gruppi ta' Talb, Tiberija Familja, Tiberija Youth, Nimxi Waħdi (nisa separati), Ruth (nisa romol); Lectio Divina; Adoraturi.

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (nisa), Komunità ta' Ħajja Nisranija, Leġjun ta' Marija, M.U.S.E.U.M. sez. maskili u sez. femminili, Soċjetà San Vinċenz.

**PURĊISSJONIJIET**: San Pawl, Corpus Christi, Rxoxt, Vjatku Solenni.

**PELLEGRINAĠĠI**: Ta' Penitenza f'Ras ir-Randan, Tal-Madonna fl-aħħar Ġimgħa ta' Mejju; f'Settembru għall-knisja ta' San Pawl tal-Ħġejjeġ.

**ARĊIPRIET**
Kan Dun Louis Suban, S.Th.L.
Tel: 2145 4467 (Uffiċċju u Knisja);
2145 1405 (Dar);
Mob: 7967 2952
Fax: 2145 5998

**Uffiċċju Parrokkjali:**
37, Triq il-Kbira, Rabat RBT 1013
email: *parrocca.rabat@maltadiocese.org*

**Ħinijiet tal-Uffiċċju**:
Tnejn sal-Ġimgħa (minbarra l-Ħamis):
8.30 - 10.00 am; 5.00 - 6.00 pm

Numru tal-parruċċani: 14,000
Numru tal-familji: 3,100

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Kan Dun Louis Suban, Arċipriet
Mons. Ġwann Azzopardi
Dun Joe Fsadni
Kan. Luke Seguna
Kan. Michael Zammit
Kan. David Cilia

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: L-Arċipriet
Moderaturi: Sur Louis Borg u l-mara
Segretarja: Ms Mary Buttigieg

# KNEJJES OĦRA

**Knisja ta' San Publiju**

L-ewwel knisja li nbniet fuq l-għar ta' San Pawl kienet dik li bena Juan Benaguas li ġie f'Malta fl-1630; il-knisja ġiet mibnija mill-ġdid fl-1713 wara li fl-1620 ġiet konsagrata bħala kolleġġjata regolari tal-Ordni Ġerosolmitan. Fl-1962 il-knisja ngħaqdet mal-knisja ta' San Pawl.

*Juan Benaguas, who came to Malta in 1630 built the first church over St. Paul's grotto; the church became a collegiate church of the Order of St. John from 1620, and was rebuilt in 1713. In 1962 the church was annexed to the church of St. Paul.*

RETTUR: L-Arċipriet

**Ċentru Pastorali San Luqa**
Bl-iżvilupp kbir li sar fin-naħa tan-Nigret, inħasset il-ħtieġa ta' kappella għal dawk l-inħawi: sakemm tinbena l-knisja, il-ħidma pastorali qed issir miċ-Ċentru pastorali. Jistgħu isiru żwiġijiet.

*Because of the great development at the tan-Nigret locality, the need of a new church was felt. Until this church is built a pastoral centre is in use. Weddings may be celebrated in this Centre.*

RETTUR: Dun Luke Seguna - Tel: 2145 3347
Indirizz: Ċentru Pastorali San Luqa,
Triq in-Nigret, ir-Rabat, RBT 4609

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**8.00 am**
**9.30 am**

**Sibtijiet Filgħaxija**
**6.30 pm (xitwa)**
**7.00 pm (sajf)**

**Ġranet Ferjali**
**7.00 am**

**Il-Ħamis**
**7.00 pm**

**Knisja San Katald**
Il-knisja hi mibnija fuq kripta antika u katakombi; xi kultant tintuża għall-Quddies.

*The church is built over a crypt and a small catacomb; Masses are occasionally said in it.*

RETTUR: L-Arċipriet

**Knisja ta' San Sebastjan**
L-ewwel knisja nbniet fl-1477, reġgħet inbniet fl-1519 u ġiet restawrata fl-1751. Fil-knisja jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.

*The church was first built in 1477, rebuilt in 1519 and restored in 1751. Marriages may be celebrated in it.*

RETTUR : L- Arċipriet

**QUDDIES**

**Ħdud, Festi u Ġranet Ferjali : 6.30 am**

**Knisja tat-Twelid tal-Verġni Marija (ta' Qasgħa)**
Il-knisja nbniet għall-ħabta tas-sena 1550 minn Ċensu Qasgħa; reġgħet inbniet xi 150 sena wara; magħha hemm ċimiterju.

*The church was built about 1550 by a certain Ċensu Qasgħa and was rebuilt 150 years later; a cemetery adjoins it.*

RETTUR: L-Arċipriet

**Knisja San Bert**
Il-knisja nbniet għall-ħabta tas-sena 1550 u aktar tard ġiet restawrata; illum tintuża għall-Adorazzjoni mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00am u l-5.00 pm.

*The church was built in 1550 and restored at a later date; today it is used as a chapel for adoration between Monday and Saturday from 9.00 am and 5.00 pm.*

RETTUR: L-Arċipriet

**BAĦRIJA: Knisja San Martin**
Il-knisja oriġinali nbniet mill-Konti Navarra fis-seklu sittax; illum il-popolazzjoni tal-Baħrija kibret ħafna u nħasset il-ħtieġa li tinbena knisja akbar għall-ħtiġijiet spiritwali tan-nies tal-post; fiha jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.

*The first church was built by Count Navarra in the sixteenth century. In recent years a larger church was built as the population of Baħrija had increased considerably. Marriagies may be celebrated in the church.*

RETTUR: P. Provinċjal Rev. Dr. Ray Francalanza OSA
Indirizz: Dar San Martin, Triq Patri Tumas Xerri, Baħrija RBT 6025
Tel: 2122 4439; Mob: 7953 8289
email: *rayfrancalanza@outlook.com*

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi: 7.00 am; 9.00 am**
**Is-Sibt: 5.30 pm**
**Matul il-ġimgħa: 6.00 pm (xitwa)**
**6.30 pm (sajf)**

**Kappella tal-Kunċizzjoni - Baħrija**
Il-knisja riedha l-Granmastru de Paule iżda nbniet fi żmien il-Granmastru de Vilhena: fiha jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.
*Grandmaster De Paule wanted to build this church, but it was actually built by his successor Manoel de Vilhena. Marriages may be celebrated in it.*

RETTUR: P. Provinċjal Rev. Dr. Ray Francalanza OSA
Indirizz: Dar San Martin, Triq Patri Tumas Xerri, Baħrija RBT 6025
Tel: 2122 4439; Mob: 7953 8289

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 4.30 pm**
**Is-Sibt : 7.15 pm**

**MTAĦLEB**
**Knisja tat-Twelid tal-Madonna**
Il-knisja qiegħda fuq l-għoli tal-wied u nbniet fl-1607; fiha jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.
*The church dominates the valley and was built in 1607; marriages may be celebrated in it.*

RETTUR: Dun Joe Fsadni

**QUDDIES**

**Sibtijiet u lejlet il-Festi**
**4.00 pm (xitwa) u 6.00 pm (sajf)**

**BUSKETT**
**Knisja ta' San Anton Abbati**
Il-knisja nbniet fl-1663 mill-Gran Mastru Nikola Cotoner u hi dedikata lil San Anton abbati; fiha hemm ukoll kwadru ta' San Nikola. Mill-1975 sal-1986 kienet magħluqa għall-pubbliku, iżda mbagħad reġgħet bdiet tintuża min-nies tal-inħawi, kif kienet tintuża: jieħdu ħsiebha l-patrijiet Agostinjani tar-Rabat.
*The church was built in 1663 by Grand Master Nicholas Cotoner and is dedicated to St. Anthony the abbot. St. Nicholas is also venerated in the church. In 1975 the church was closed to the people of the locality, but was re-opened for their benefit in 1986. The Augustinian friars of Rabat take care of the church.*

RETTUR: Patri Agostinjan

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 7.30 am**

**TAD-DAĦLA**
**Knisja ta' Santa Katerina**
Il-knisja nbniet għall-ħabta tas-sena 1550 u ġiet restawrata aktar tard; fiha jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.
*The church was built about 1550 and was later restored; marriages may be celebrated in it.*

RETTUR: L-Arċipriet

**QUDDIES**

**Sibtijiet: 6.30 pm (xitwa)**
**7.00 pm (sajf)**

**TAS-SALIB**
**Knisja tat-Twelid tal-Madonna**
Il-knisja nbniet fl-1550 u għamlet żmien twil magħluqa; dan l-aħħar infetħet u qed tintuża għal-laqgħat ta' talb.
*The church was built in 1550 and has remained closed for many years; today it is used for prayer meetings.*

RETTUR: L-Arċipriet

**Knisja ta' Duna**
Il-knisja nbniet fis-seklu sittax u tkabbret mitejn sena wara; tintuża għal-laqgħat tal-membri tal-Leġjun ta' Marija.
*The church was built in the sixteenth century and enlarged two centuries later; today the members of the Legion of Mary use it for their meetings.*

RETTUR: L-Arċipriet

# KNEJJES TAR-RELIĠJUŻI

### Knisja tal-Madonna tal-Għar

Id-Dumnikani ġew Malta fl-1450 u bnew l-ewwel kunvent tagħhom fir-Rabat fuq għar fejn jingħad li l-Madonna kellmet lil wieħed kaċċatur, li kien daħal jistkenn fih. Fil-knisja jistgħu jsiru żwiġijiet.

*The Dominican friars came to Malta in 1450 and built their first friary at Rabat over a cave where according to tradition the Virgin Mary spoke to a hunter who had taken refuge there. Marriages may be celebrated in the church.*

Data tad-Dedikazzjoni: 21 ta' Ottubru.

RETTUR: P Pawl Gatt, OP, Pirjol
Telefon: 2145 4592; Fax: 2145 0503
Indirizz: Misraħ San Duminku, Rabat RBT 2521

**QUDDIES**
**Ħdud u Festi**
**7.00 am - 8.30 am - 10.00 am - 11.15 am (bl-Ingliż)**

**Sibtijiet Filgħaxija: 6.30 pm**

**Ġranet Ferjali**
**6.00 am - 7.30 am - 12.15 (xitwa biss) 6.30 pm**

### ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET

Lajċi Dumnikani, Rużarjanti

**GĦAQDIET**: Abbatini, Leġjun ta' Marija, Moviment Kerygma, Grupp Tiġdid Kariżmatiku "Madonna tal-Għar", Klabb Romol, Klabb Nisa "Madonna tal-Għar", Grupp Patri Piju tal-Pjagi

**PURĊISSJONIJIET**: Qalb ta' Ġesù, Madonna tar-Rużarju; Madonna tal-Għar.

### Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù

Il-Franġiskani Minuri ġew Malta fl-1492 u l-ewwel kunvent tagħhom kien fir-Rabat. F'dan il-kunvent il-Granmastru L'Isle Adam kellu ċella għalih. Fl-1757 il-knisja ġiet imkabbra b'kontribuzzjonijiet mill-Italja, minn Spanja u mill-Portugall u ġiet konsagrata mill-Isqof Labini fl-1790. Mal-knisja hemm l-oratorju tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp. Jistgħu jsiru żwiġijiet fil-knisja.

*The Friars Minor came to Malta in 1492 and opened their first friary in Rabat. Grand Master L'Isle Adam had a room reserved for him in the friary. The church was enlarged in 1757 through contributions from Italy, Spain and Portugal. Marriages may be celebrated in the church. An oratory adjacent to it belongs to the confraternity of St. Joseph.*

Data tad-Dedikazzjoni: 31 ta' Ottubru 1790

RETTUR: P. Martin Coleiro OFM
Telefon: 2145 4594( Kunvent)
2145 1686 (Gwardjan)
Indirizz: Patrijiet Franġiskani,
Triq San Pawl,
Rabat RBT 1245

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**6.15 am - 8.15 am - 10.15 am**

**Sibtijiet Filgħaxija**
**6.00 pm (xitwa) - 6.30 pm (sajf)**

**Ġranet Ferjali**
**6.30 am - 7.30 am**
**6.00 pm (xitwa) - 6.30 pm (sajf)**

### ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET

Fraternità Franġiskani Sekulari

Fratellanza Ta' San Ġużepp

**GRUPPI**: Abbatini; Kor San Franġisk t'Assisi; Kor Tfal Santa Klara; Letturi u Animaturi; Familji fi Kristu; Katekisti Sant'Anna u San Gwakkin; Interċessuri; Helpers.

**PURĊISSJONIJIET**: Mixja ta' Fidi lejn il-Grotta ta' San Pawl; San Franġisk; San Ġużepp; Via Sagra f'Ras ir-Randan; Madonna tad-Duluri; Redentur; Ġimgħa l-Kbira.

**Knisja ta' San Franġisk tal-Pjagi (Santwarju Madonna tas-Saħħa)**
Il-Franġiskani Konventwali ġew Malta xi żmien qabel is-sena 1347, u kellhom l-ewwel kunvent u knisja tagħhom ħdejn l-isptar San Franġisk li biż-żmien beda jissejjaħ l-isptar ta' Santu Spirtu. Qrib l-1624 il-kunvent nbena mill-ġdid għax kien qdiem ħafna, u mbagħad il-knisja ġarrbet ħsarat kbar bit-terremot tas-sena 1693. Il-knisja nbniet mill-ġdid fl-1701 minn Lorenzo Gafà. F'din il-knisja beda jiġi meqjum kwadru tal-Madonna tas-Saħħa; biż-żmien il-kwadru nbidel, iżda d-devozzjoni kibret, u hemm rabta kbira mal-isptarijiet ta' Santu Spirtu u ta' Sawra li jinsabu fil-qrib. Il-kwadru tal-Madonna ġie nkurunat fl-4 ta' April 1948. Jistgħu jsiru żwiġijiet fil-knisja.

*The Conventual Franciscans came to Malta before the year 1347 and built their church and friary near the hospital of St. Francis, which later became known as Santo Spirito hospital. In 1624 the friary was rebuilt as it was no longer a place suitable to live in; later on the church was also rebuilt by Lorenzo Gafà after being extensively damaged by the 1693 earthquake. In this church a devotion to Our Lady of Good Health developed and continued to increase even when a new painting of the Virgin took the place of the older one: people visiting their sick relatives at the Santo Spirito Hospital and at the Saura hospital used to visit the church to pray the Virgin requesting her help for their sick relatives. The painting was solemnly crowned on the 4th April 1948. Marriages may be celebrated in the church.*

Data tad-Dedikazzjoni: 22 ta' Settembru 1908.

RETTUR:
P. Michael Attard OFM Conv Gwardjan
Telefon: 2145 4225
Indirizz: Triq San Franġisk, Rabat RBT 1061

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi: 6. 30; 8.00; 9.30 am**

**Sibtijiet Filgħaxija: 6.15 pm**

**Ġranet Ferjali:**
**6.45; 7.30 am; 6.15 pm**

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**GRUPPI**: Abbatini; Grupp ta' Talb(Irġiel); Lectio Divina; Familja Franġiskana Madonna tas-Saħħa; Milizja tal-Immakulata

**GĦAQDIET**: Leġjun ta' Marija

**PURĊISSJONIJIET**: Madonna tas-Saħħa.

**Knisja ta' San Mark**
Il-preżenza tal-Agostinjani tmur lura għat-tieni nofs tas-seklu XIV. Kellhom il-kunvent tagħhom barra s-swar tal-iMdina; iżda dan twaqqa' fl-1551 minħabba l-biża tal-ħbit tat-Torok. Il-Kapitlu tal-Katidral ta l-art lill-patrijiet flimkien mal-kappella ta' San Mark. Fl-1556 inbeda l-bini tal-kunvent u tal-knisja fuq pjanta ta' Ġlormu Cassar. Il-kunvent attwali huwa xogħol ta' Andrea Belli (seklu XVIII). Fil-knisja jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.

*The presence of the Augustinian friars goes back to the second half of the 14th century. Their first friary was situated outside the walls of Mdina but this was demolished in 1551 because of fears of a Turkish attack on Mdina. The Cathedral Chapter gave the friars a piece of land adjacent to the old church of St. Mark and they started to build the convent and the church on the plans of Girolamo Cassar. The present church and friary were completed by Andrea Belli in the 18th century. Marriages may be celebrated in the church.*

Data tad-Dedikazzjoni: 26 ta' Ġunju 1906

RETTUR: P. Raphael Abdilla OSA,
Pirjol
Telefon: 2145 4111; 2145 9014
Fax: 2145 1220
Indirizz: Kunvent San Mark,
Triq Santu Wistin,
Rabat RBT 1117

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi :**
**7.00; 8.30; 10.00 am**

**Sibtijiet filgħaxija : 6.00 pm**

**Ġranet Ferjali :**
**6.45; 7.30 am; 6.00 pm**
**(bejn Lulju - Settembru ma ssirx il-Quddiesa ta' filgħaxija)**

**GĦAQDIET:** Abbatini, Grupp Letturi , Grupp Ommijiet Insara, Grupp ta' Talb u Evanġelizzazzjoni, Madonna taċ-Ċintura.

**PURĊISSJONIJIET**: San Anton Abbati, Santa Rita, Madonna taċ-Ċintura

**FRATELLANZA**: Arċikonfraternità ta' San Anton Abbati u l-Madonna taċ-Ċintura.

**Knisja tal-Lunzjata**

Il-knisja u l-kunvent tal-Lunzjata nbnew fl-1418 bi flus in-nobbli Margerita d'Aragona u ngħataw lill-Karmelitani li kienu għadhom kemm ġew Malta. Fl-1662 parti kbira mill-kunvent twaqqgħet u bil-ġebel inbena l-kunvent tal-Karmnu fl-iMdina. Il-Karmelitani reġgħu ħadu f'idejhom dan l-ewwel kunvent tagħhom fl-1975 u bnew ħdejh kumpless biex iservi bħala Dar tat-Talb, li ġiet miftuħa fl-1990. Fil-knisja jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.

*The church and friary of the Annunciation were built in 1418 with funds provided by the noble Margaret of Aragon and given to the Carmelites who had just arrived in Malta. In 1662 the friary was demolished and the stones were used to build the Carmelite friary in Mdina. In 1975 the Carmelites returned to their first church and friary in Malta and built a retreat house near the old church. Marriages may be held in the church.*

RETTUR: P. Amadeo Zammit O.Carm
Telefon: 2145 9021 (Patrijiet Karmelitani)
Indirizz: Dar tat-Talb "Lunzjata", Rabat.

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 4.00 pm**

**Nhar ta' Erbgħa :**
**5.00 pm (xitwa)**
**6.00 pm (sajf)**

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**ORDNI**: Sekulari Karmelitan

**GĦAQDIET**: Abbatini, Grupp ta' Talb Lunzjata

**Knisja ta' Sant'Agata**

Il-knisja hi mibnija fuq kripta antika li minnha wieħed jgħaddi għall-katakombi. Il-knisja nbniet fl-1504 u ġiet imkabbra fl-1670. Giet mogħtija lis-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl li kienet għadha kemm twaqqfet minn Mons. Giuseppe De Piro u fl-1932 tqegħdet l-ewwel ġebla ta' dik li hija l-"Motherhouse" tas-Soċjetà. Fil-knisja jistgħu jsiru żwiġijiet.

*The church was built in 1504 over a ancient crypt leading to a series of catacombs; it was enlarged in 1670. It was given to the Missionary Society of St. Paul soon after it had been founded by Mgr. De Piro; in 1932 the Society started building their Motherhouse adjacent to the church. Marriages may be celebrated in it.*

RETTUR: P. Frankie Cini MSSP
Telefon: 2145 4503; 2145 9222
Indirizz: The Motherhouse, St Agatha's, Rabat RBT 2020

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 7.00 am**
**Ġranet Ferjali : 6.30 am**

**Ċelebrazzjonijiet:**
– Festa ta' Sant'Agata: 2 u 3 ta' Frar;
– Qalb ta' Marija: kull l-ewwel Sibt tax-xahar:
– Novembru - Marzu:
  fl-4.00 pm u Quddiesa fis-6.00 pm;
– April - Ottubru:
  fl-4.30 pm u Quddiesa fis-6.30 pm
– Festa tal-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija:
  fl-ewwel Sibt ta' Ġunju

**PURĊISSJONIJIET**: Qalb ta' Marija (fid-dar); Sant'Agata (mill-Katidral)

**De Piro Youth Centre**
Marija Omm il-Knisja
RETTUR: P. Karm Debattista MSSP
Telefon: 2145 9222

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 8.30 am**



# ĦAL SAFI

## PARROĊĊA TAL-KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

Għal żmien twil, Ħal Safi kien parti mill-parroċċa ta' Bir Miftuħ u kappella ċkejkna ddedikata għall-Konverżjoni ta' San Pawl żgur kienet wieqfa sa minn qabel l-1564. L-Isqof Tumas Gargallo għażel din il-knisja biex tkun dik parrokkjali, minn fost knejjes oħra żgħar fir-raħal, u waqqafha bħala parroċċa fit-13 ta' April 1598. Il-bini tal-knisja preżenti, fuq stil doriku, beda fl-1726, fi żmien il-kappillan Dun Ġużepp Caruana, u tlesta fl-1740. L-Isqof Vincenzo Labini kkonsagra l-knisja nhar l-10 ta' Ottubru 1784.

*Initially, Safi was part of the parish of Bir Miftuħ and a small chapel dedicated to the Conversion of St Paul was already in place in 1564. Bishop Tommaso Gargallo elevated it a parish on the 13th April 1598. The building of the present church, in doric style, started in 1726, through the efforts of the parish priest, Rev. Joseph Caruana. It was completed in 1740. Bishop Vincenzo Labini consecrated the church on the 10th October 1784.*

Data tad-dedikazzjoni: 10 ta' Ottubru 1784
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fil-30 ta' Awwissu.

**QUDDIES**
**Ħdud u Festi**
**6.45 am; 8.15 am; 10.00 am**
**5.30 pm (xitwa); 6.00 pm (sajf);**

**Sibtijiet Filgħaxija: 6.30 pm**

**Ġranet Ferjali: 7.45 am (xitwa) / 7.30 am (sajf); 6.30 pm**

MAGĦMUDIJIET: 13; L-EWWEL TQARBINA: 22; KONFERMAZZJONI:26; ŻWIĠIJIET: 7; FUNERALI: 4.

**FRATELLANZI**: Sagrament, Ružarju.

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Grupp ta' Talb; Grupp ta' Evanġelizzazzjoni; Kor "Sine Macula"; Kor 'Kreattiv'.

**GĦAQDIET**: Grupp Kelma tal-Ħajja; Moviment Fokoloari; M.U S.E.U.M (sez. maskili u sez. femminili); Żgħażagħ Azzjoni Kattolika.

**KUMMISSJONIJIET**: Katekeżi; Familja; Liturġija; Djakonat.

**KAPPILLAN**
Dun David Farrugia
Tel: 2164 9223; Fax: 2164 7184
email: *parrocca.safi@maltadiocese.org*
website: parroccasafi.wordpress.com

**Uffiċċju Parrokkjali:**
21, Triq Santa Marija, Ħal Safi SFI 1211

**Ħinijiet tal-Uffiċċju**
It-Tnejn, il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt
9.00 - 12.00 pm
It-Tnejn, l-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa
4.30 pm - 6.00 pm

Numru tal-parruċċani: 2,400
Numru tal-familji: 746

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun David Farrugia, Kappillan

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Moderatur: Sur Tarcisju Barbara
Segretarja: Sinjorina Frances Vella

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: il-Kappillan

**PURĊISSJONIJIET**: San Pawl, Corpus Christi, Qalb ta' Ġesù, Madonna tar-Rużarju

**PELLEGRINAĠĠ**: Madonna tad-Duluri

## KNISJA OĦRA

**Knisja ta' Santa Marija mtellgħa s-Sema**
Din il-knisja kienet teżisti meta Mons Dusina għamel iż-żjara pastorali tiegħu fl-1575, iżda ġiet magħluqa fl-1683. Ġiet restawrata fl-1970 u llum tintuża għall-Adorazzjoni Ewkaristika kuljum.

*The church was already in existence in 1575 as Mons Dusina mentions it in the report of his pastoral visit; it was closed in 1683 and restored in 1970. Today it is used as a chapel for Eucharistic Adoration.*

**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa**
**8.00am sa 12.00pm - 3.00pm sas-6.00 pm**

RETTUR: il-Kappillan.



# SAN ĠILJAN

## PARROĊĊA SAN ĠILJAN

Fl-1682 il-knisja ż-żgħira li kien hemm fuq l-għolja tal-Qaliet ġiet imkabbra u fl-1848 saret viċi-parroċċa ta' Birkirkara. Fl-1854 reġgħet ġiet imkabbra u fl-1891 saret parroċċa. Fi żmienna l-knisja l-qadima ta' Lapsi, kif kienet magħrufa, ċkienet wisq għan-nies li kienu marru joqogħdu f'San Ġiljan u fl-1961 beda l-bini tal-knisja l-ġdida li tlestiet fl-1968. Il-Papa fiż-żjara tiegħu f'Malta fl-1990, iltaqa' mal-intellettwali Maltin f'din il-knisja .

*In 1682 the small church which overlooked St. Julian's Bay was enlarged and in 1848 it became a subsidiary of the Birkirkara parish; In 1854 it was further enlarged and in 1891 it became the parish church of the locality. In recent times the Lapsi church, as it is popularly known, became too small for the people living in St. Julians and in 1961 a new church started to be built and was opened for worship in 1968. During his visit to Malta in 1990, Pope John Paul II met people from the world of culture in this church.*

Data tad-dedikazzjoni: 17 ta' Diċembru 1978
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fit-28 ta' Awwissu.

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi:**
**8.00 am; 9.30 am; 11.00 am; 12.15 pm**
**6.30 pm (xitwa) u 7.00 pm (sajf)**

**Sibtijiet: 7.30 am u 9.00 am;**
**6.30 pm u 7.45 pm;**

**Ġranet Ferjali:**
**7.00 am; 9.00 am**
**6.30 pm (xitwa) u 7.00 pm (sajf)**

MAGĦMUDIJIET: 130; L-EWWEL TQARBINA: 50; KONFERMAZZJONI: 57; ŻWIĠIJIET: 44; FUNERALI: 56.

**KAPPILLAN**
Fr Claude Portelli
Tel: 2138 0270; Mob 9980 0708;
email:
*parrocca.san.giljan@maltadiocese.org*
website: www.stjuliansparish.org

**Uffiċċju Parrokkjali:**
115, Triq Lapsi, San Ġiljan STJ 1260

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**

It-Tnejn, it-Tlieta u l-Ħamis:
5.00 - 6.30 pm (xitwa)
5.30 - 7.00pm (sajf)

Numru tal-parruċċani: 9,000
Numru tal-familji: 4,000

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Claude Portelli, Kappillan
Dun Pawl Mizzi, Viċi
Dun Stefan Attard
Mons. Ġwann Galea
Dun Gilbert Scicluna

**Saċerdot residenti fil-parroċċa**
Dun Marco Portelli

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
**President u Moderatur:**
Il-Kappillan
Segretarja: Sinj. Shirlee Zammit Munro

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Membri: Sur Noel Camilleri

Sur Edwin Sammut,
**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**FRATELLANZA**: Sagrament

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Book Centre; Children's Choir; Għaqda Nisa Ġiljanizi; Mt Tabor Prayer Group; St Julian's Choral Group.

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (rġiel, nisa u tfal); Leġjun ta' Marija (rġiel, nisa u tfal); M.U.S.E.U.M. (sez. maskili)

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja; Kateketika; Liturġija; Tfal.

**PELLEGRINAĠĠI**: Randan - ghas-Santwarju tal-Mellieha; Duluri; Rużarju

**PURĊISSJONIJIET**: San Ġiljan, Corpus Christi.

# KNEJJES OĦRA

**Knisja ta' San Ġiljan ta' Lapsi**
L-ewwel knisja nbniet għall-ħabta tal-1580, iżda dik li hemm illum inbniet fl-1682. Fl-1848 saret viċi-parroċċa ta' Birkirkara u mbagħad, għax l-għadd tan-nies f'San Ġiljan kien dejjem qed jikber, tkabbret fl-1852 u fl-1891 saret il-knisja parrokkjali u baqgħet sakemm inbniet il-knisja l-ġdida. Fil-knisja ta' Lapsi jistgħu jsiru ż-żwiġijiet u llum qed tintuża wkoll għat-tagħlim tad-duttrina.

*There was a church on St. Julian's heights before 1580, but the present church dates from 1682. In 1848 it served as a subsidiary parish church and in 1891 it became the parish church of the locality, and remained so till the present parish church was built. Marriages may be celebrated in it. It is used for catechism classes.*

RETTUR: il-Kappillan

**QUDDIES:**

**Ħdud u Festi : 9.00 am**

**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa : 7.45 am**

**Knisja tal-Kunċizzjoni**
Il-knisja nbniet mill-Kavallier Rafel Spinola biex ikollu knisja qrib il-palazz li kien bena fl-inħawi li llum huma magħrufa bħala Spinola minn ismu. Il-knisja bdiet tinbena fl-1687 u tbierket sena wara. Fil-bidu ta' dan is-seklu l-knisja tkabbret u fl-1914 saritilha faċċata ġdida. Fiha jistgħu jsiru żwiġijiet.

*The church was built by the Knight Rafel Spinola, who wished to have a church near the palace he had built in St. Julian's Bay in the locality now known as Spinola, after his palace. The church was built in 1687 and enlarged at the beginning of the last century while a new facade was given to it in 1914. Marriages may be celebrated in the church.*

RETTUR: il-Kappillan

**QUDDIES**

**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa : 5.30 pm**

# KNEJJES TAR-RELIĠJUŻI

**Knisja Santa Rita**
Il-patrijiet Agostinjani ġiethom ix-xewqa li jibnu kunvent u knisja fil-bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan. Fl-1923 sabu l-benefattriċi Nikolina Pons li tathom l-art fejn jibnu l-kunvent tagħhom. Bnewh bejn l-1926 u l-1928. Fil-gwerra l-kunvent u l-knisja saru ħerba u nbnew mill-ġdid fl-1944. Fil-knisja jistgħu jsiru żwiġijiet.

*The Augustinian friars were given a piece of land by Miss Nicolina Pons to build a church and friary. The work started in 1926 and two years later the friars took up residence. Both the friary and the church were destroyed during World War II but rebuilt in 1944. Marriages may be celebrated here.*

RETTUR: P. Joe Farrugia OSA
Telefon: 2137 7708; Fax 2137 0928
Indirizz: Kunvent Santa Rita,
Sqaq Lourdes,
San Ġiljan STJ 3331

## QUDDIES

**Ħdud u Festi**
**8.30 am; 10.00 am u 12.00 pm (xitwa biss)**
**Sibt Filgħaxija: 7.00 pm**
**9.00 pm (żgħażagħ)**
**l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar: 7.00 pm**
**Ġranet Ferjali : 6.30 am u 8.30 am**

**GĦAQDIET RELIĠJUŻI**: Abbatini, Leġjun ta' Marija, GRUFAN, Grupp Ġustizzja u Paċi, Tabitha Prayer Group .

### Knisja Ommna Marija tal-Parir it-Tajjeb

Fl-1936 l-avukat Ġuże' Pace bena kunvent u knisja u fdahom lill-patrijiet Agostinjani meta dik il-parti ta' San Ġiljan li llum hi magħrufa bħala Paceville bdiet tiżviluppa. Tant kien kbir l-iżvilupp li l-patrijiet ħassew il-ħtieġa li jibnu knisja ġdida li nfetħet fl-1973.

*In 1936 Dr Guze Pace built a church and friary for the Agustinians, when this area in St. Julian's which today is known as Paceville started developing. The friars built a new church as the population in the locality had increased considerably. The new church was opened in 1973.*

RETTUR: P. Mario Abela OSA
Telefon: 2135 4464; 2138 1172;
Fax: 2138 7676.
Indirizz: Knisja Ommna Marija tal-Parir it-Tajjeb, Paceville STJ 3043

## QUDDIES

**Ħdud u Festi**:
**7.30 am - 9.00 am - 11.30 am (bl-Ingliż)**
**Ġranet Ferjali:**
**7.25 am - 8.30 am - 6.45 pm**
**SIBT: 7.25 am - 6.30 pm u 9.30 pm (għaż-Żgħażagħ minn Fr Saviour Grima OSA)**

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**
Abbatini; Fergħa Nisa tal-Komunità; GRUFAN; Grupp Lectio Divina; Grupp Lift (Żgħażagħ- www.mclift.org); Justice and Peace groups; Friends of Augustine; Segretarjat Missjonijiet Agostinjan.

### The Millennium Chapel

Infetħet fit-8 ta' Diċembru 2000 u hi oasi ta' paċi fil-qalba tal-post tad-divertiment u tat-turiżmu. Miftuħa kuljum mid-9.00a.m. sas-2.00a.m. tal-għada għal kull persuna, hi x'inhi r-reliġjon jew il-kulur tagħha. Ġesu' Ewkaristija huwa dejjem espost għall-adorazzjoni u l-post joffri servizzi ta' counselling għal min għandu xi problema fil-ħajja. Immexxija minn Fondazzjoni ta' Lajċi maħtura mill-Provinċja Agostinjana.

*The Millennium Chapel is situated in the basement of the Augustinian Convent in Church Street, and was inaugurated on the 8th December 2000. The Chapel aims to be an oasis of peace in the heart of Paceville to visitors of all creeds and colour, to be a place of perpetual adoration of the Blessed Sacrament, to offer care and understanding to people who seek it, to be a meeting place for senior citizens and to welcome foreign visitors and tourists in a spirit of faith. It is being run by a Foundation formed of Lay people and Augustinian Fathers.*

Tel: 2135 4464; 21381172;
Fax: 2138 7676
Website: www.millenniumchapel.org
www.mclift.org

**ĊELEBRAZZJONIJIET:**
Kull nhar ta' Sibt : 9.15p.m. Talb ta' filgħaxija bis-Salmi; Issir Taizè Adoration bl-Ingliż u bil-Malti kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar fis-7.30pm.

### Monasteru ta' Santa Klara

Fl-1920 is-sorijiet Klarissi minn Ħaż-Żabbar marru f'San Ġiljan f'dar fi Triq il-Karmnu; iżda billi din id-dar kienet żgħira wisq għalihom bnew monasteru ġdid fi Triq Reġjonali. L-ewwel ġebla tqiegħdet fl-1933 u s-sorijiet daħlu fid-dar il-ġdida fl-1935.

*In 1920 the Poor Clares left Żabbar, where they had first settled and moved to St. Julian's in Carmel Street; but the house there was too small for the community and therefore they started building a new monastery in 1933. They took their residence in the new monastery in 1935.*

RETTUR: P Julian Sammut O.F.M.
Telefon: 2138 3341

## QUDDIES

**Ħdud u Festi: 6.30 am u 11.00 am**
**Ġranet ferjali: 6.30 am**



# SAN ĠWANN

## PARROĊĊA MADONNA TA' LOURDES

Meta l-inħawi bejn Birkirkara u San Ġiljan, wara l-gwerra, bdew jiżviluppaw, Mons. Gonzi talab lill-patrijiet Kapuċċini biex jieħdu ħsieb il-ħajja spiritwali tan-nies. Il-Kapuċċini bdew il-ħidma tagħhom fis-sena 1956 u ħasbu għall-bini ta' knisja dedikata lill-Madonna ta' Lourdes li tlestiet fl-1959; fl-1965 saret il-knisja parrokkjali tal-post.

*Soon after the war, people started building their homes in the area between Birkirkara and St. Julian's, and Mgr Gonzi asked the Capuchins to take care of the spiritual welfare of the people residing there. The Capuchins established themselves in the locality in 1956 and started building a church dedicated to the Virgin Mary of Lourdes. The building of the church was completed in 1959 and in 1965 it bercame the parish church of the locality.*

Data tad-dedikazzjoni: 12 ta' Mejju 1962. Il-Festa se tiġi ċċelebrata fis-7 ta' Awwissu.

**KAPPILLAN**
P. Emmanuel Abela OFMCap
Tel:21386112/3; Fax:21382072;
email: *parroccasgn@gmail.com*
*parrocca.san.gwann@maltadiocese.org*
website: www.sangwannparish.org

**Uffiċċju Parrokkjali:**
1, Kunvent tal-Kapuċċini, Misraħ Lourdes, San Ġwann SĠN 2010.

**Ħinijiet tal-Uffiċċju**:
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa:
9.00 - 11.30 am; 7.00 - 8.00 pm
Numru tal-parruċċani: 13,500
Numru tal-familji: 3,500

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
P. Emmanuel Abela ofm Cap, Kappillan
P. Carmelo Dimech, ofm Cap, Viċi u Żona ta' Żwejt
P. Carmelo Aquilina, ofm Cap, Viċi u Żona Mensija
P. Paul Bugeja, ofm Cap, Gwardjan
P. Ġwakkin Mercieca, ofm Cap,
P. Joe Saliba, ofm Cap,
P. John Vella, ofm Cap,

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: Sur Tony Micallef
Segretarja: Ms Ruth Gauci

MAGĦMUDIJIET: 55; L-EWWEL TQARBINA: 70; KONFERMAZZJONI: 67; ŻWIĠIJIET: 10; FUNERALI: 63.

**QUDDIES**

| Ħdud u Festi | Sibtijiet |
|---|---|
| 7.00 am | 7.00 am |
| 8.30 am | 8.00 am |
| 10.00 am | 9.00 am |
| 11.30 am | 5.45 pm |
| 6.00 pm | 7.00 pm |

| Festi Pubbliċi | Ġranet Ferjali |
|---|---|
| 7.00 am | 6.00 am |
| 8.00 am | 7.00 am |
| 9.00 am | 7.45 am |
| 6.30 pm | 8.30 am |
| | 6.30 pm |

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini, Preteens, Teens, 18plus, Kor Kbar u Żgħar; Lourdes Club; Romol; Anzjani; Ċellola Parrokkjali; Bereavment Group

**GĦAQDIET**: Grupp Familji Nsara (4); Kariżmatiċi (2); Leġjun ta' Marija (3); M.U.S.E.U.M (sez. Maskili u sez. Femminili); Neo-Katekumeni (7)

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja; Kateketika; Liturġija; Missjoni; Żgħażagħ

**PURĊISSJONIJIET**: Madonna ta' Lourdes, Corpus Christi, Madonna tad-Duluri.

# KNEJJES OĦRA

### Santwarju tal-Madonna tal-Minsija

Il-knisja hi mibnija fuq għar li skont it-tradizzjoni, meta nstab, kien hemm xbieha tal-Madonna bil-musbieħ jixgħel quddiemha. Il-knisja sa qabel il-gwerra kienet tinsab f'nofs il-kampanja, u kienet ingħalqet mill-Isqof fl-1659 iżda reġgħet infetħet meta ġiet restawrata. Fiha jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.

*The church is built over a cave whose existence had been unknown for a long time; tradition says that a person entering it for the first time saw a light burning in an earthen lamp in front of an old painting of the Blessed Virgin. Before the war the church was a rural chapel with only one house in its vicinity. The church was closed by the Bishop in 1659 but re-opened when restored. Marriages may be celebrated in it.*

RETTUR: P. Carmelo Aquilina, ofm Cap.

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 11.00 am**

**Mit-Tnejn sas-Sibt: 5.30 pm**

### Kappella ta' San Ġwann tal-Għargħar iċ-Centru MUSEUM Bniet

Il-kappella, li tinsab f'nofs it-triq li tieħu għal tas-Sliema, kienet ingħalqet mill-Isqof Balaguer fl-1659 iżda nfetħet mill-ġdid fl-1672. Meta l-patrijiet Kapuċċini, fuq talba tal-Arċisqof Mons. Gonzi, bdew jieħdu ħsieb il-ħajja spiritwali tan-nies tal-post, fil-bidu kienu jaqdu l-missjoni tagħhom minn din il-kappella; illum qed tintuża bħala Ċentru tal-MUSEUM tal-bniet.

*The chapel is situated on the road to Sliema; it was closed by Bishop Balaguer in 1659 but reopened in 1672. When the Capuchins, requested by the Archbishop Mgr Gonzi, established themselves in the locality, they used this chapel; today it is used for catechetical instruction.*

### Kappella ta' San Filippu u San Ġakbu

Il-kappella nbniet fl-1730 mill-prepostu ta' Birkirkara ta' dak iż-żmien.

*The church was built in 1730 by the provost of Birkirkara chapter.*

### Kappella Santa Margerita

Il-kappella nbniet fis-seklu sittax u ngħalqet fis-sena 1568, iżda reġgħet infetħet erba' snin wara; fi żmien l-aħħar gwerra ġarrbet ħsarat kbar u kważi nqerdet għal kollox, iżda ġiet mibnija mill-ġdid u nfetħet fl-1990; qed isservi għal-laqgħat ta' talb u għal-laqgħat tal-għaqdiet. Il-Kappella tkun miftuha ghall-Adorazzjoni kuljum mis-7.30 am sad-9.00pm

The chapel was built in the 16th century but was closed in 1568 to be reopened four years later. During the last war it was almost completely destroyed but was rebuilt and opened in 1990 for use by prayer groups and church associations. The Chapel is open for Eucharistic Adoration daily from 7.30 am to 9.00pm

### Ċentru Pastorali ta' Nazaret ta' Żwejt

RETTUR: P. Carmelo Dimech, OFMCap

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 9.00 am**

**Ġranet Ferjali :**

**It-Tlieta u l-Ġimgħa : 6.30 pm**

**Is-Sibt : 6.00 pm**



# SAN PAWL IL-BAĦAR

## PARROĊĊA MARIJA ADDOLORATA

San Pawl il-Baħar kien minn dejjem post ta' villeġġjatura, iżda fil-bidu tas-seklu l-ieħor tant kiber li s-santwarju ta' San Pawl ma baqax kbir biżżejjed, u għalhekk il-Markiża Anna Bugeja, b'tifkira tas-Sena Mqaddsa tal-1900, bniet knisja dedikata lid-Duluri u tatha lill-patrijiet Franġiskani Konventwali. Il-knisja saret parroċċa fl-1905 u wara ġiet imkabbra kif inhi llum bejn l-1968 u l-1979.

*Saint Paul's Bay has always been a summer resort, and with the increase of summer residents at the beginning of the 20th century the old church of St. Paul's Sanctuary became too small. Countess Anna Bugeja, in remembrance of the 1900 Holy Year, provided funds for the building of a church dedicated to Our Lady of Sorrows and donated it to the Conventual Franciscans. The church became a parish in 1905 and was considerably enlarged between 1968 and 1979.*

Data tad-dedikazzjoni: 8 ta' April 1979.
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fis-26 ta' Lulju.
Il-Festa ta' San Pawl fit-8 ta' Frar

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**6.00 am; 7.15 am; 8.30 am; 9.45 am**

**11.00 am (bl-Ingliż)**

**5.00 pm (xitwa); 6.00 pm (sajf)**

**Sibtijiet Filgħaxija: 6.00 pm**

**Lulju sa Settembru : 6.00 pm; 7.30 pm**

**Ġranet Ferjali**
**6.00 am; 6.50 am; 8.00 am**
**5.00 pm**

**FRATELLANZI**: Sagrament, Madonna tad-Duluri, San Ġużepp

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Kor Parrokkjali Marija Addolorata; Grupp Kant "Għolja ta' Sijon"; Letturi; Ministri Straordinarji tat-Tqarbin; Animaturi Liturġija; Helpers Knisja Parrokkjali; Kumitat Żgħażagħ Ġawhrin; Grupp "Lectio Divina"; Helpers Kunvent; Parish Club; Pre-Youths; Żgħażagħ; Kumitat Festa

**GĦAQDIET**: Grufan; Leġjun ta' Marija; Mixja Neokatekumenali; M.U.S.E.U.M. (sez. maskili); Tiġdid Kariżmatiku (diversi gruppi); Mother's Prayer Group.

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja; Implimentazzjoni tas-Sinodu; Liturġija; Kateketika; Tfal; Adolexxenti u Żgħażagħ.

**PURĊISSJONIJIET**: Madonna tad-Duluri, Corpus Christi, Qalb ta' Ġesu', Madonna tad-Duluri (fir-Randan), San Pawl u Tas-Salib (Randan)

MAGĦMUDIJIET: 20 ; L-EWWEL TQARBINA: 41; KONFERMAZZJONI: 45; ŻWIĠIJIET: 15; FUNERALI: 40

**KAPPILLAN**
P. Michael Attard, OFMConv
Tel: Uff: 2157 9266; Mob: 9944 7731;
Kunvent: 2157 3445; Fax: 2157 4443;
Personali: 2159 0103;
email: *m.attard@ofmconv.malta.org*
*parrocca.sanpawl.il-bahar@maltadiocese.org*
*parrocca.spb@ofmconvmalta.org*
Facebook: Parrocca Marija Addolorata San Pawl il-Bahar

**Uffiċċju Parrokkjali**:
35, Triq it-Torri, San Pawl il-Baħar
SPB 3340

**Ħinijiet tal-Uffiċċju**:
Il-Ġimgħa u s-Sibt: 9.00 - 12.00 pm

Numru tal-parruċċani: 5,000
Numru tal-familji: 2,100

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
P Michael Attard, OFM Conv, Gwardjan/Kappillan
P David Borg, OFM Conv
P Ġorġ Zammit, OFM Conv, Viċi
Fra Ġorġ Micallef, OFM Conv
P Josef Pace OFM Conv
P Mario Sant, OFM Conv
P Elias Vella OFM Conv
P Alfred Vella Clarke OFM Conv

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
Moderatur: Sur Mansueto Zerafa
Segretarja: Ms Louisette Pace

## KNEJJES OĦRA

**Knisja Sant'Anna, Pwales**
Il-knisja hi antika u kienet ingħalqet, iżda reġgħet infetħet fl-1672; saritilha ħsara mill-Franċiżi meta niżlu Malta fl-1798. Illum qed jieħdu ħsiebha l-patrijiet Franġiskani Konventwali.

*This is an old church which had long been closed but was reopened in 1672; it suffered considerable damage during the French occupation in 1798.*

RETTUR: Il-Kappillan

**Knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem**
Il-Franġiskani Kapuċċini fetħu knisja fuq l-għolja tax-Xemxija fl-1959; twaqqgħet fl-1988 għax ma kinitx mibnija fuq il-blat, u nbniet knisja ġdida.

*The Franciscan Capuchin friars built a church at Xemxija Hill in 1959. This Church had to be demolished and a new Church built instead.*

RETTUR: P. Diegu Theuma OFM Cap
Telefon: 2157 3282
Indirizz: L-Għolja tax-Xemxija,
San Pawl il-Baħar SPB 9021

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**7.00; 8.30; 10.00 am**
**6.00 pm (Ottubru sa April)**
**7.00 pm (Mejju sa Settembru)**

**Sibtijiet Filgħaxija**
**6.00 pm (Ottubru sa April)**
**5.30 u 7.00 pm (Mejju sa Settembru)**

**Ġranet Ferjali**
**7.00 am - 6.00 pm (Ottubru sa April)**
**6.30 pm (Mejju sa Settembru)**

**Knisja Madonna tal-Karmnu**
Il-knisja bdiet tinbena fl-1835; fl-1927 ġiet imkabbra u fl-1929 bdew jieħdu ħsiebha l-Patrijiet Franġiskani Konventwali; fiha jistgħu jsiru żwiġijiet.

*The church was built in 1835 and enlarged in 1927 and two years later it was committed to the care of the Parish. Marriages may be celebrated in it.*

RETTUR: Il-Kappillan

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 8.00 am**

**Sibtijiet Filgħaxija :**
**5.00 pm (xitwa) u 5.30 pm (sajf)**

**Ġranet Ferjali: kull nhar ta' Erbgħa**
**April sa Settembru: 5.30 pm**
**Ottubru sa Marzu: 5.00 pm**

**Knisja tal-Madonna tal-Abbandunati, Wardija**

Il-knisja nbniet fl-1690 minn Fra Raymond Perellos qabel laħaq Granmastru; hi knisja guspatronali.

*The church was built in 1690 by Fra Raymond Perellos before becoming Grandmaster.*

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi: 7.30 am**

**Ġranet Ferjali u Sibtijiet Filgħaxija: 6.00 pm**

**Santwarju ta' San Pawl tal-Ħuġġieġa**

Is-Santwarju magħruf bħala San Pawl tal-Ħġejjeġ inbena mill-Gran Mastru Alof de Wignacourt flok knisja oħra żgħira u wisq qadima fil-viċin li kienet tappartjeni lid-djoċesi. L-istess Gran Mastru għaqqad din il-knisja mal-Kolleġġjata tal-grotta ta' San Pawl bħala parti mill-"Fondazione Wignacourt" Il-Kappella nqerdet għal kollox fl-1943 waqt attakk mill-ajru u reġgħet ġiet mibnija fuq id-disinn oriġinali fl-1957. Fiha tliet kwadri li juru xeni min-nawfraġju ta' San Pawl u li huma xogħol ta' Cassarino (skont oħrajn ta' Lionello Spada), it-tnejn dixxipli ta' Caravaggio. Il-Kapitlu tar-Rabat afda din il-Knisja f'idejn l-Arċidjoċesi.

*The Sanctuary known as San Pawl tal-Ħġejjeġ was built by Grand Master Alof de Wignacourt instead of a smaller and much older chapel in the vicinity which belonged to the diocese. The same Grand Master linked this church to the Collegiate of St Paul's Grotto as part of the "Fondazione Wignacourt". The church was completely destroyed during an air raid in 1943 and was rebuilt on the original designs in 1957. It has three paintings depicting scenes of St Paul's shipwreck, attributed to Cassarino although others attribute them to Lionello Spada, both disciples of Carvaggio. The Collegial Chapter has entrusted the running of this Church to the Archdiocese.*

RETTUR: Il-Kappillan

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**

**9.30 am u 11.00 am**

**Sibtijiet Filgħaxija**

**5.00 pm**
**7.00 p.m. (tiżdied fis-sajf)**

**Ġranet Ferjali**
**Fix-xitwa: 5.30 pm**
**Fis-sajf: 6.00 pm**



# SANTA LUĊIJA

## PARROĊĊA SAN PIJU X

Wara l-aħħar gwerra, barra Ħal Tarxien tela' "housing estate" li fi żmien qasir tant kibret li nħasset il-ħtieġa li ssir parroċċa għaliha, u għalhekk inbniet knisja dedikata lil San Piju X, li tbierket fl-4 ta' Ġunju 1972 minn Mons. Mikiel Gonzi u ġiet konsagrata minn Mons. G. Mercieca fl-4 ta' Ġunju 1992.

*Soon after the war a vast area near Tarxien was developed as a housing estate, and the church authorities immediately took steps to provide the locality with a church dedicated to St. Pius X, which was blessed by Archbishop Gonzi on the 4th June 1972 and consecrated by Archbishop Mercieca on the 4th June 1992.*

Data tad-dedikazzjoni: 4 ta' Ġunju 1992
Il-festa se tiġi ċċelebrata fit-23 ta' Awwissu.

**QUDDIES**

| **Ħdud u Festi** | **Sibtijiet Filgħaxija** |
|---|---|
| **7.00 am** | **6.30 pm** |
| **9.00 am** | |
| **11.00 am** | **Ġranet Ferjali** |
| **6.30 pm** | **6.45 am** |
| | **8.30 am** |
| | **6.30 pm** |

MAGĦMUDIJIET: 16; L-EWWEL TQARBINA:19; KONFERMAZZJONI: 19; ŻWIĠIJIET: 3; FUNERALI: 11

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**GRUPPI PARROKKAJLI**: Abbatini: Angelic Voices; Kor Incanto; Joy Gospel Singers; Spirit Alive Youths; Grupp Romol; Stilel tal-Qalb ta' Ġesù; Grupp Fundraising.

**GĦAQDIET**: Grufan; Moviment Kariżmatiku; Moviment tal-Fokolari; Mother and Child Group, MUSEUM.

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja; Kateketika; Liturġija

**PURĊISSJONIJIET**: Corpus Christi, Madonna tad-Duluri.

**KAPPILLAN**
Kan. Charles Carmel Attard
Tel: 2182 8931; Mob: 9957 6532;
email:
*parrocca.santa.lucija@maltadiocese.org*
website: www.santalucijaparishmalta.com

**Uffiċċju Parrokkjali:**
Triq Ines Soler, Santa Luċija SLC 1450

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tlieta u l-Ħamis: 4.30 - 6.00 pm
Is-Sibt: 9.00 - 10.30 am
(*L-Uffiċċju ma jkunx miftuħ nhar ta' Tlieta matul Lulju, Awwissu u Settembru)*

Numru tal-parruċċani: 3,625
Numru tal-familji: 1,043

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Kan. Charles Carmel Attard, Kappillan
Dun Pawl Galea
Dun Adrian Caruana Colombo

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Moderatur: Sur Michael Dalmas
Segretarja: Mrs Lorraine Cauchi

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Segretarja: Ms Pauline Pisani
Membri: Sur Charles Serracino
Sur Vincent Cassar
Sur Frans Coleiro
Sur Lawrence Ciantar
Sur Matthew Schembri
Sur Joe Soler



# SANTA VENERA

## PARROĊĊA SANTA VENERA

Il-knisja antika ta' Santa Venera ġiet fdata lill-patrijiet Karmelitani fis-sena 1912 meta ma kienx għad hemm ħafna residenti. Sitt snin wara, Santa Venera saret parroċċa. Għax il-popolazzjoni baqgħet dejjem aktar tikber, il-patrijiet ħassew il-ħtieġa li jibnu knisja oħra f'post aktar ċentrali, fi Triq San Ġużepp. Fis-6 ta' Ottubru 1990 tqegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida. Il-Knisja Parrokkjali l-ġdida ġiet inawgurata u mbierka minn Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, nhar is-17 ta' Lulju, 2005.

*The old church of St. Venera was given to the Carmelite friars in 1912, and six years later it became a parish church. Because of the rapid increase of the population in the locality the friars decided to build a new church on the main road to Mdina: the foundation stone of the church was laid on the 6th October 1990, and the Church was inaugurated on the 17th July, 2005, by Mgr Joseph Mercieca, Archbishop of Malta. It is now the parish church of the locality.*

Il-Festa se tiġi ċċelebrata fl-20 ta' Lulju.

**QUDDIES**

| Ħdud u Festi | Sibtijiet Filgħaxija |
|---|---|
| 6.00 am | 6.30 pm |
| 7.00 am | |
| 8.00 am | **Ġranet Ferjali** |
| 9.00 am | 6.00 am |
| 11.30 am | 7.00 am |
| 6.00 pm | 8.30 am |
| | 6.30 pm |

MAGĦMUDIJIET: 51; L-EWWEL TQARBINA: 62; KONFERMAZZJONI: 58; ŻWIĠIJIET: 15; FUNERALI: 62.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**
**FRATELLANZA**: Sagrament

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Kor Parrokkjali ; Grupp Adolexxenti; Lectio Divina; Grupp Familji Żgħażagħ Santa Venera.

**KAPPILLAN**
P Maurice Abela, O.Carm
Tel: 2148 2851(uffiċċju);
2144 5048 (Knisja); Mob: 7907 1610
email: *svenera1918@gmail.com*
*parrocca.s.venera@maltadiocese.org*
website: www.parroccasantavenera.org

**Uffiċċju Parrokkjali:**
Triq il-Parroċċa, S Venera SVR 1261

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa:
4.45 pm - 5.45 pm
Is-Sibt: 8.00 - 9.15 am
Numru tal-parruċċani: 9,000
Numru tal-familji: 2,200

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
P Maurice Abela, Kappillan
P Victor Paul Farrugia O.Carm, Pirjol
P Samuel Abela O.Carm
P Joseph Falzon O.Carm

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Moderatur: Sur Stanley Spiteri
Segretarja: Ms Josette Zerafa
PRO: Sur Stanley Spiteri

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (nisa); Grupp Familji Nsara; Grupp Kariżmatiku, Leġjun ta' Marija (rġiel, nisa); Mixja Katekumenali; M.U.S.E.U.M. (sez. femminili); Terz'Ordni Karmelitan sekular; ŻAK

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja; Kateketika; Liturġija

**PELLEGRINAĠĠ**: Madonna tal-Karmnu

**PURĊISSJONIJIET:** Santa Venera; Duluri; Corpus Christi

### Knisja ta' San Ġużepp

L-Istitut San Ġużepp twaqqaf fis-sena 1888 minn Mons. F. Bonnici f'dar il-Ħamrun. Malajr ħass il-ħtieġa li jkabbar u ħa b'ċens mingħand il-Gvern l-art fejn illum hemm mibni l-Istitut li tela' bit-tħabrik ta' Dun Ġorġ Bugeja. Maż-żewġ blokki tal-Istitut Dun Ġorġ żied il-knisja li hemm illum. L-Istitut għal xi

żmien kien immexxi mill-Freres, iżda mill-1922 'l hawn, id-Dar ta' San Ġużepp hija mmexxija mis-Soċjetà Missjunarja San Pawl.

*St. Joseph Institute was founded by Mgr F. Bonnici: at first the boys in the Institute lived in a house in Ħamrun, but it was soon realised that the house was too small and through the efforts of Rev. George Bugeja a piece of land was acquired from the Government to build the Institute; the Institute's church was added at a later date. For a short period the Christian Brothers took care of the institute but since 1922 St Joseph's Home is administered by the St. Paul's Missionary Society.*

Data tad-Dedikazzjoni: 14 ta' Mejju 1916

RETTUR: Fr Frankie Cini MSSP

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi: 8.00 am**
**Sibtijiet: 8.00 am 7.30 pm**
**Ġranet Ferjali: 7.00 am**

Telefon: 2124 5046; 2123 1252
Email: *admin@stjoseph-home.com*
Indirizz: Triq San Ġużepp, Sta Venera SVR 1010

**GĦAQDIET**: Families for Christ, Leġjun ta' Marija (nisa), Light of Christ, Seeds of Faith Community, Ċentru Animazzjoni Missjunarja

### Knisja qadima ta' Santa Venera

RETTUR: P. Jurgen Cucciardi O. Carm,
Telefon: 2148 4053
Indirizz: Misraħ Santa Venera, SVR 1681

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi:**
**6.30 am; 7.30 am; 8.30 am**
**10.00 am, 6.00 pm**
**Sibtijiet Filgħaxija:**
**5.00 pm, 6.00 pm**
**Ġranet Ferjali:**
**6.30 am; 7.15 am; 8.45 am;**
**6.00 pm**



# SENGLEA

## PARROĊĊA MARIJA BAMBINA

Il-knisja tal-Isla dedikata lit-Twelid tal-Verġni Marija probabbilment ġiet proġettata mill-arkitett Vittorio Cassar fl-1580 bħala monument tar-rebħa l-kbira tal-Assedju. Saret parroċċa fil-bidu tas-sena 1581 u ġiet konsagrata fil-15 ta' Ottubru 1743. Il-Papa Piju VI, fil-21 ta' Mejju 1786 iddikjaraha Kolleġġjata insinji. Fit-3 ta' Jannar, 1921 il-knisja saret Bażilika b'diġriet tal-Papa Benedittu XV; saret ukoll santwarju għaliex l-istatwa ta' Marija Bambina ġiet inkurunata fl-4 ta' Settembru 1921. F'Jannar 1941 iġġarrfet bil-bombi iżda nbniet mill-ġdid u reġgħet ġiet konsagrata mill-Arċisqof Mons. Gonzi fl-24 ta' Awwissu 1957.

*The parish church of Senglea, dedicated to the Nativity of the Virgin Mary, was most probably built by architect Vittorio Cassar in 1580 as a monument to the Christian Victory after the Great Siege of 1565. Senglea became a parish in 1581 and the Church was consecrated on the 15th October 1743. Pope Pius VI on the 21st May 1786 declared the church to be a "collegiata insignis", while Pope Benedict XV on the 3rd January, 1921 honoured the church with the title of Basilica; after the crowning of the statue of the Virgin Mary on the 4th September 1921 the church became a sanctuary of the Virgin Mary. The church was destroyed by bombs in 1941, but was rebuilt and consecrated by Mgr Gonzi on the 24th August 1957.*

Data tad-Dedikazzjoni: 15 ta' Ottubru 1943;
24 ta' Awwissu 1957

Il-Festa tiġi ċċelebrata fit-8 ta' Settembru.

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi:**
**7.00; 8.00; 9.15; 11.00 am u 6.00 pm**
**Sibtijiet Filgħaxija: 6.00 pm**
**Ġranet Ferjali:**
**6.30 am; 7.45 am; 6.00 pm**
**Nhar ta' Ġimgħa :**
**tiżdied Quddiesa fl-10.00 am**

MAGĦMUDIJIET: 44; L-EWWEL TQARBINA: 25; KONFERMAZZJONI: 21; ŻWIGIJIET: 10; FUNERALI:

36.
**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET FRATELLANZI**: Kurċifiss, Rużarju,

**GRUPPI PARROKKJALI:** Abbatini, Kor Marija Bambina, Kor tat-Tfal; Senglea Mothers; Żgħażagħ 18+

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (rġiel, nisa); Gruppi Familji Nsara; Grupp Kariżmatiku; M.U.S.E.U.M. (sez. maskili u sez. femminili); Legion of Mary

**KUMMISSJONIJIET**: Familja; Kateketika; Liturġija; Żgħażagħ

**PELLEGRINAĠĠI**: Redentur, Madonna tad-Duluri, Madonna tar-Rużarju

**PURĊISSJONIJIET**: Marija Bambina, Ġimgħa l-Kbira, Rxoxt, Corpus, Redentur.

**ARĊIPRIET**
Kan. Robin Camilleri
Tel: 2182 7203 (Uffiċċju u Knisja)
2180 7204(dar); Mob: 9930 0579
email: *parrocca.senglea@maltadiocese.org*

website: sengleaparish.org

**Uffiċċju Parrokkjali:**
27, Triq San Lawrenz,l-Isla ISL 1113

**Ħinijiet tal-Uffiċċju**:
It-Tnejn u l-Ġimgħa
*(minbarra kull l-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar)*
4.30 - 6.00 pm;
Is-Sibt:
8.30 - 10.00 am

Numru tal-parruċċani: 2,700
Numru tal-familji: 1,100

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Arċipriet Kan. Robin Camilleri
Kan. Teol. Mark Ellul
Kan Penitenzier Dun Angelo Vella
Kan. Teżorier Jonathan Farrugia

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: Sur Lino Zahra
Segretarju: Stefan Azzopardi

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: L-Arċipriet
Segretarju: Sur Ġino Parnis

## KNEJJES OĦRA

**Knisja ta' San Ġiljan**
Il-knisja nbniet tliet darbiet, l-ewwel darba fl-1311, imbagħad fl-1539 u fl-aħħar fl-1710. Fiha jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.

*The church was built three times: in 1311, in 1539 and finally in 1710. Marriages may be celebrated in it.*

RETTUR: L- Arċipriet.

**Knisja ta' San Filippu**
Il-knisja hi dedikata lill-Madonna ta' Portu Salvu (liż-Żjara tal-Verġni Marija lil Santa Elizabetta) u nbniet fl-1640. Hi magħrufa bħala knisja ta' San Filippu għax ingħatat lill-Oratorjani li bnewha mill-ġdid fl-1741. Meta l-Oratorjani spiċċaw, il-knisja ha ħsiebha l-Arċipriet tal-Isla. Fi żmien il-kolera l-kunvent sar sptar u meta l-knisja tal-Isla ġġarrfet bil-bombi fl-aħħar gwerra, il-knisja ta' San Filippu serviet bħala knisja parrokkjali. Illum din il-Knisja tinsab f'idejn is-Sależjani ta' Dun Bosco.

*The church, dedicated to Our Lady of Safe Haven (the Visitation), was built in 1640. It is known as the church of St. Philip Neri as it was given to the Oratorians who rebuilt it in 1741. When the Oratorians left, the archpriest of Senglea became responsible for the church. During the cholera epidemic the friary adjacent to the church served as a hospital, and when Senglea parish church was destroyed by bombs during the last war, St. Philip's church served as the parish church. Today this Church is administered by the Salesians of Don Bosco.*

Rettur: P. Antoine Farrugia SDB
Indirizz: Knisja San Filippu,
Triq il-Vitorja,
Senglea ISL 1512

Telefon: 2182 7323; 2782 7323;

Mob: 9982 4365

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**7.00 am**
**9.30 am**

**Sibtijiet Filgħaxija**
**6.30 pm**

**Ġranet Ferjali**
**8.00 am**
**6.00 pm** *(xitwa)*
**6.30 pm** *(sajf)*

GĦAQDIET: Abbatini, Ċentru Żgħażagħ; Azzjoni Kattolika; Grupp Familji; Senglea Drama Group; Legion of Mary; Kariżmatiċi, Grufan.

PURĊISSJONI: Festa tal-Madonna ta' Portu Salvu fl-aħħar Sibt ta' Ottubru.



# IS-SIĠĠIEWI

## PARROĊĊA SAN NIKOLA TA' BARI

Is-Siġġiewi ilu parroċċa minn qabel is-sena 1436, iżda mill-knisja l-qadima ma fadalx ħlief parti minn xi kappella. Il-knisja li hemm illum bdiet tinbena fl-1675 fuq disinn ta' Lorenzo Gafà tlestiet tlettax-il sena wara u ġiet dedikata lil San Nikola ta' Bari. Fl-1862 ġiet imkabbra fuq disinn ta' Dr. Nikola Zammit.

*Siggiewi was already a parish in 1436 but hardly anything has survived of the original church. The present church took thirteen years to build (1675-1688) and is dedicated to St. Nicholas of Bari. In 1862 the church was enlarged according to plans drawn up by Dr Nikol Zammit.*

Data tad-Dedikazzjoni: 1 ta' Mejju 1729
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fit-28 ta' Ġunju.

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**6.00 am**
**7.00 am**
**8.00 am**
**9.30 am**
**11.00 am**
**5.30 pm**

**Sibtijiet Filgħaxija**
**5.15 pm**
**6.30 pm**

**Ġranet Ferjali**
**5.30 am**
**6.15 am**
**7.00 am**
**8.00 am**
**6.30 pm**

MAGĦMUDIJIET: 107; L-EWWEL TQARBINA: 83; KONFERMAZZJONI: 75; ŻWIĠIJIET: 44; FUNERALI: 54.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**FRATELLANZI**: Sagrament, Rużarju, Duluri, San Ġużepp

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Kor Parrokkjali; Faith Alive Youth & Teens Group; Mothers' Prayers; Grupp tar-Romol;

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (rġiel, nisa, xebbiet, Żgħażagħ); Grufan; Grupp Kelma tal-Ħajja; Leġjun ta' Marija (4 praesidia); Moviment Kariżmatiku; M.U.S.E.U.M.(sez. maskili u sez. femminili); Żgħażagħ Azzjoni Kattolika

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja; Kateketika; Liturġija; Patrimonju Parrokkjali; Tfal; Żgħażagħ

**PELLEGRINAĠĠI**: Ras ir-Randan

**PURĊISSJONIJIET**: San Nikola, Corpus Christi, Qalb ta' Ġesù, Madonna tad-Duluri, Madonna tar-Rużarju, San Ġużepp

# KNEJJES OĦRA

**Ċentru Pastorali Trinità Qaddisa**
Iċ-Ċentru Pastorali nfetaħ biex jieħu ħsieb ħidma pastorali fost in-nies li joqogħdu f'parti ġdida tar-raħal.

*The Centre was established to organise pastoral activities among people residing in a recently developed area.*

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 8.15 am**

**Nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa**
**7.00 am**

**Knisja ta' San Mark**
Il-knisja nbniet fl-1608 flok knisja oħra aktar antika dedikata lil San Ġwann l-Evanġelista.

*The church was built in 1608 on the site of an earlier church dedicated to St John the Evangelist.*

RETTUR: Dun Ġorġ Grima

**QUDDIES**

L-ewwel knisja bdiet tinbena fl-1571 mill-arkitett Ġlormu Cassar, iżda l-knisja li hemm illum inbniet minn Giuseppe Bonnici fl-1765. L-Isqof G.M. Camilleri kkonsagraha fl-1906 u l-Arċisqof Mons Gonzi għamilha knisja parrokkjali fl-1968.

*The church was first built in 1571 by Girolamo Cassar, but was rebuilt by Giuseppe Bonnici in 1765. Bishop Mgr G.M.Camilleri dedicated it in 1906 and Mgr M. Gonzi in 1968 made it a parish church.*

Data tad-dedikazzjoni: 6 ta' Lulju 1906
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Mejju
Il-Festa ta' Santa Rita : 22 ta' Mejju
Il-Festa tal-Madonna taċ-Ċintura: 30 ta' Settembru

**QUDDIES**

| Ħdud u Festi | Ġranet Ferjali |
|---|---|
| 7.30 am | 6.00 am |
| 9.30 am | 7.15 am |
| 10.45 am | 9.30 am |
| 7.15 pm | 7.15 pm |

**Sibtijiet filgħaxija**
**7.15 pm**

MAGĦMUDIJIET; L-EWWEL TQARBINA; KONFERMAZZJONI; ŻWIĠIJIET; FUNERALI.

**FRATELLANZI**: Madonna taċ-Ċintura

**GRUPPI PARROKKJALI**:
Abbatini; Adolexxenti; Grupp tat-Tielet Dinja; The Way; Grupp Ħniena Divina; Grupp Ulied ta' Santa Rita; Grupp Koppji Żgħażagħ; Grupp Miżżewwġin u Romol; Grufan; Katekisti; Grupp ta' Talb Madonna taċ-Ċintura; Grupp Animazzjoni Liturġija; Grupp Tindif tal-Knisja; Grupp Attivitajiet Soċjali u Kulturali; Grupp Żjarat Anzjani; Grupp Żgħażagħ Agostinjani; Grupp Tqassim "Flimkien"; Ministri Tqarbin; Website tal-Parroċċa.

**KAPPILLAN**
P. Deo Debono OSA
Tel: 2123 8861(uffiċċju);
2124 5934 (kunvent)
Mob: 7906 1368
email: *parrocca@santuwistin.org*
*parrocca.santuwistin@maltadiocese.org*
website: www.santuwistin.org

**Uffiċċju Parrokkjali:**
Kunvent Santu Wistin, Triq l-Ifran,
il-Belt VLT 1452

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn: 5.00 pm - 7.00 pm
Il-Ħamis: 10.00 am - 12.00 pm
5.00 pm - 7.00 p.m.

Numru tal-parruċċani: 1,668
Numru tal-familji: 650

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
P. Deo Debono OSA, Kappillan
P. Nazzareno Saliba, OSA, Viċi

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Moderatur: Sur Ronnie Abdilla

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja; Festa.



# VALLETTA

## (1) PARROĊĊA GRIEGA-KATTOLIKA KNISJA TAL-MADONNA TA' DAMAXXENA

***Din hija Parroċċa Personali li tieħu ħsieb il-kattoliċi ta' Rit Biżantin jew Grieg fid-Djoċesi ta' Malta u Għawdex. Twaqqfet fl-1530 għall-Griegi li kienu ġew mal-Kavallieri ta' San Ġwann minn Rodi u li kienu f'komunjoni sħiħa mal-Knisja Kattolika. Il-parroċċa tikkomprendi żewġ knejjes fil-Belt Valletta: 1) Santa Marija Damaxxena; 2) San Nikola.***

**1) Il-knisja ta' Sta Marija Damaxxena**
Il-knisja ddedikata lill-Wisq Qaddisa Omm Alla, Marija, inbniet fis-snin 1576-1580 minn Ioannis Kalamais, membru distint tal-Komunità Griega f'Malta, fuq art mogħtija mill-Gran Mastru Pietro del Monte (1565-1572).

Il-knisja oriġinali kienet imġarrfa għal kollox fit-Tieni Gwerra Dinjija (24 ta' Marzu, 1942) u ntilfu aktar minn 30 ikoni prezzjużi. Wara l-gwerra reġgħet inbniet u l-knisja l-ġdida ġiet ikkonsagrata fil-15 ta' Awwissu 1951 mill-E.T. Mons. Ġorġ Kalavassy, Isqof tal-Komunità Griega-Kattolika fil-Greċja.

Il-knisja hija santwarju ta' żewġ ikoni meqjumin ħafna: il-*Panaghia Damaskini* (Madonna Damaxxena), li ġiet inkurunata fl-1931, fl-okkażjoni tal-15-il ċentinarju tal-Konċilju ta' Efesu (431), u l-oħra, il-*Panaghia Eleimonitra* (Madonna Tal-Ħniena). Dawn inġiebu Malta mill-Griegi mill-gżira ta' Rodi.

Il-Festa patronali tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Awwissu.: Raqda ta' Sidtna Marija Omm Alla.

***This is a personal parish serving all Byzantine Rite faithful within the Dioceses of Malta and Gozo. It was founded in 1530 for the Greeks who had accompanied the Knights of St John from Rhodes and who had been in full communion with the Roman Catholic Church. The parish disposes of two churches in Valletta: 1) Our Lady of Damascus; 2) St Nicholas.***

***1) Our Lady of Damascus Church***
*The church, dedicated to the Most Holy Mother of God and Ever-Virgin Mary, was built by Ioannis Kalamais, a distinguished member of the Greek Rhodiote community in Malta, on a site donated by Grand Master Pietro del Monte (1565-1572).*

*During World War II the church was destroyed by enemy action (on March 24, 1942) and more than 30 precious Icons were lost under the ruins. However, it was rebuilt and consecrated on the 15th August 1951 by Bishop George Kalavassy, Apostolic Exarch and Pastor of the Greek Catholic community in Greece.*

*The church was built as a shrine for two ancient and much venerated Icons, one known under the title of* Panaghia Damaskini *(Our Lady of Damascus), and the other under the title of* Panaghia Eleimonitria *(Our Lady of Mercy). Both Icons were brought to Malta by Greek faithful from Rhodes.*

*The patronal feast of the Church is celebrated on the 15th August: the Dormition of Our Lady Mary Theotokos.*

**Kappillan** – *Parish Priest:*
Mons. Arkimandrita
George Mifsud Montanaro

**Indirizz:**
Greek Catholic Church,“Our Lady of Damascus”, 132a, Triq l-Arċisqof, il-Belt.
Tel: 2123 7872, 2123 6923;
Mob: 9972 3246

**QUDDIES – Divine Liturgy**

**Ħdud u Festi**
*(Sundays and Feastdays):* **9.00 am**

**Ġranet Ferjali** *(Weekdays):* **7.30am**

**Għasar - Vespers:**
**is-Sibt** *(Saturdays):* **6.30pm**



# VALLETTA

## (2) KNISJA TA' SAN NIKOLA

Il-knisja ddedikata lil Nikola ta' Myra (jew ta' Bari), inbniet mill-Griegi bħala knisja parrokkjali tagħhom ta' Rit Biżantin fil-belt Valletta, fuq art mogħtija lilhom mill-Gran Mastru Pietro del Monte b'reskritt tal-25 ta' Ottubru 1569.

Fl-1639, il-Kappillan, Papàs Ioannis Metaxi, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet parrokkjali tiegħu, ikkonċeda l-użu tal-knisja lis-Sodalità tal-Erwieħ, li rristrutturatha u kabbritha. Ir-relazzjonijiet bejn il-parroċċa Griega u s-Sodalità huma regolati skont il-Konkordat tas-17 ta' Settembru 1766.

Il-knisja ġarrbet ħafna ħsara fl-aħħar gwerra. Ix-xogħol ta' rikostruzzjoni u restawr ġie mitmum fl-1951.

Il-komunità Serba Ortodossa wkoll tinġabar f'din il-knisja għaċ-ċelebrazzjoni tal-uffiċji liturġiċi tal-Knisja tagħhom.

*The church, dedicated to St Nicholas of Myra, was built by the Greek Rhodiote faithful as their Byzantine-Rite parish church in Valletta, on a site donated by Grand Master Pietro del Monte by rescript dated 25th October 1569.*

*In 1639, the Parish Priest Papàs Ioannis Metaxi, conceded – without prejudice to his parochial rights – the use of the church to the Sodality of the Holy Souls in Purgatory, which subsequently re-structured and enlarged it. Relations between the parish and the Sodality are regulated by the Concordat signed on September 17, 1766.*

*The church suffered considerable damage during World War II. Reconstruction work was completed by 1951.*

*The Serbian Orthodox community also regularly holds liturgical services in the church.*

**QUDDIES**

**Il-Ġimgħa: 11.00 am**

**Kappillan** – *Parish Priest:*
Mons. Arkimandrita
George Mifsud Montanaro



# WIED IL-GĦAJN

## PARROĊĊA SANT'ANNA

Wied il-Għajn sar Parroċċa fl-1949, u bħala knisja parrokkjali ntgħażlet il-knisja żgħira ta' Sant'Anna li kienet ġuspatronat tal-kapitlu tal-Isla. Il-knisja li hemm illum bdiet tinbena fl-1953.

*Wied il-Għajn, also known as Marsascala, became a Parish in 1949, and the small church of St. Anne, over which the Senglea Chapter had rights of patronage, became the parish church. The present church was built in 1953.*

Il-Festa se tiġi ċċelebrata fis-26 ta' Lulju.

### QUDDIES

**Ħdud u Festi : 6.30 am - 8.00 am**
**9.15 am - 11.30 am - 6.00 pm**
*(11.00 am bl-Ingliż fil-Kappella Rużarju)*
**Sibtijiet: 5.15 pm - 6.30 pm u 8.00 pm**
**Ġranet Ferjali: 7.00 am - 7.45 am**
**6.00 pm** (xitwa) - **6.30 pm** (sajf)

MAGĦMUDIJIET: 123; L-EWWEL TQARBINA: 138; KONFERMAZZJONI: 120; ŻWIĠIJIET: 6; FUNERALI: 23.

### ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET

GRUPPI PARROKKJALI: Abbatini (subien u bniet); Għaqda Nisa; Grupp Anzjani; Social Club 50+; Grupp Żgħażagħ; Koppji Żgħażagħ Miżżewġa; Kor Parrokkjali; Kor tat-Tfal; Mothers' Prayers; Mothers & Baby Club; Pre-Youths (bniet u subien); Support Group Persuni Separati; Żgħażagħ; Nisa li qed irabbu waħedhom; PLYG.

GĦAQDIET/Movimenti: M.U.S.E.U.M. (sez. maskili u femminili) , Leġjun ta' Marija (nisa), Moviment Kariżmatiku Kattoliku

PURĊISSJONIJIET: Sant'Anna, Qalb ta' Ġesu', Madonna tad-Duluri, Madonna tar-Rużarju

PELLEGRINAĠĠ: Rużarju max-xatt qrib il-festa ta' Santa Marija

### KAPPILLAN

Dun Roderick Camilleri
Tel: 2763 3703(uffiċċju/dar);
2163 6878 (Knisja);
Mob: 9948 8566
email: *rcamilleri51@yahoo.co.uk*
*parrocca.m'scala@maltadiocese.org*
website: www.marsaskalaparish.org

**Uffiċċju Parrrokkjali:**
4 Triq San Ġorg, M'Scala MSK 1030

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa:4.30 - 5.30 pm;
It-Tlieta: 9.00 - 10.30 am

Numru tal-parruċċani: 12,000
Numru tal-familji: 3,500

### PRESBITERJU PARROKKJALI

Dun Roderick Camilleri, Kappillan
Dun Luke Cutajar
Dun Victor Agius

*Saċerdoti residenti fil-parroċċa*
Dun Charles Abela
Dun Joe Abela

### KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI

President: il-Kappillan
Segretarja: Ms Mildred Falzon

### KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI

Chairperson: Perit Karm Mifsud
President: Il-Kappillan

# KNEJJES OĦRA

**Il-Knisja Parrokkjali qadima ta' Sant'Anna**

Il-knisja kienet ġuspatronat tal-kapitlu tal-Isla, li ċeda d-drittijiet tiegħu fuq talba tal-Isqof, biex isservi ta' knisja parrokkjali. Illum tintuża bħala maħżen.

*The church was given by the Senglea chapter to the Archbishop to be used as the first parish church of the locality; today it is used as a store.*

**Knisja tal-Madonna taċ-Ċintura**

Hi l-kappella tad-dar magħrufa min-nies bħala d-Dar tal-Markiża; inbniet fis-seklu tmintax u illum tintuża bħala kappella tal-Adorazzjoni.

*The chapel, known as "tal-Markiza", was built in the 18th century. Today it is used for daily Eucharistic Adoration.*

**Ħinijiet:**

**Sajf: 6.30 am - 10 pm**
**Xitwa: 6.30 am - 8.00 pm**

**Knisja tal-Madonna tar-Rużarju**

Il-knisja nbniet fl-1856 minn Luigi dei Conti Manduca fil-Villa tal-familja f'Wied il-Għajn. Fl-1997 il-familja tat il-Villa u l-ġuspatronat fuq il-knisja lid-djoċesi.

*The church was built in 1856 by Luigi dei Conti Manduca in the Villa that the family had in Marsascala. In 1997 the family donated the Villa and all the rights over the church to the diocese.*

**Quddiesa**

**Il-Ħadd: 11.00 am (Ingliż)**

**Knisja ta' San Antnin**

Inbniet fl-1675 u hi knisja benefiċjali; iżuruha ħafna nies u jagħtu ħafna wegħdi; issir Quddiesa fiha fit-13 ta' Ġunju, festa liturġika ta' Sant'Antnin.

*The church was built in 1675 and even today many people visit the church to implore the saint's help; Mass is celebrated in it on the 13th June, feast of St Anthony.*

**Knisja tal-Madonna tad-Dawl u San Antnin**

Il-knisja nfetħet fl-1733 flok knisja oħra li kienet dedikata lil San Ġwann Battista u li kienet ingħalqet fl-1654.

*The church was reopened in 1748 on the site of an earlier church dedicated to St. John the Baptist, which had been closed in 1654.*

RETTUR: Dun Remiġ Saliba.

**Knisja ta' San Gejtanu**

Tinsab fid-daħla ta' San Tumas u nbniet fl-1657.

*The church is near St. Thomas Bay and was built in 1657.*

RETTUR: Mons. Karm Zammit

**QUDDIESA**

**Is-Sibt: 7.00 pm**



# ĦAŻ-ŻABBAR

## PARROĊĊA MADONNA TAL-GRAZZJA

Il-qima lejn il-Madonna tal-Grazzja hija antika ħafna u s-Santwarju tagħha kien u għadu ċentru ta' pellegrinaġġi. Ħaż-Żabbar sar parroċċa fl-10 ta' Jannar 1616. Is-Santwarju li hemm illum, mibni fuq pjanta ta' Tumas Dingli, inbeda fl-1641 u tlesta madwar l-1696. Fl-1738 inbidlet il-faċċata u telgħet dik li hemm illum fuq disinn ta' Ġanni Bonavia. Ix-xbieha titulari, xogħol il-pittur Malti Alessio Erardi, saret fl-1715 u ġiet inkurunata mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fl-1951 u fl-2001 tpoġġa stellarju minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Saret Arċipretali fit-12 ta' Settembru 2015.

*The devotion to Our Lady of Divine Grace dates back to many centuries and the Sanctuary has since been a centre of frequent pilgrimages. Żabbar became a parish in 1616. The present Sanctuary was built on plans by Tommaso Dingli between 1641 and 1696. In 1738 a new facade designed by Giovanni Bonavia was built. The titular painting by the Maltese artist Alessio Erardi was made in 1715. In 1951 it was solemnly crowned by Archbishop Michael Gonzi. In 2001 a 12 star silver diadem was attached to it by Archbishop Joseph Mercieca.*

Data tad-Dedikazzjoni: 31 ta' Ottubru 1784
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fit-13 ta' Settembru
Il-Festa ta' San Mikiel issir fid-29 ta' Settembru

**QUDDIES**

**Sibtijiet Filgħaxija**
**5.00 pm**
**6.15 pm**

**Ħdud u Festi**
**6.00 am**
**7.15 am**
**8.30 am**
**10.15 am**
**11.30 am**
**5.30 pm**

**Ġranet Ferjali**
**6.00 am**
**7.15 am**
**8.30 am**
**6.00 pm**

**Il-Magħmudijiet isiru fl-ewwel Sibt tax-xahar fl-10 am.**

**ARĊIPRIET**
Dun Evan Caruana, S.Th.B.
Tel: 2182 4383(Uffiċċju);
2169 1862 (Dar);
2180 6150 (Knisja);
Mob 7927 4587;
email: *parroccazabbar@gmail.com*
*parrocca.zabbar@maltadiocese.org*
website: www.zabbar.org

**Uffiċċju Parrokkjali:**
4, Triq is-Santwarju, Żabbar ŻBR 1013

**Ħinijiet tal-Uffiċċju**:
It-Tlieta u l-Ġimgħa: 9.30 - 11.00 am
It-Tnejn u l-Erbgħa: 5.00 - 7.00 pm

Numru tal-parruċċani: 17,000
Numru tal-familji: 5,400

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Evan Caruana, Arċipriet
Dun Emmauel Schembri, Viċi
Dun Ġużepp Ellul, Viċi
Dun Faustino Ellul, Rettur
*(Żona S. Andrija)*
Dun Colin Apap,
*(Rettur Żona Xgħajra)*
Dun Paul Fenech
Dun Joe Galea

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: l-Arċipriet
Moderatur: Sur Silvan Spagnol

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: il-Kappillan
Segretarju: Sur Renè Portelli

MAGĦMUDIJIET 165; L-EWWEL TQARBINA ; KONFERMAZZJONI 163; ŻWIĠIJIET 34; FUNERALI 154.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**

**FRATELLANZI**: Taċ-Ċintura; tar-Rużarju; tas-Sagrament; ta' San Mikiel.

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Anzjani; Adolexxenti; Grupp tal-Bibbja; Grupp Familji Nsara; Grupp tal-Kitarri 3 Gs; Grupp ta' talb San Piju ta' Pietralcina; Grupp Nisa fiż-Żoni; InChrist; Kor Parrokkjali Notre Dame; Separati; Grupp Armar Festa; Grupp Fund-Raising.

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (rġiel, nisa); Leġjun ta' Marija (rġiel u nisa); M.U.S.E.U.M. (sez. maskili; sez. femminili); Mixja Neokatekumenali (4).

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja; Kateketika; Kultura Nisranija; Liturġija.

**PELLEGRINAĠĠI**: Ħadd in-Nies; tat-Trabi; tar-Roti u l-Muturi; Via Crucis.

**PURĊISSJONIJIET**: Madonna tal-Grazzja, Madonna tar-Rużarju, Madonna tad-Duluri, Corpus Christi, Qalb ta' Ġesù.

## KNEJJES OĦRA

**Knisja Santa Marija**

Din il-knisja tissejjaħ ukoll "tal-indirizz", l-unika waħda f'Malta b'dan it-titlu. Inbniet fis-seklu sbatax minflok oħra aktar qadima. Matul l-imblokk tal-Franċiżi ntużat flok il-knisja parrokkjali billi din kienet ġarrbet ħsarat. Illum barra l-Quddies isir fiha wkoll it-tagħlim tal-katekiżmu.

*This church is also known by the title "tal-indirizz" (a guide towards eternal salvation), the only one having this title in Malta. It was built during the 17th century replacing a much older chapel. During the French blockade it served as a parish church because of the great damage suffered by the Sanctuary of Our Lady of Divine Grace. Today not only Masses are celebrated in the church but catechetical instruction is also given.*

**QUDDIES**

**Ħdud, Festi u Ġranet Ferjali :**
**7.00 am (barra t-Tnejn)**

**It-tielet Ħadd tax-xahar issir fid-9.30 am bis-sehem tat-tfal u l-ġenituri.**

**Ċentru Marija Bambina**

Iċ-Ċentru twaqqaf għat-tagħlim tal-katekiżmu u għall-Quddies f'xi ġranet tal-Ġimgħa.

*The Centre is used for catechetical instruction and Masses are celebrated there on certain days.*

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 9.00 am**
**il-Ħamis : 6.00 pm** (xitwa)
**6.30 pm** (sajf)

**Knisja tal-Madonna tal-Ħniena**

Din il-knisja tinsab fic-Cimiterju li beda jintuża fl-1676 u sservi ghal funzjonijiet funebri u Quddies ieħor.

*This chapel is part of the parish cemetery which is in use since 1676. It is used for funeral services and other Masses during the year.*

**QUDDIES**

**Nhar ta' Tnejn : 4.30 pm**

**Knisja tal-Lunzjata**

Il-knisja li hemm illum inbniet fl-1861 fil-post fejn fl-1610 kien hemm kappella; illum tintuża mill-komunitajiet tal-Mixja Neokatekumenali.

*The present church was built in 1861 on the site of an older church built in 1610; today it is used by the Catechumenate Movement.*

**ADORAZZJONI:**
**Mit-Tnejn sas-Sibt**
**bejn it- 8.00 am u 7.00 pm**

**Knisja ta' San Nikola**

Inbniet f'nofs is-seklu XVI u ingħalqet mill-Isqof Balaguer fl-1660, iżda reġgħet infetħet aktar tard; fl-aħħar gwerra ġarrbet xi ħsarat. Illum tintuża minn xi gruppi ta' talb.

*St. Nicholas church was built in the 16th century and was partially damaged during the last war. Today it is used for prayer meetings.*

### Knisja ta' Santa Domenika

Il-knisja preżenti nbniet fl-1954 minflok oħra li sofriet ħsarat kbar matul it-Tieni Gwerra Dinjija u li kienet inbniet fis-sittax-il seklu. Din kienet ta' stil sikulo-normann, u mżejna b'affreski mill-isbaħ. L-affresk ewlieni ġie salvat u llum jinsab fil-Mużew tas-Santwarju.

*The present church was built in 1954 replacing an older one that was heavily damaged during the Second World War. The old chapel was decorated with beautiful frescoes, the central one was saved and is preserved in the Sanctuary Museum.*

### Knisja tal-Madonna tal-Plier

Din il-knisja, illum magħluqa, taf l-oriġini tagħha lil Ġużeppi Testaferrata li fl-1585 beda jħallas għall-festa. Din il-knisja tinsab fiċ-Ċentru ta' kumpless ta' djar imsejjaħ "tal-Plier" li nbena ftit taż-żmien ilu.

*This church owes its origin to Joseph Testaferrata, who in 1585 left a legacy for the celebration of its patronal feast. This church is situated in the centre of a housing estate built recently, in a locality known as "tal-Plier".*

### Knisja tal-Madonna tal-Ward

Din il-knisja tagħmel parti mill-kunvent tas-Sorijiet Orsolini; inbniet bejn l-1983 u l-1986.

*This church forms part of the Convent of the Ursuline Sisters; it was built between 1983 and 1986.*

Telefon: 2180 3974; 2182 7272

### Knisja ta' San Anard

Din il-knisja tagħmel parti minn dar sajfija sabiħa li kienet tal-Baronessa Anna Casici Casolani. Fl-1656, il-Kjeriku Leonardo Sammut bnieha mill-ġdid. Dil-kappella llum hija abbandunata.

*This church is part of a beatiful summer house that belonged to the Baroness Anne Casici Casolani. In 1656 it was rebuilt by the cleric Leonard Sammut. Today the church is totally abandoned.*

### Knisja ta' Sant'Andrija

Din il-knisja tinsab maġenb il-knisja ta' Santa Duminka u nbniet fis-seklu ħmistax; kienet isservi għall-ħtiġijiet reliġjużi tan-nies tal-inħawi li joqogħdu 'l bogħod mill-parroċċa. Illum qiegħda f'idejn l-Iscouts.

*The church situated near the church of St. Dominica was built in the 15th century for the people living in the outskirts of the village. Today it serves as Headquarters for the Żabbar Scout Group.*

### Knisja tas-Salib Imqaddes

Din il-Knisja, mibnija biex taqdi l-ħtiġijiet pastorali ta' dawk li joqogħdu fl-inħawi ta' Ħaż-Żabbar li jmissu mal-Kalkara u max-Xgħajra, ġiet ikkonsagrata mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca, fit-22 ta' Mejju, 1999. Hija tifforma parti miċ-Ċentru Pastorali ta' Sant'Andrija. F'din il-knisja jistgħu jiġu ċcelebrati ż-żwiġijiet.

*The Church of the Holy Cross was built to provide for the pastoral needs of those living in the area of Żabbar that borders with Kalkara and Xgħajra. The church was consecrated by Archbishop Joseph Mercieca on the 22nd May 1999 and forms part of the St Andrew's Pastoral Centre. Marriages may be celebrated here.*

Telefon: 2167 3249

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 8.00 am; 11.00 am**

**Sibtijiet Filgħaxija: 6.00 pm**

**Ġranet Ferjali :**
**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 8.30 am**
*Il-Ħamis biss ikun hemm quddiesa fis-6.00 pm u wara adorazzjoni*

### Knisja ta' San Ġakbu (Xgħajra)

Il-knisja nbniet fl-1933 għan-nies tax-Xgħajra li qabel kien ikollhom jitilgħu Ħaż-Żabbar biex jaqdu d-dmirijiet reliġjużi tagħhom.

The church was built in 1933 to cater for the spiritual needs of the people living in the area.

Telefon : 2169 0241

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi :**
**11.00 am u 6.00 pm**

**Sibtijiet Filgħaxija : 6.00 pm**

**Ġranet Ferjali:**
**It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa:**
**8.30 am**
**It-Tlieta u l-Ħamis : 6.00 pm**

### ĊENTRU NAŻARET

Infetaħ nhar Ħadd in-Nies, 25 ta' Frar, 2007. Fih isir il-katekiżmu u attivitajiet pastorali.

*This Centre was inaugurated on the 25th February, 2007. It is used for catechism and pastoral activities.*

**QUDDIES**

**Nhar ta' Ħadd fit- 8.30 a.m.**
**Nhar ta' Gimgha fis-6.00 pm**

### Knisja ta' San Ġużepp

Din il-knisja hi parti mill-kunvent ta' San Ġużepp tas-sorijiet Dumnikani u taqdi l-ħtiġijiet pastorali tan-nies fil-qasam tal-Gvern.

*The chapel is the Convent chapel of the Dominican Sisters and caters for the pastoral needs of the people living in the Housing Estate.*

Sorijiet Dumnikani
Telefon: 2182 4740

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 7.00 am**
**Ġranet Ferjali : 7.00 am**



# ĦAŻ-ŻEBBUĠ

## PARROĊĊA SAN FILEP TA' AĠĠIRA

Ħaż-Żebbuġ ilu parroċċa minn qabel is-sena 1436. Il-knisja li hemm illum bdiet tinbena fis-sena 1632 u ftit wara tkabbret kif inhi llum fuq disinn ta' Tommaso Dingli. Saret Arċipretali fis-sena 1829.

Żebbuġ was a Parish before 1436, but the present church was built in 1632 and enlarged by Tommaso Dingli some time later.

Data tad-Dedikazzjoni: 13 ta' Mejju 1729
Il-Festa ta' San Filep se tiġi ċċelebrata fl-14 ta' Ġunju
Il-Festa ta' San Ġużepp se tiġi ċċelebrata fis-26 ta' Lulju

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**6.00 am**
**7.00 am**
**8.00 am**
**9.30 am**
**11.00 am**
**5.30 pm**
**7.00 pm**

**Sibtijiet**
**Filgħaxija**
**5.00 pm**
**6.30 pm**
**(xitwa)**
**5.30 pm**
**7.00 pm (sajf)**
**Ġranet Ferjali**
**6.00 am**
**7.00 am**
**7.45 am**
**8.45 am**
**6.30 pm**
**(xitwa)**
**7.00 pm (sajf)**

MAGĦMUDIJIET; L-EWWEL TQARBINA; KONFERMAZZJONI; ŻWIĠIJIET; FUNERALI.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET FRATELLANZI:** Sagrament, Rużarju, Duluri, Ċintura, Karità, San Ġużepp

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Ċentru Żgħażagħ; Grupp Farag; Kor Parrokkjali; Lampade Viventi; Mother & Baby; Mother's Prayers

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (rġiel, nisa, Żgħażagħ u xebbiet); M.U.S.E.U.M. (sez. maskili u sez. femminili); Leġjun ta' Marija; Moviment Kariżmatiku Kattoliku

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja; Kateketika; Liturġija; Media; Wirt u Patrimonju; Żgħażagħ

**PELLEGRINAĠĠI**: Redentur, Duluri

**PURĊISSJONIJIET**: San Filep, San Ġużepp, Ġimgħa l-Kbira, Rxoxt

## KNEJJES OĦRA

### Kappella tal-Qalb ta' Ġesù

Il-kappella bdiet tinbena fl-1979 f'qasam ġdid tar-raħal u fl-1986 beda jsir il-Quddies fiha. Il-kappella ġiet ikkonsagrata fl-4 ta' Lulju, 2003.

*The building of the chapel on the outskirts of the village began in 1979. It was inaugurated in 1986 and consecrated on the 4th July, 2003.*

RETTUR: Mons. L. Mifsud

**QUDDIES**

| **Ħdud u Festi** | **Ġranet Ferjali** |
|---|---|
| **8.00 am** | **6.00 pm** (xitwa) |
| **6.00 pm** | **6.30 pm** (sajf) |

### Knisja tal-Madonna tad-Dawl

Il-knisja nbniet bejn is-snin 1738 u 1740; qabilha kien hemm knisja dedikata liż-Żjara tal-Verġni Marija lil Santa Eliżabetta.

*The church was built in 1738-1740 on the site of an older church dedicated to the Visitation.*

RETTUR: L-Arċipriet

**QUDDIES: Ħdud u Festi: 7.00 am**

**ARĊIPRIET**
Dun Daniel Cardona
Tel: 2146 0800 (uffiċċju);
Mob: 7972 9252; 2146 5586 (dar);
email: *fr.danielcardona@gmail.com*
*parrocca.zebbug@maltadiocese.org*
website: paroccazebbug.com

**Uffiċċju Parrokkjali:**
9, Triq il-Parroċċa, Żebbuġ ŻBĠ 3361

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa: | 4.30 - 6.00 pm |
| It-Tlieta: | 9.30 -11.30 am |

Numru tal-parruċċani: 12,200
Numru tal-familji: 3,300

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Daniel Cardona, Arċipriet
Dun Mario Sammut, Viċi
Fr Jesmond Grech
Mons. Joe Bugeja
Fr Reno Muscat OP
Dun Salv Chircop
Mons. Lawrence Mifsud
P Alfred Agius

*Saċerdoti residenti fil-parroċċa:*
Dun Stefan Bonanno

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**
President: l-Arċipriet
Moderatur: Dr Philip Ellul LL.D. Nutar
Segretarja: Josephine Galea

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**
President: l-Arċipriet
Segretarju: Sur Alexander Gatt

**Knisja tal-Madonna tal-Grazzja**
Il-knisja nbniet fl-1680 flok knisja aktar antika dedikata lill-Verġni Marija.

*The church was built in 1680 on the site of an older church dedicated to the Virgin Mary.*

RETTUR: L-Arċipriet

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 7.00 am**

**Knisja ta' San Ġakbu**
Hi knisja benefiċjali tal-Katidral u nbniet fl-1674; fil-preżent tinsab magħluqa.

*The Church is attached to a benefice belonging to the Cathedral and was built in 1674; at present it is kept closed.*

**Knisja ta' Santu Rokku**
Inbniet wara l-pesta tal-1597 u hi waħda mill-iżgħar knejjes tar-raħal. Fl-1980 ħadet il-kura tagħha f'idejha s-socjeta' "Din l-Art Ħelwa" u llum hi mużew żgħir dwar Ħaż-Żebbuġ.

*The church was built after the 1597 plague and it is the smallest church of the village. Since 1980 its maintenance is the responsibility of "Din l-Art Helwa"; at present it houses a small Museum.*

**Kappella ta' Ħal Mula**
Fl-1980 is-Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija marru joqogħdu f'Ħal Mula f'razzett li ngħata lill-knisja u ġie mibdul f'kappella.

*In 1980 the Franciscan Missionaries of Mary opened a residence at Ħal Mula in a farmhouse. The chapel of the residence is open to the people residing in the locality.*

RETTUR: L-Arċipriet

**QUDDIES**

**Ħdud u festi: 8.00 am**
**Sibtijiet Filgħaxija: 6.30 pm**
**Ġranet Ferjali: 6.30 pm**

**Kappella tas-Sorijiet Franġiskani**
Fl-1794 f'Ħaż-Żebbuġ infetaħ sptar żgħir għall-anzjani u l-konvalexxenti; aktar tard fil-bini bdew jinżammu xi ltiema; illum hemm nisa u xebbiet anzjani u kienu jieħdu ħsiebhom is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù.

*In 1794 a small hospital was opened at Żebbuġ for elderly people. Later on the Franciscan Sisters of the Sacred Heart became responsible for the running of the hospital which also included an orphanage and a small number of elderly women.*

RETTUR: L-Arċipriet

**Knisja tal-Lunzjata**
Il-knisja nbniet fl-1696 flok waħda eqdem.

*The church was built in 1696 on the site of an earlier church.*

**Knisja tal-Madonna tal-Anġli**
Il-knisja nbniet fl-1696 flok waħda eqdem.

*The church was built in 1696 on the site of an earlier church.*

**Knisja ta' Santa Marija ta' Mamo**
Il-knisja nbniet fl-1685 u llum fiha jinsab xi armar tal-festa.
*The church was built in 1685 and today it is used to store church furnishings.*

**Kappella tal-Kunċizzjoni**
Inbniet bħala wegħda wara l-pesta tas-sena 1677; illum qed jinżamm fiha xi armar.

*The chapel was built after the plague of 1677; today it is used to store some church furnishings.*

**Knisja tal-Viżitazzjoni ta' Wied Qirda**
Inbniet fl-1673 fil-post fejn kien hemm knisja antika ħafna, imsemmija minn Mons. Dusina fil-viżitazzjoni appostolika li għamel fl-1575; illum magħluqa.

*The church was built in 1673 on the site of an older church mentioned by Mons Dusina in the report of his Apostolic Visitation in 1575; today it is kept closed.*

**Knisja ta' Santa Marija f'Ħal Muxi**
Din il-Knisja nbniet fl-1775 u l-Festa tagħha tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Awwissu.

*This Church was built in 1775 and its Feast is celebrated on the 15th August.*

**QUDDIES**
**Ħdud u Festi : 7.00 am**
**Ġranet Ferjali: 6.15 am**



# IŻ-ŻEJTUN

## PARROĊĊA SANTA KATARINA

**ARĊIPRIET**
Dun Nicholas Pace
Tel: 2169 4563; Knisja: 2180 4273;
Mob: 7933 7406
email: *zejtunparishpriest@gmail.com*
*parrocca.zejtun@maltadiocese.org*
website: zejtunparish.com

**Uffiċċju Parrokkjali:**
2, Triq San Girgor, Żejtun ŻTN 1021

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**

| | |
|---|---|
| It-Tnejn : | 4.30 - 7.00 pm |
| It-Tlieta : | 9.00 - 12.00 pm; 4.30 - 7.00 pm |
| L-Erbgħa: | 9.00 - 12.00 pm; 4.30 - 7.00 pm |
| I-Ġimgħa: | 9.00 - 12.00 pm; 4.30 - 7.00 pm |

Numru tal-parruċċani: 11,161
Numru tal-familji: 3,902

Iż-Żejtun, li fl-antik kien magħruf bħala Bisqallin, hu waħda mill-parroċċi li kienu ġa jeżistu fl-1436, u sakemm inbniet il-knisja li hemm illum, il-knisja antika ta' Santa Katarina, magħrufa bħala San Girgor il-qadim, kienet il-Knisja Parrokkjali. Il-knisja li hemm illum inbniet bejn l-1692 u l-1720 u hi waħda mill-isbaħ opri ta' Lorenzo Gafà.

*Zejtun, formerly known as Bisqallin, was already a parish in 1436. The present church was built between 1692 and 1720 and is one of the best works of Lorenzo Gafa'; before it was built the old church of St. Catherine, popularly known as old St. Grergory church, served as the Parish Church.*

Data tad-Dedikazzjoni: 10 ta' Mejju 1774
Il-Festa se tiġi ċċelebrata fil-21 ta' Ġunju.

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**6.30 am; 8.00 am;**
**11.00 am (adolexxenti);**
**6.00 pm**
**Bil-Magħmudija:**
**9.15 am (kull l-Ewwel u t-Tielet Ħadd)**

**Sibtijiet Filgħaxija**
**5.15 pm u 6.30 pm**

**Ġranet Ferjali**
**6.15 am; 7.45 am; 6.30 pm (sajf)**
**6.00 pm (xitwa)**

MAGĦMUDIJIET: 111; L-EWWEL TQARBINA:78; KONFERMAZZJONI: 84; ŻWIĠIJIET: 39; FUNERALI: 136.

**ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET**
**FRATELLANZI** : Sagrament, Rużarju, Ċintura, San Mikiel.

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Nicholas Pace, Arċipriet
Mons. Anton Abela
Dun Andrew Borg
Dun Dillon Bugeja
Dun Gino Gauci
Dun Frans Mifsud
Dun Remiġ Saliba
Dun Anġ Seychell
Dun Ġorġ Spiteri

*Saċerdoti residenti fil-Parroċċa*
Mons Karm Zammit
Kan Dun Joe Abela
Dun Timon Mercieca

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**

| | |
|---|---|
| President: | l-Arċipriet |
| Moderatur: | Ms Josephine Mifsud |

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**

| | |
|---|---|
| President: | l-Arċipriet |
| Segretarju: | Sur John Spiteri |
| Membri: | Dr Joe Buttigieg LL.D |
| | Sur Lino Camilleri |
| | Sur Charles Farrugia |
| | Perit Joe Magro |

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Kor Parrokkjali; Grupp Għarajjes; Youth Centre Beatu Injazju Falzon; Domus Sagra Familja; Y.C. Madonna tal-Ħniena; Tal-Armar; Żejtun Youth Mass; Eco-Centre; Grupp tal-Anzjani – Ċentru Nazju Falzon u tal-Ħniena; Mothers' Prayers; Plus U; Mattew 26; Kumitat Ġimgħa l-Kbira.

**GĦAQDIET**: Aħwa Charles de Foucauld; Azzjoni Kattolika (nisa); Fratellanzi; Gruppi Familji Nsara (3 gruppi); Leġjun ta' Marija (Irġiel, nisa); M.U.S.E.U.M.(sez. maskili u sez. femminili); Mixja Neo-katekumenali (3 komunitajiet); Moviment tal-Fokolari; Moviment Kariżmatiku Kattoliku

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija; Familja; Kateketika; Liturġija; Sinodu; Żgħażagħ

**PELLEGRINAĠĠ**: tar-Redentur

**PURĊISSJONIJIET**: Santa Katerina, Duluri, Ġimgħa l-Kbira, Rxoxt, Corpus Christi, Qalb ta' Ġesù, Madonna tar-Rużarju; Ħadd il-Palm; Kwaranturi; Vjatku Solenni.

## KNEJJES OĦRA

**Santa Katerina Verġni u Martri (magħrufa bħala Ta' San Girgor)**
L-ewwel knisja aktarx li nbniet fis-seklu tnax, iżda l-knisja li hemm illum inbniet fl-1492. Qed isservi għall-ħtiġijiet spiritwali tal-ħafna nies li joqogħdu fl-inħawi. Fl-antik, fit-12 ta' Marzu, kienet tmur purċissjoni mill-Katidral għal din il-knisja, iżda aktar tard il-purċissjoni bdiet issir nhar l-Erbgħa tal-Għid. Hemm ħafna fehmiet dwar il-bidu ta' din il-purċissjoni iżda dokument fl-arkivji notarili, misjub minn P. Mikiel Fsadni O.P., jgħid li l-purċissjoni ordnaha l-Isqof Cubelles biex iwieġeb għax-xewqa tal-Papa biex isir talb għall-paċi: din il-ħaġa malajr intesiet għax ma kinitx tolqot il-Maltin mill-qrib u għalhekk saru ħafna konġetturi dwar ġrajjiet li laqtu lil pajjiżna li taw bidu għal din il-purċissjoni votiva.

*Originally the church was built in the 12th century but the present church dates from 1492: today it serves the pastoral needs of the people living in the area. Formerly on the 12th March each year a procession left the Cathedral Church and proceeded to this church, but later on the day of the procession was changed to Wednesday in Easter Week. Several suggestions have been made with regard to the origin of this votive procession, but in recent years Fr Michael Fsadni O.P. found a document in the Notarial Archives which states the procession was held after a request by the Pope for prayers for peace in all Christian countries, and bishop Cubelles of Malta therefore instituted this procession, which today starts from the church of St. Clement on the outskirts of Żejtun.*

RETTUR: Dun Anton Abela
Telefon: 2167 71 87

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**
**8.00 am**
**10.30 am**
**7.15 pm (żgħażagħ)**

**Sibtijiet Filgħaxija**
**6.30 pm**

**Ġranet Ferjali : 7.30 am**

**Knisja tal-Madonna tal-Ħniena**
Il-knisja li hemm illum inbniet fl-1959 b'żieda malknisja żgħira li kien ilha hemm mill-1865, fil-post fejn qabel kien hemm kappella żgħira li twaqqgħet u nbniet kemm-il darba.

*The present church was added to a small church built in 1865 on the site of a small chapel which had been demolished and rebuilt several times.*

RETTUR: Dun Remiġ Saliba
Telefon: 2167 2216

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 8.00 am u 11.00 am**
**Ġranet Ferjali: 7.00 am**
**Sibt: 6.30 pm (sajf); 6.00 pm (xitwa)**

**Knisja tal-Ispirtu s-Santu**
Il-knisja nbniet fl-1688 u mitt sena wara ngħatatilha faċċata ġdida; illum fiha qed ikun hemm esposizzjoni ewkaristika kuljum mis-6.30 a.m. sas-1.00 pm u mit-3.30 sal-4.45 pm.

*The church was built in 1688 and in 1788 it received a new facade; today there is daily exposition of the Blessed Sacrament from 7.30 am to 1.00 pm, and from 3.30 to 4.45 pm.*

RETTUR: Dun Remiġ Saliba

**Knisja ta’ Santa Marija tal-Ħlas**
Il-knisja ġiet mibnija fl-1682 flok oħra li kienet teżisti minn ħafna qabel; fl-1859 ġiet restawrata.

*The church was built in 1682 on the site of a much earlier church; it was restored in 1859.*

RETTUR: L-Arċipriet

**QUDDIES**
**Ġranet Ferjali : 7.45 am**

**Knisja "Tas-Sinjura"**
Tlestiet fl-1881 u ġiet imbierka f'Mejju tal-istess sena. Għamlet żmien twil magħluqa sakemm reġgħet infetħet dan l-aħħar.

*This Church was built in 1881 and blessed in May of the same year. It has been reopened lately after being closed for a long time.*

**QUDDIES : Ħdud: 7.00 am**

**Knisja tas-Salvatur**
L-ewwel li nbniet kien fl-1500 iżda fl-1747 inbniet mill-ġdid għax kienet qed tiġġarraf; xi ħamsin sena ilu saritilha faċċata ġdida u saru xi tiswijiet.

*The church was first built in 1500, but was rebuilt in 1747 while restoration work in the building was undertaken about fifty years ago.*

RETTUR: Dun Anġ Seychell

**Knisja ta’ San Klement**
Ġiet mibnija fl-1658. Minn din il-knisja titlaq għall-Knisja ta' San Girgor il-qadim, nhar l-Erbgħa tal-Għid, il-purċissjoni penitenzjali li fl-imgħoddi kienet titlaq mill-Katidral.

*The Church was built in 1658. The procession which in ancient times, on Wednesday in Easter Week, left from the Cathedral, now starts from this church to proceed to old St. Gregory’s.*

**QUDDIES : Ħdud u Festi**
**7.00 am**

**Knisja ta’ Ġebel San Martin**
Il-knisja hija parti miċ-Ċentru San Martin li ġie in-awgurat fit-8 ta' Diċembru, 2001. Iċ-Ċentru, flimkien mal-Knisja, jintużaw għat-tagħlim tal-Katekiżmu u seminars.

*The Church forms part of the Pastoral Centre that was inaugurated on December, 8th, 2001. It is used for catechetical instruction and seminars.*

Rettur: Dun Anġ Seychell

**Quddies: Ħdud u Festi: 10.00 am**

**Sibtijiet Filgħaxija**
**7.45 pm (sajf) u 7.00 pm (xitwa)**

**Ġranet Ferjali : 7.30 am**

**Knisja ta' Santa Marija ta' Ħal-Tmiem**
Inbniet fl-1629 u fiha jsir il-katekiżmu.

*The church was built in 1629 and today it is used for catechism classes.*

RETTUR: L-Arċipriet

**Knisja tan-Nazzarenu**
L-Istitut ta’ Ġesu' Nazzarenu twaqqaf fiż-Żejtun minn Ġużeppina Curmi, bint is-sindku taż-Żejtun, u żewġ persuni oħra; fl-1913 beda l-bini tal-Istitut kif inhu llum, waqt li l-knisja nbniet fl-1953 u ġiet konsagrata fl-1958.

*The Institute of Jesus of Nazareth was founded by Guseppina Curmi, the daughter of the mayor of Żejtun. The present Institute was built in 1913 while the church was built in 1953 and consecrated in 1958.*

**QUDDIES**
**Ħdud u Festi : 7.00 am**
**Ġranet Ferjali : 7.00 am**

**Kappella Domus Sagra Familja**
Tinsab ġo Ċentru fejn isiru laqgħat u seminars, logħob indoors u drama. F'dan iċ-Ċentru jiltaqgħu ukoll il-Boy Scouts u l-Girl Guides.

**Quddies: Ħdud : fid-9.00 am għat-tfal**



# IŻ-ŻURRIEQ

## PARROĊĊA SANTA KATARINA, VERĠNI U MARTRI

Iż-Żurrieq hu waħda mill-għaxar parroċċi li kienu ġa jeżistu fl-1436. Il-knisja li hemm illum inbniet bejn l-1634 u l-1659 fuq disinn ta' Matteolo Saliba u konsagrata mill-Isqof Alpheran de Bussan fl-1731.

*Żurrieq is one of the ten parishes which were already in existence in 1436. The present church was built between 1634 and 1659 on plans prepared by Matteolo Saliba, and was dedicated in 1731 by bishop Alpheran de Bussan.*

Data tad-Dedikazzjoni: 30 ta' Diċembru 1731

Il-Festa ta' Santa Katerina se tiġi ċċelebrata fis-6 ta' Settembru.

Il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu se tiġi ċċelebrata fil-26 ta' Lulju.

**QUDDIES**

| **Ħdud u Festi** | **Mit-Tnejn sas-Sibt** |
|---|---|
| **6.00 am** | **(xitwa)** |
| **7.00 am** | **6.30 am** |
| **8.15 am** | **7.45 am** |
| **9.30 am** | **6.00 pm** |
| **11.00 am** | **(sajf)** |
| **6.00 pm** | **6.30 am** |
| | **8.00 am** |
| | **6.30 pm** |

MAGĦMUDIJIET: 101; L-EWWEL TQARBINA: 104; KONFERMAZZJONI: 84; ŻWIĠIJIET: 35; FUNERALI: 87.

**ARĊIPRIET**
Dun Karm Mercieca
Tel: 2164 2010; Mob 9982 5203
email: *parrocca.zurrieq@maltadiocese.org*
website: zurrieqparish.org

**Uffiċċju Parrokkjali:**
4, Triq il-Karmnu,
Żurrieq ŻRQ 1011

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**

| | |
|---|---|
| It-Tnejn u l-Erbgħa: | 4.30 pm - 6.00 pm |
| It-Tlieta: | 9.00 am -11.30 am |
| Il-Gimgħa: | 9.00 am -11.30 am |
| | 4.30 pm - 7.00 pm |

NB. Il-Ħamis l-uffiċċju ma jiftaħx

Numru tal-parruċċani: 11,300
Numru tal-familji: 3,780

**PRESBITERJU PARROKKJALI**
Dun Karm Mercieca, Arċipriet
Kan. Karm Busuttil
Dun Raymond Cassar
Dun Ġorġ Schembri

*Saċerdoti residenti fil-parroċċa*
Dun Dillon Bugeja
Dun Karm Camilleri
Dun Noel Camilleri
Dun Manwel Caruana
Dun Ġwann Farrugia
P. Dionisju Mintoff OFM
Dun Ruben Vella

**KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI**

| | |
|---|---|
| President: | l-Arċipriet |
| Moderatur: | Sur Angelo Schembri |
| Segretarja: | Ms Catherine Sammut |

**KUNSILL EKONOMIKU PARROKKJALI**

| | |
|---|---|
| President: | l-Arċipriet |
| Membri: | Sur Dario Caruana |
| | Sur Joe Vella |

**GĦAQDIET U ISTITUZZJONIJIET**

**FRATELLANZI**: Sagrament, Madonna tal-Karmnu, Madonna tar-Rużarju, San Rokku, San Ġużepp

**GRUPPI PARROKKJALI**: Abbatini; Għarajjes; Familji (Tal-Bebbux); Kor Parrokkjali; Miżżewġin Żgħażagħ 2000 Mixja ta' Fidi (2), "Rejoice"choir, Grupp Formazzjoni Biblika, Grupp Nisa Nigret, Terzjarji Karmelitani.

**GĦAQDIET**: Azzjoni Kattolika (rġiel, nisa, u ZAK); Fokolarini; Grufan (2); Leġjun ta' Marija (3 fergħat); Moviment Kariżmatiku; Mixja Neokatekumenali; M.U.S.E.U.M (sez. maskili u sez. femminili)

**KUMMISSJONIJIET**: Djakonija, Liturġija, Kateketika, Familja, Żgħażagħ.

**PURĊISSJONIJIET**: Corpus Christi, Qalb ta' Ġesu', Santa Katarina, Madonna tal-Karmnu, Madonna tar-Rużarju, San Ġużepp, San Rokku, Madonna tad-Duluri (Randan).

# KNEJJES OĦRA

**Knisja ta' Santa Marija, Bubaqra**

Qabel is-sena 1658 f'Bubaqra kien hemm żewġ knejjes, waħda ta' San Ġwann u l-oħra ta' Santu Rokku: dawn ingħalqu u flokhom fl-1676 inbniet il-knisja ta' Sta Marija, li ġiet imkabbra fl-1961.

*Before 1658 at Bubaqra there were two churches, one dedicated to St. John and the other to St. Roque; these were closed and instead a church dedicated to the Virgin Mary was built; in 1961 this church was enlarged.*

RETTUR: L-Arċipriet

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 8.00 am**
**7.15 pm**

**Sibtijiet Filgħaxija : 6.30 pm**

**Knisja tal-Kunċizzjoni fin-Nigret**

Il-knisja hi parti minn palazz mibni mill-Kavallier Ġakbu Togores de Valemuela fl-1658. Fil-palazz għal xi żmien qabel l-ewwel gwerra kien hemm komunita' ta' patrijiet benedittini; illum hemm is-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù.

*The church is part of a palace built in 1658 by the Knight of St. John James Togores de Valemuela. A community of Benedictine monks resided in the place for some time before World War I; today the palace is occupied by the Congregation of the Daughters of the Sacred Heart.*

RETTUR: L-Arċipriet

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi : 6.30 am**

**Sibtijiet Filgħaxija: 5.00 u 6.15 pm**

**Ġranet Ferjali : 6.45 am**

**Knisja ta' San Ġakbu**

Il-knisja nbniet fl-1725 flok żewġ knejjes, waħda ta' San Ġwann Battista u l-oħra ta' San Ġakbu; illum il-knisja qed tintuża għall-espożizzjoni ewkaristika kuljum mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m.

*The church was built in 1725 on the site of two earlier churches, one dedicated to St. John the Baptist and the other to St. James. Today there is daily Exposition of the Blessed Sacrament from 8.00 am to 4.00 pm.*

RETTUR: L-Arċipriet

**Knisja ta' San Bartilmew**

L-ewwel knisja ta' San Bert inbniet fl-1482, iżda ngħalqet fl-1658; inbniet mil-ġdid bejn is-sena 1775 u s-sena 1784 u llum qed tintuża għal-laqgħat tal-għaqdiet kollha tal-parroċċa. Fil-knisja ssir Quddiesa nhar il-festa ta' San Bert.

*The first church dedicated to St. Bartholomew was built in 1482 but was closed in 1658; a new church was built between 1775 and 1784 and today this church is used by the various parish associations for their meetings. A Mass is celebrated every year on September 24.*

RETTUR: L-Arċipriet

### Knisja ta' San Ljun f'Bubaqra
Il-knisja tinsab f'nofs iċ-Ċimiterju taż-Żurrieq u hi antika ħafna. Ġiet magħluqa fis-sena 1658 iżda reġgħet infetħet wara għoxrin sena, wara li sarulha ħafna tiswijiet. Illum f'din il-knisja ssir Quddiesa fl-Għid tal-Imwiet, f'Jum l-Omm u f'Jum il-Missier.

*The church which is situated in the cemetery at Żurrieq is a very old church; it was closed in 1658 but reopened twenty years later after extensive restoration work. Mass is celebrated in St. Leo's church on All Souls Day, on Father's Day and on Mother's Day.*

RETTUR: L-Arċipriet

### Knisja ta' Sant'Agata
Il-knisja nbniet fis-seklu sittax u flimkien ma' ħafna knejjes oħra tal-kampanja ngħalqet fl-1658 mill-Isqof Balaguer. Inbniet mill-ġdid aktar tard u ġiet imkabbra fl-1854. Issir Quddiesa fiha fil-5 ta' Frar, f'jum il-festa ta' Sant'Agata.

*The church was built in the 16th century and was closed by Bishop Balaguer in 1658 together with a large number of rural churches. It was rebuilt later and enlarged in 1854. Mass is celebrated in the church on the feastday of St. Agatha on the 5th February.*

RETTUR: L-Arċipriet.

### Knisja ta' San Andrija
Il-knisja antika ngħalqet fl-1658, iżda reġgħet infetħet aktar tard; illum mhix tintuża.

*The church was closed in 1658 but reopened later; today it is not being used.*

### Knisja ta' San Luqa
Il-knisja nbniet għall-ħabta tal-1460 iżda ġiet traskurata ħafna u Mons. Dusina fl-1575 ried li tiġi rranġata. Illum m'hijiex tintuża.

*The church was built in 1460 but because of its bad state Mons. Dusina during his pastoral visit ordered its restoration. Today it is not in use.*

### Knisja ta' San Ġwann Evanġelista
Il-knisja tinsab f'Ħal Millieri quddiem il-knisja tal-Lunzjata: hi antika ħafna, u ma tintużax.

*This very old church is situated in front of the Annunciation church at Ħal-Millieri; it is no longer in use.*

### Knisja tal-Lunzjata f'Ħal Millieri
Il-knisja hi antika ħafna u kienet il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Millieri, iżda meta dan ir-raħal spiċċa fix-xejn ġiet abbandunata u traskurata. Illum qed tieħu ħsiebha s-Soċjeta' "Din l-Art Ħelwa".

*This is a very old church and was the parish church of Ħal Millieri; when this village ceased to exist the church was left derelict. Today it is held in trust by "Din l-Art Ħelwa".*

### Knisja tal-Laboratorju tal-Paċi f'Ħal Far
Fid-19 ta' Marzu,1971 l-Arċisqof Mikiel Gonzi id-dikjara lil din il-Knisja bħala Knisja Pubblika bl-isem ta' "Laboratorju tal-Paċi Papa Ġwanni XXIII" u ħalla t-tmexxija ta' din il-Knisja f'idejn il-Patrijiet Franġiskani Minuri. Fil-kappella tal-Laboratorju jistgħu jsiru ż-żwiġijiet.

*On the 19th March,1971 Archbishop Michael Gonzi decreed that the Peace Laboratory Pope John XXII may serve as a public place of worship to be run by the Franciscan Friars Minor. Marriages may be held in the chapel.*

RETTUR: P. Dijonisju Mintoff OFM

**QUDDIES**

**Ħdud u Festi**

**4.00 pm** (xitwa)
**7.00 am** (sajf)

**Ġranet Ferjali mit-Tnejn sas-Sibt**
**6.00 pm**

# PARROĊĊA TA' LINGWA INGLIŻA

*Parish for English speaking Catholics*

## KNISJA TA' SANTA BARBARA

**Kappillan** Dun Charles Carabott

Tel/Fax: 2165 1057; Mob: 7971 2001; email: *pepprin@gmail.com*

### MASSES IN ENGLISH

| | | |
|---|---|---|
| **DAILY:** | **St Patrick's, Sliema** | 7.30 am |
| | | 9.00 am |
| **Saturday Evening:** | Casa Leone (Balluta) | 6.30 pm |
| **SUNDAY:** | | |
| **Balluta:** | Casa Leone | 11.00 am |
| **Birżebbugia:** | St George's Chapel | 9.30 am |
| **Birkirkara:** | St Aloysius' College | 9.30 am |
| **Floriana:** | Knisja ta' Sarrija | 11.00 am |
| **L-Ibraġ:** | Parish Church | 12.15 pm |
| **Marsascala:** | Kappella Madonna taċ-Ċintura | 11.30 am |
| **Mellieħa:** | Shrine of Our Lady | 10.00 am |
| | De La Salle Bro. (2nd Sunday) | 9.30 am |
| **Naxxar:** | Divine Mercy Sanctuary | 11.30 am |
| **Paceville:** | Our Lady of Good Counsel | 11.30 am |
| **Rabat:** | St Dominic Priory | 11.15 am |
| **St Paul's Bay:** | Parish Church | 11.00 am |
| **Sliema** | St Patrick's | 8.00; 9.00; 10.15 am |
| | | 6.00; 7.30 pm |
| **Sliema** | Jesus of Nazareth Parish Church | 11.30 am |
| **Ta' Xbiex:** | Parish Church | 10.00 am |
| **Victoria, GOZO:** | Sacred Heart Seminary | 9.30 am |

# KOMUNITA' ERITREA

***Parish for Eritreans in Malta***

## KNISJA TAL-MADONNA TA' LOURDES, FLORIANA

**Kappillan Fr. Philip Cutajar - Mob: 7933 5692**

**Mass in English and Tregarian at 8.30am on Sundays**

# AĊĊESSIBILITÀ GĦAL PERSUNI BI BŻONNIJIET SPEĊJALI

**F = FIZIKAMENT** i.e. rampa, poġġaman
**S = SENSORJALMENT** i.e. audio loop, fuljett braille
**T = TOILETS aċċessibbli**

| PARROĊĊA | KNISJA | UFFIĊĊJU | DAR TAGĦLIM | SALA |
|---|---|---|---|---|
| ATTARD | F T | T | T | F T |
| BALLUTA | F T | F T | | T |
| BALZAN | F | | | F |
| B'KARA S.E. | F T | F T | | T |
| B'KARA S.G. | FT | F | | |
| B'KARA S.M. | F | F T | F T | FT |
| B'BUGIA | F TS | | | |
| BORMLA | F | | F T | F |
| BURMARRAD | F T | F T | | |
| DINGLI | F | | | |
| FGURA | F T | F T | F T | F T |
| FLEUR-DE-LYS | F T | F T | | T |
| FLORIANA | F | F | | |
| GUDJA | F | | | |
| G'MANGIA | F | F T | F T | F T |
| GŻIRA | F | F | F T | |
| GĦARGĦUR | F | F | F T | F T |
| GĦAXAQ | F | T | F T | F T |
| ĦAMRUN S.G. | F T | F T | | T |
| ĦAMRUN I.K. | FT | FT | | FT |
| IKLIN | F T | F T | | |
| IBRAĠ | F | F | F | F |
| KALKARA | F F T | F | F T | |
| KIRKOP | F | | | |
| LIJA | F | F T | | F T |
| LUQA | F T | | F T | F T |
| MANIKATA | F | | F T | F T |
| MARSA TRINITÀ | F | F | | T |
| MARSA M. REGINA | F | | | F |
| MARSAXLOKK | F S | F | F T | |
| MDINA | F | | F | |

| PARROĊĊA | KNISJA | UFFIĊĊJU | DAR TAGĦLIM | SALA |
|---|---|---|---|---|
| MELLIEĦA | F | | F T | F T |
| MĠARR | F | | | |
| MOSTA | | | | |
| MQABBA | F | | | |
| MSIDA | F T | | | |
| MTARFA | F T | F T | F T | F T |
| NAXXAR | F | | F | F T |
| PAOLA KRISTU RE | F | F | F T | F |
| PAOLA LOURDES | F | | F T | F T |
| PEMBROKE | F T | F T | F T | F T |
| QAWRA | F T | | | F T |
| QORMI SAN ĠORĠ | F | F T | F T | F T |
| QORMI SAN BASTJAN | F | | | |
| QRENDI | F | | | |
| RABAT | F T | F | | |
| SAFI | F | | | F T |
| SAN ĠILJAN | | | | |
| SAN ĠWANN | F | | F | F |
| SAN PAWL IL-BAĦAR | F T | | F T | |
| SANTA LUĊIJA | F S | | F | F T |
| SANTA VENERA | F T | F T | F T | F T |
| SENGLEA | F | | | |
| SIĠĠIEWI | F | F | F T | |
| SLIEMA S. MARIS | F | | F T | F T |
| SLIEMA S. CUOR | F | F | F T | |
| SLIEMA S. GIRGOR | F | F | F T | F T |
| SLIEMA G. NAZZ. | F T | | | |
| TARXIEN | F | | F | |
| TA' XBIEX | F | | | |
| VALLETTA S. PAWL | F T | | | |
| VALLETTA S. DUM. | F | | F T | |
| VALLETTA S. WISTIN | F T | | | F S T |
| VITTORIOSA | T | F T | T | |
| WIED IL-GĦAJN | F S | F | | F S T |
| ŻABBAR | F | F | F | T |
| ŻEBBUG | F S | F S | | |
| ŻEJTUN | F T S | T | F T | T |
| ŻURRIEQ | F S | | F T | |

# MUŻEWIJIET EKKLEŻJASTIĊI FIL-PARROĊĊI

Ecclesiastical Museums in Parishes

## A. Mużewijiet miftuħin għall-pubbliku b'mod regolari

**Mużew Wignacourt, Triq il-Kulleġġ, Rabat**
**Tel. 2749 4905; email: *info@wignacourtmuseum.com***

**Ħinijiet tal-ftuħ: bejn 9.30 am u 4.00 pm**
**kuljum, inkluż Ħdud u Festi**
**Opening Hours: 9.30 am to 4.00 pm,**
**daily, including**
**Sundays and Feastdays.**

Huwa Palazz Barokk imdawwar b'żewġ ġonna kbar. Jappartjeni lill-Kolleġġjata ta' San Pawl u fl-imgħoddi kien residenza tal-Kappillani tal-Ordni ta' San Ġwann li kienu joffiċjaw fil-Grotta ta' San Pawl u għalhekk hu mniffed mal-istess Grotta b'sottopassaġġ taħt it-triq. Ġie inawgurat fl-1981.

*A Baroque Palace surrounded by two large gardens. This Museum belongs to St Paul's Collegiate Church and originally was the residence of the Chaplains of the Order of St John, founded by Grand Master de Wignacourt, who officiated in St Paul's Grotto. Hence it is linked to the Grotto by an underground passage. It was inaugurated in 1981.*

**Mużew tas-Santwarju, Żabbar**
**Sanctuary Museum, Żabbar**
**Tel. 2180 6150**

**Ħinijiet tal-Ftuħ - Opening Hours**
**kuljum - daily**
**9.00 am sa 12.00 pm**

Bini grandjuż imtella' fl-1954 mill-Kappillan Ġużepp Zarb u riorganizzat fis-sena 2003. Anness mas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja.

*This magnificent building was built on the initiative of Parish Priest Joseph Zarb in 1954 and completely refurbished in 2003. It is attached to the Sanctuary of Our Lady of Graces.*

**Vittoriosa: L-Oratorju, Kappella ta' San Ġużepp:**
**Tel: 2182 7057**

**it-Tnejn, L-Erbgħa, s-Sibt u L-Ħadd**
*Mondays, Wednesdays, Saturdays, Sundays*
**9.00 am u 12.00 pm**

**Awla Kapitulari, Kolleġġjata San Lawrenz**:

**miftuħa l-Ħadd - "on request"**

**The Oratory and St Joseph's Chapel, open daily between 9.00a.m. and noon. The Chapter Hall, Collegiate Church of St Lawrence, opens on request.**

**Kumpless Storiku Sant'Agata**
**Kripta, Katakombi u Mużew**

**St Agatha Historical Complex**
**Crypt, Catacombs, Museum**

**Miftuħ kuljum,**
**barra l-Ħdud u l-Festi,**
**bejn id-9.00 am u nofsinhar u**
**mis-1.00 pm sa l-4.30 pm**
**Open daily,**
**except Sundays and Feast Days,**
**between 9.00 am and noon, and**
**1.00 pm and 4.30 pm**

**Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl,**
**Triq Sant'Agata, Rabat**
**Tel.2145 4503.**
**email: *catacombs@spmc.edu.mt***

Dan il-bini hu anness mal-Knisja ta' Sant'Agata u l-Kunvent tas-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl, imwaqqfa minn Mons. Ġużeppi De Piro.

*The building is annexed to the Church of St Agatha and the Mother House of the Missionary Society of St Paul, founded by Mgr Joseph De Piro.*

## B. Mużewijiet miftuħin għall-pubbliku b'appuntament
**Parish Museuems open by appointment**

**Mużew tal-Patrijiet Kapuċċini**
Museum of the Capuchin Friars

**Kuratur**: Fr Martin Micallef, OFM Cap
Floriana
**Tel. 2123 4949; 2122 5526.**

Dan il-Mużew, miftuħ fl-1971 u mkabbar fl-1991, jiġbor fih oġġetti prezzjużi, inklużi pitturi, fided, numismatika u bosta memorji oħra tad-diversi kunventi tal-Ordni tal-Franġiskani Kapuċċini f'Malta u Għawdex.

*This Museum, opened in 1971and enlarged in 1991, contains precious items extracted from the various Franciscan Friaries of Malta and Gozo and includes paintings, silver-plate, a numismatic collection and miscellaneous exhibits.*

**MUŻEW TAL-PATRIJIET FRANĠISKANI OFM CONV.**
Kunvent San Franġisk,
Triq San Franġisk, Rabat RBT 1061
Tel: 2145 4225

Fil-Kunvent hemm Mużew Franġiskan Konventwali fejn hemm esibiti diversi oġġetti relatati mal-ħajja Franġiskana matul dawn l-aħħar 600 sena, kif ukoll għadd ta' pitturi. Il-Mużew jinfetaħ "on request".

*In this Museum one finds objects and paintings related to the Franciscan Conventuals during these last 600 years. The Museum opens on request.*

**MUŻEWIJIET PARROKKJALI**
Parish Museums

| | |
|---|---|
| Ħal Lija (Tel. 2144 2553) | In-Naxxar (Tel. 2144 9472) |
| Ħ'Attard (Tel. 2143 4949) | ĦalQormi (Tel. 2148 8333) |
| Birkirkara (Tel. 2144 2225) | Iż-Żejtun (Tel. 2169 3704) |

Dawn il-Mużewijiet, aktarx parti mill-bini tal-istess Knisja Parrokkjali, jiġbru oġġetti artistiċi mill-istess Knisja Parrokkjali kif ukoll mill-Knejjes filjali tal-Parroċċa, kif ukoll għotjiet minn benefatturi fil-parroċċa, motivati mit-twaqqif tal-istess Mużew Parrokkjali.

*These Museums, mostly attached to the Parish Church, include collections from the main Parish Church or its filial churches, as well as donations by parishioners and benefactors, motivated by the establishment of a church museum in the Parish.*

## C. Wirjiet permanenti ta' ex-voto miftuħin għall-pubbliku
### Permanent exhibitions of ex-voto open to the public

**Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba, B'Kara (Tel. 2144 2762)**
**Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa (Tel. 2157 3141)**

N.B. Ta' min isemmi li fis-sagristiji u swali ta' diversi Knejjes Parrokkjali u Kunventi ta' Ordnijiet Reliġjużi jinżammu kollezzjonijiet ta' pitturi u oġġetti artistiċi oħra, fosthom il-Mużew interessanti tal-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa fil-Kunvent tal-Franġiskani Minuri fil-Belt Valletta.

*N.B. Mention should also be made of various collections of paintings and other works of art kept in the sacristies and halls of various Parish Churches and Convents of the Religious Orders, among these, an interesting museum of objects belonging to the Commissariat of the Holy Land in the Friary of the Minor Franciscans in Valletta.*

## DISTRETTI

*Districts*

**I Distrett** (15-il Parroċċa)

**Unità 1**: Il-Furjana; Valletta (San Duminku); Valletta (San Pawl); Valletta (Santu Wistin).

**Unità 2**: Gwardamanġa; il-Ħamrun (Kunċizzjoni); il-Ħamrun (San Gejtanu); il-Marsa (Marija Reġina); il-Marsa (Trinità Qaddisa); Santa Venera.

**Unità 3**: Birkirkara (Sant'Elena); Bikirkara (San Ġużepp Ħaddiem); Birkirkara (Santa Marija); Fleur-de-Lys; is-Swatar.

**II Distrett** (12-il Parroċċa)

**Unità 4** : Ħ'Attard; Ħal Balzan; l-Iklin; Ħal Lija

**Unità 5** : Ħad-Dingli; l-Imdina; l-Imtarfa; ir-Rabat

**Unità 6** : Ħal Qormi (San Bastjan); Ħal Qormi (San Ġorġ); is-Siġġiewi; Ħaż-Żebbuġ

**III Distrett** ( 9 Parroċċi)

**Unità 7** : Ħal Għargħur; l-Imġarr; il-Mosta; in-Naxxar

**Unità 8** : Burmarrad; il-Manikata; il-Mellieħa; San Pawl il-Baħar; il-Qawra

**IV Distrett** (12-il Parroċċa)

**Unità 9** : Il-Gżira; l-Imsida; Ta' Xbiex

**Unità 10**: Il-Balluta; Tas-Sliema (Ġesù Nazzarenu); Tas-Sliema (Sacro Cuor); Tas-Sliema (San Girgor); Tas-Sliema (Stella Maris)

**Unità 11**: L-Ibraġ; Pembroke; San Ġiljan; San Ġwann;

**V Distrett** (12-il Parroċċa)

**Unità 12**: Ħal Luqa; Ir-Raħal Ġdid (Kristu Re); ir-Raħal Ġdid (Lourdes); Santa Luċija; Ħal Tarxien

**Unità 13:** Il-Fgura; Marsaskala; Ħaż-Żabbar

**Unità 14:** Il-Birgu; Bormla; l-Isla; il-Kalkara

**VI Distrett** (10 Parroċċi)

**Unità 15**: Birżebbuġa; il-Gudja; Ħal Għaxaq; Marsaxlokk; iż-Żejtun

**Unità 16**: Ħal Kirkop; l-Imqabba; il-Qrendi; Ħal Safi; iż-Żurrieq

## L-APPOSTOLAT TAL-ĦNIENA DIVINA

*Apostolate of the Divine Mercy*

Huwa ffurmat minn grupp ta' lajċi bil-għan li jxerrdu l-messaġġ u d-devozzjoni lejn il-Ħniena Divina, kif ġew rivelati lil Santa Fawstina Kowalska. Fost affarijiet oħra, jorganizzaw il-Festa tal-Ħniena Divina kull sena fit-Tieni Ħadd tal-Għid, kif ukoll Adorazzjonijiet kull xahar f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Ġie mwaqqaf f'Malta minn Ms Marianne Pace, fis-sena 1987.

*A group of lay persons who spread the message and devotion to the Divine Mercy, as revealed to Saint Faustina Kowalska. Besides other activities, they organize monthly adorations as well as the celebration of the Feast of the Divine Mercy throughout Malta and Gozo. The Apostolate was founded in Malta in 1987 by Ms Marianne Pace.*

**Mexxejja** – *Leader*: Miss Marianne Pace,
271/5, Triq it-Torri, Tas-Sliema, SLM 1600
Tel: 2132 3282.

## L-APPOSTOLAT TAT-TALB

*Apostleship of Prayer*

L-Appostolat tat-Talb huwa network dinji ta' talb mal-Papa. Il-Papa jistieden lill-Insara biex jiftħu qalbhom għall-missjoni ta' Kristu billi ta' kuljum joffru lilhom infushom lil Alla f'għaqda ma' Ġesù Ewkaristija, kif ukoll biex jitolbu u jirriflettu dwar kif se jwieġbu għall-isfidi tal-umanità u tal-Knisja, li Hu jgħarrafna permezz tal-fehmiet tiegħu ta' kull xahar. B'dan il-mod sempliċi, huma jħossuhom ħaġa waħda mal-missjoni tal-Knisja u viċin tax-xewqat profondi tad-dinja bil-ferħ u n-niket tagħha.

*The Apostleship of Prayer is a worldwide network of prayer of the Pope. The Pope invites Christians to make themselves available for the mission of Christ by offering themselves daily to God in union with Holy Eucharist, as well as to respond to the challenges of humanity and of the Church, formulated in the prayer intentions proposed by him every month. It is a very simple way of feeling one with the mission of the Church and close to the deep longings of the world with all its joys and sorrows.*

**Direttur** – *Director* :

Fr. Raymond Pace SJ.,
Jesuit Provincial Offices
78, Triq il-Markiż Scicluna
in-Naxxar, NXR 2067
Tel: 2141 2606
email: *raypacesj@gmail.com*
website: *http//www.attmalta.org*

## AZZJONI KATTOLIKA MALTIJA

*Malta Catholic Action*

**Uffiċċju Ċentrali – Headquarters: Istitut Kattoliku**
**Floriana FRN 1441**
**Tel: 2122 2239; Fax: 2123 0829**
**email: *webmaster@akmalta.org***
**Website: *www.akmalta.org***

Il-Papa Piju XI waqqaf l-Azzjoni Kattolika mad-dinja kollha bl-Enċiklika "Ubi Arcano" f'Diċembru 1922. F'Malta twaqqfet fil-5 ta' April 1929 minn Patri Prof. Danjel Callus O.P. fost l-istudenti tal-Università, u f'Ottubru tal-1930 twaqqfet il-Federazzjoni taċ-Ċirkoli tal-Azzjoni Kattolika.

L-Azzjoni Kattolika hi għaqda ta' lajċi li minn rajhom jimpenjaw ruħhom, b'mod komunitarju u organizzat u b'kollaborazzjoni diretta mal-Ġerarkija, li jaħdmu biex jintlaħaq l-iskop appostoliku ġenerali tal-Knisja.

L-Azzjoni Kattolika tiġbor fiha Fergħat tal-Irġiel, Nisa, Żgħażagħ, Koppji Miżżewġin, adolexxenti (bniet u subien), imxerrdin kważi fil-parroċċi kollha tal-gżejjer Maltin. B'inizjattiva tal-membri tal-AKM, l-Azzjoni Kattolika tagħti diversi servizzi permezz tas-Segretarjat Assistenza Soċjali (SAS), u l-Kummissjoni Ħidma Morda u Persuni b'Diżabilità.

L-Azzjoni Kattolika waqqfet id-Dar tal-Providenza għal persuni b'diżabilità li tinkludi Villa Mons. Gonzi, Villa Papa Giovanni u Villa Papa Luciani. Għal żmien twil mexxiet ukoll id-Dar tal-Anzjani Familja Mqaddsa, fin-Naxxar. Tmexxija li ħadet mingħand il-Little Sisters of the Poor u li matulha għamlet titjib kbir fid-dar, b'investiment kbir ħafna ta' ħidma volontarja u ta' finanzi miġbura mill-membri tal-AKM.

L-Azzjoni Kattolika tippubblika '*Leħen is-Sewwa'*, gazzetta li toħroġ kull nhar ta' Ħadd, u '*Il-Faraġ*', rivista li tintbagħat b'xejn f'għadd ta' djar ta' persuni anzjani u/jew b'diżabbiltà.

*Catholic Action was launched by Pope Pius XI in December 1922 by means of his Encyclical "Ubi Arcano". Seven years later, on the 5th April*

*1929, Prof. Fr. Daniel Callus OP set up the first Malta Catholic Action group among University students, and a year later, in October 1930, Mgr. Enrico Dandria organised some of the existing youth groups into a Federation of Catholic Action Centres.*

*Catholic Action is an organisation of lay people who freely commit themselves, as an organic community and in direct collaboration with the Hierarchy, to work for the fulfilment of the general apostolic aim of the Church.*

*Malta Catholic Action embraces adults, youths and adolescents divided in various branches which are found in most parishes. Other initiatives include the Secretariat for Social Assistance (SAS), and the Commission for the sick and persons with disabilities.*

*Malta Catholic Action was instrumental in the founding of "Dar tal-Providenza", a complex including Villa Mons Gonzi, Villa Papa Giovanni and Villa Papa Luciani, homes for persons with disabilities. For a long time it also managed the Holy Family Home, a residential home for elderly people, in Naxxar. AKM invested lots of efforts through its volunteers, who worked to improve considerably the facilities and the quality of life of the residents. It invested also large sums of money, collected by volunteers.*

*Malta Catholic Action is responsible for the publication of* 'Leħen is-Sewwa' *and* 'Il-Faraġ'.

**President Ġenerali** – *General President*: Josef DeBono
**Viċi-President Ġenerali** – *General Vice-President*: Marija Cachia
**Assistent Ekkleżjastiku** – *Ecclesiastical Assistant:* vakanti
**Segretarju Ġenerali** – *Secretary General:* vakanti
**Segretarju tad-Direttorju** – *Directory Secretary:* Adrian Leone Ganado
**President Fergħa Nisa** – *President Adult Female Section*:
Ilvy Fleri
**President Fergħa Rġiel** – *President Adult Men's Section*: Oscar Gerada
**Koppja President Fergħa Koppji** – *Presiding Couple, Couples' Branch:*
Sur Emmanuel u s-Sinjura Irene Dye
**President Ż.A.K**. (Żgħażagħ Azzjoni Kattolika) – Clayton Tabone
**Assistent Ekkleżjastiku ŻAK** – ZAK *Ecclesiastical Assistant:*
Fr Reuben Gauci
**Koordinatur Segretarjat Assistenza Soċjali** – *SAS Coordinator:*
Martin Chetcuti
**Koordinatur Kummissjoni Ħidma Morda u Persuni b'Diżabiltà** – *Commission for the Sick and for Persons with a Disability Coordinator:*
Sinjura Lolly Debono
**Editur** - *Editor* : **'Leħen is-Sewwa'**: Sur Michael Caruana
**Editur** - *Editor:* **'Il-Faraġ'**: Sur Stanley Spiteri

## COMUNIONE E LIBERAZIONE (MALTA)

*Comunione e Liberazione* huwa moviment fil-Knisja Kattolika li għandu bħala għan l-edukazzjoni tal-membri tiegħu lejn maturità Nisranija u l-kollaborazzjoni fil-missjoni tal-Knisja fl-isferi kollha tal-ħajja tal-lum.

Il-moviment beda fl-Italja fl-1954 meta Don Luigi Giussani ta bidu għall-preżenza Nisranija ta' grupp ta' żgħażagħ fi skola sekondarja f'Milan. Dan il-grupp għall-ewwel kien magħruf bħala *Gioventù Studentesca* (Żgħażagħ Studenti), fil-qosor *GS*, li mill-1969 beda jissejjaħ *Comunione e Liberazione*, kif għadu magħruf sal-lum. Dan l-isem jiġbor fih il-konvinzjoni li l-avveniment Nisrani, li tgħixu f'xirka, huwa l-bażi tal-ħelsien tassew tal-bniedem.

Illum *Comunione e Liberazione* jinsab f'xi disgħin pajjiż madwar id-dinja, fosthom Malta. Ma hemm ebda forma ta' tesserament. Kollox hu bbażat fuq il-libertà ta' min irid jipparteċipa. L-istrument ewlieni tal-formazzjoni tal-membri hija l-laqgħa ta' kull ġimgħa ta' katekeżi magħrufa bħala "Skola tal-Komunità". Il-magażin uffiċjali tal-Moviment, li joħroġ kull xahar, huwa 'Tracce – Litterae Communionis'. Don Julián Carrón ilu fit-tmexxija ta' *CL* mill-2005 minn wara l-mewt tal-fundatur Don Giussani. F'Malta il-Moviment huwa organizzat f'livell ta' adulti. L-Iskola tal-Komunità ssir filgħaxijiet kull nhar ta' Tlieta u kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar issir il-Quddiesa.

*Comunione e Liberazione is a movement in the Church which has the purpose of forming its members in Christianity in order to make them co-workers in the Church's mission in all areas of society. CL began in 1954 in Italy, at the Berchet classical high school in Milan, when Fr Luigi Giussani (1922-2005) started an initiative of Christian presence which uses the pre-existent name* Gioventù Studentesca (GS; English: Student Youth).

*Its current name,* Communion and Liberation (CL), *appeared for the first time in 1969. This name brings together the conviction that the Christian event, lived in communion, is the foundation of man's authentic liberation. As Benedict XVI declared,* Communion and Liberation *"today. . . offers a profound way of life and actualizes the Christian faith, both in a total fidelity and communion with the Successor of Peter and with the Pastors who assure the governing of the Church, and through spontaneity and freedom that permit new and prophetic, apostolic and missionary achievements"* (Address to CL, March 24, 2007).

Communion and Liberation *is today present in roughly ninety countries on all the inhabited continents, and is guided by Father Julián Carrón, who succeeded Father Giussani after his death in 2005.*

*No form of membership enrolment is involved, but only the free participation of individual persons. The basic instrument for the formation of those who belong to the Movement is a weekly catechesis which is called the* School of Community. *The Movement's official publication is the international monthly magazine 'Tracce – Litterae Communionis', also published in English as* Traces.

**Contact Persons** : Fr Gino Gauci (9946 3578)
Robert u Pauline Tufigno (7949 4212)
9 Triq San Kristofru, Valletta
email: *comunioneliberazione.malta@gmail.com*
Website: *http://www.clonline.org*



## FAMILJA SPIRITWALI TA' CHARLES DE FOUCAULD F'MALTA

Diversi gruppi ta' lajċi, saċerdoti u reliġjużi rġiel u nisa li fuq il-passi tal-Beatu Charles de Foucauld, jispiraw irwieħhom mill-ħajja ta' Ġesù f'Nażaret.

*Various groups of lay people, priests and religious who aim at following the Blessed Charles de Foucauld, inspired by the life of Jesus in Nazareth.*

Fraternitajiet Saċerdotali Jesus Caritas
Responsabbli Reġjonali: Dun Ġużepp Fsadni
9, Misraħ San Duminku, Rabat; Tel: 2745 5646
Fraternitajiet Sekulari ta' Ħuna Charles
Responsabbli Reġjonali: Miss Rosita Farrugia

RIVISTA kull 3 xhur: Jesus Caritas, li jintbagħat b'xejn lil kull min jitolbu lil: Mons. L. Cachia. Tel: 2131 7340.

## GĦAQDA BIBBLIKA MALTIJA

*Malta Bible Society*

Il-missjoni tal-Għaqda Bibblika Maltija hi dik li tipprovdi l-Iskrittura Mqaddsa lil kull persuna, tfal, żgħażagħ jew adulti, bil-lingwa u fil-format li jistgħu jifhmu huma u bil-prezz li jifilħu jħallsu.Għal dan il-għan, l-Għaqda Bibblika Maltija tieħu ħsieb li taġġorna t-traduzzjoni tal-Bibbja regolarment, tippubblikaha u tqassamha. L-Għaqda Bibblika twettaq dan ix-xogħol flimkien ma' żewġ organizzazzjonijiet dinjija li tagħhom hi membru: il-United Bible Societies u l-Catholic Biblical Federation. L-Għaqda Bibblika Maltija ġiet imwaqqfa fl-14 ta' Settembru, 1958, minn Mons. Prof. Pietru Pawl Saydon u minn Mons. Prof. Karm Sant. Matul dawn l-aħħar 55 sena l-ħidma tal-Għaqda serviet biex il-messaġġ li ġej mill-kelma ta' Alla jinfirex iżjed u jasal iżjed għand il-familji Maltin.

L-Istitut għall-Kultura Bibblika huwa fergħa tal-Għaqda, li jinsab fl-istess triq, faċċata tal-Uffiċini/Ħanut tal-Għaqda. Hawn jiġu organizzati regolarment korsijiet fuq suġġetti Bibbliċi fis-Sala tal-Konferenzi u hemm tinsab ukoll Librerija speċjalizzata fuq l-Iskrittura Mqaddsa, Kummentarji, Enċiklopediji, u kotba relatati mal-istudju tal-Bibbja.

*The mission of the Malta Bible Society is to provide the Holy Scriptures to every child, young person, man and woman in a language and form each can readily understand and at a price each can easily afford. With this aim in mind the Malta Bible Society endeavours to keep the translation of the Bible up to date, publishes the Bible and distributes it. The Malta Bible Society works with and is a member of two world organisations engaged in Bible Work: The United Bible Societies and The Catholic Biblical Federation. The Society was founded on the 14th September, 1958, by Mons. Prof. Pietru Pawl Saydon and Mons. Prof. Karm Sant. During these last 55 years the Society rendered its services by spreading the message found in the WORD OF GOD in order to reach out many more Maltese families.*

*The Institute for Biblical Culture is a branch of the Society and has its premises opposite the Society offices and Bookshop. Regular Bible courses are organised here in a fully equipped lecture room, which houses also a specialised Library on the Holy Scripture, Commentaries, Encyclopedias, as well as other books related to Bible studies.*

| | | |
|---|---|---|
| **Bord:** | President: | Mons. Dr Anthony Abela |
| | Aġent President: | Rev. Dr Paul Sciberras |
| | Chairman: | Sur Alfred Gatt |
| | Segretarju Ġenerali: | Sur Paul Agius |
| | Membri: | Ms Doreen Gatt; Sur Anthony Geraldi; Rev. Kim Hurst; Canon Simon Godfrey; Sur Ray Zammit. |

**Indirizz**-*Address*: Dar il-Bibbja, 62 Triq il-Miratur, il-Furjana FRN 1101
Tel: 2122 0318; Fax: 2123 6621;
Website: *www.maltabible.com* email: *info@maltabible.com*

## GĦAQDA KOOPERATURI SALEŻJANI

*Salesian Cooperators Association*

L-Għaqda Kooperaturi Salesjani ġiet imwaqqfa kanonikament mill-Papa Piju IX b'Digriet tad-9 ta' Mejju 1876 "Cum sicuti" u fil-pjan ta' Don Bosco għall-Ewwel Kapitlu Ġenerali tas-Soċjetà Sależjana li sar fl-1877 kien biex il-kooperaturi jiġu meqjusa bħala "r-ruħ tal-Kongregazzjoni".

L-Għaqda tal-Kooperaturi Sależjani f'Malta taf il-bidu tagħha

sa mis-sena 1883 permezz tal-*Bulettin Salesjan* li kien qed jasal Malta. Prof. Mons. Luigi Farrugia, kanonku tal-Kapitlu Katedrali, kien tant imqanqal mix-xogħol kbir u tal-għaġeb li kien qed jiġi mwettaq minn Don Bosco, li ġabar grupp kbir ta' rġiel u nisa u waqqaf l-Għaqda tal-Kooperaturi f'Malta u ħeġġeġ biex is-Sależjani ta' Don Bosco jiġu Malta. Kien sar l-ewwel Direttur Spiritwali tal-kooperaturi u biex jilħaq l-għanijiet tiegħu Mons. Farrugia mar Torin, iltaqa' ma' Don Bosco u żar ukoll l-Oratorju ta' Valdocco.

*The Association of Salesian Cooperators was canonically founded by Pope Pius IX in a Decree 'Cum sicuti' of May 9th 1876 and the plans of Don Bosco for the First General Chapter of the Salesian Society in 1877 was to consider the Cooperators the "soul of the Congregation".*

*The Salesian Cooperators Association in Malta dates back to 1883 encouraged through the Salesian Bulletin which was being sent to Malta. Prof. Mgr. Luigi Farrugia, a Canon of the Cathedral Chapter, was so impressed by the wonderful undertakings of Don Bosco that he rallied a large group of men and women to form an Association of Cooperators in Malta and encouraged the Salesians of Don Bosco to come to Malta. He became their first Spiritual Director; he also went to Turin to meet Don Bosco and visit his Oratory at Valdocco.*

**Koordinatriċi** - *Coordinator:* Miss Carmen Forte, Flat 2 Highpoint,
Triq Bonavita San Ġiljan STJ 1364
Tel: 2133 5498 Mob: 7905 1173
email: *carmencforte@gmail.com*

**Delegat** - *Delegate*: Fr. Alfred Sacco SDB,
Tel: 2145 4546; email: *alfredsacco@gmail.com*

## GĦAQDA MALTIJA
## GĦAT-TRASPORT TAL-MORDA F'LOURDES

*The Society for the transport of sick people to Lourdes (U.M.T.A.L.)*

***129, Triq l-Arċisqof, il-Belt VLT 1444 – Tel: 2122 5303***

L-Għaqda magħrufa bħala "Unione Maltese Trasporto Ammalati a Lourdes" twaqqfet fl-1931 mill-Kanonku Ġużepp Azzopardi u s-sinjuri Ġużepp Galea u Ġużepp Debrincat, bil-barka tal-Isqof Mons. Mauro Caruana, biex tiegħu ħsieb twassal il-morda Maltin għand il-Madonna f'Lourdes. Mis-sena 2004 il-Pellegrinaġġ beda jmur Lourdes b'ajruplan dirett minn Malta.

*The Society for the transport of sick people to Lourdes was founded*

*in 1931 by Can. G. Azzopardi and two of his friends, Mr. G. Galea and Mr. G. Debrincat, with the blessing of Mgr. Maurus Caruana, bishop of Malta. Since 2004 the pilgrims are flown on a direct flight to Lourdes.*

**President**: Dr Maria Meilak M.D., D.S.S., F.S.; Tel: 2169 2474. Fax: 2122 5303.
**Assistent Ekkleżjastiku** – *Ecclesiastical Assistant* : Mons. Mario Camilleri Tel: 2143 4123
**Teżorie**r – *Bursar:* Mr. Edwin J. Attard; Tel: 2163 3934; Mob: 9947 0789
**Segretarju** – *Secretary:* Ms. Mary Schembri; Tel: 2168 5497

## GĦAQDA TAL-ISTUDENTI TAT-TEOLOĠIJA
*Theology Students' Association*

L-Għaqda Studenti tat-Teoloġija (GĦ.S.T.) twaqqfet fis-6 ta' Novembru 1945, bl-isem ta' "Royal University Students' Theology Association" (RUSTA). L-Għaqda ħadet l-isem li għandha issa fl-1978, wara li l-Fakultà tat-Teoloġija ma baqgħetx tifforma parti mill-Università minħabba riformi li kienu saru. Il-Fakultà reġgħet lura l-Università fl-1988. Tul iż-żmien li l-Fakultà għamlet barra mill-Università, l-GĦ.S.T. dejjem esprimiet ix-xewqa profonda li l-Fakultà terġa' ssir parti integrali mill-Università, kif inhi llum.

L-għanijiet tal-Għaqda huma:

- Rappreżentazzjoni: tirrapreżenta lill-membri tagħha mal-awtoritajiet universitarji f'dak kollu li jikkonċernahom.
- Formazzjoni: tgħin lill-membri u, fejn hu possibbli, lil studenti oħra, fil-formazzjoni spiritwali u teoloġika tagħhom u tgħinhom jipprattikaw is-solidarjetà ma' min hu fil-bżonn.
- Rabta Soċjali: tgħin lill-istudenti tat-Teoloġija jingħaqdu flimkien billi torganizza attivitajiet soċjali għalihom.
- Parteċipazzjoni Attiva: tippromwovi l-involviment tal-membri tagħha fil-ħajja universitarja.

*The Theology Students' Association (TSA) was founded on the 6th November 1945 under the name of Royal University Students' Theology Association. The present name was adopted in 1978 after the Faculty of Theology ceased to form part of the University, because of the reforms then introduced. The Faculty of Theology again became part of the University of Malta in 1988. During the period in which the Theology students were not at the University, the TSA continually spoke out in favour of the return of the Faculty of Theology to the University, where it is today.*

*The Association's aims:*

- *Representation: to represent its members with the University authorities.*
- *Formation: to help its members and, where possible, other students in their spiritual and theological formation and encourage them to practise the virtue of solidarity.*
- *Social Activity: to help its members connect and build relationships through social activities.*
- *Active Participation: to promote the involvement of its members in University life.*



**Indirizz** – *Address*: Għaqda Studenti tat-Teoloġija,
Fakultà tat-Teoloġija,
Università ta' Malta, Tal-Qroqq, MSD 2080,
Tel: 2340 3166
email: *info@ghstmalta.org*
Website: *www.ghstmalta.org*

**President**: Osmar Baldacchino; *(S.Th.B. III)*
**Segretarju Ġenerali** – *General Secretary:* Joshua Cortis *(S.Th.B. II)*
**Teżorier** – *Treasurer:* Jean-Claude Schembri *(S.Th.B. II)*
**P.R.O**. : Christopher Bugeja *(S.Th.B. II)*
**Responsabbli tal-Edukazzjoni** – *Education Officer:* Noleen Vassallo (B.A. Hons) Theology II.
**Ko-ordinatur tal-Attivitajiet** – *Activities Coordinator:* Dave Portelli (B.A. Hons. Theology IV)
**Rappreżentant tal-Kors ta' Filgħaxija** – *Evening Students' Liason:* Melissa d'Amico (B.A. Hons. Theology IV).

## GRUPP KULTURA MARJANA

*Marian Culture Group*

c/o 95 Hompesch Road, Fgura FGR 2014
Tel: 2189 6586, Mob: 7989 6586
email: *meilakma@go.net.mt*

Il-Grupp Kultura Marjana twaqqaf fl-1958 u beda jiffunzjona uffiċjalment bl-ewwel Statut tiegħu li kien ġie approvat mill-Arċisqof Mikiel Gonzi f'Lulju 1959. Il-grupp ġie mwaqqaf mis-Sur Joseph de' Conti Manduca, li dejjem kellu xewqa kbira li jorganizza żjajjar lis-santwarji Marjani f'Malta u Għawdex, bil-għan ewlieni li jġib 'il quddiem il-kultura Marjana f'pajjiżna. Kull xahar il-Grupp, li huwa miftuħ għal kulħadd, jorganizza Laqgħat ta' Talb u żjarat kulturali f'diversi Santwarji u Knejjes, speċjalment dawk iddedikati lill-Madonna, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Isiru wkoll żewġ Irtiri

Magħluqa fir-Randan u fl-Avvent u rtiri ta' ġurnata matul is-sena. Il-Grupp jitmexxa minn Kumitat Eżekuttiv li jiġi elett kull sentejn f'Laqgħa Ġenerali. Il-motto tal-Grupp huwa '*Ad Jesum per Mariam*' (Għand Ġesù permezz ta' Marija).

*The Marian Culture Group was officially established in July 1959 by Mr. Joseph de' Conti Manduca with the aim of organizing visits to the Marian Shrines of Malta and Gozo and promote Marian culture in Malta. Every month, the Group, which is open to all, organises Prayer Meetings and cultural visits to various Sanctuaries and churches, especially those dedicated to Our Lady, both in Malta and Gozo. Each year the Group organises two closed Retreats in Advent and Lent and day retreats. The Group is managed by an Executive Committee elected every two years during a General Meeting. The Group's motto is 'Ad Jesum per Mariam' (To Jesus through Mary).*

**President:** Ms Mary Anne Meilak, Dip.Educ. (Liv),
**Segretarja** – *Secretary:* Ms Sylvia Bugeja
**Teżorier** – *Treasurer:* Sur Joseph Pace
**Direttur Spiritwali** – *Spiritual Director:*
Can. John Ciarlò, B.A., Lic.D.
**Editur Newsletter:** Ms Mary Anne Meilak, Dip.Educ. (Liv)

## JESUIT YOUTH NETWORK – MALTA

Il-Jesuit Youth Network twaqqaf biex jikkoordina l-ħidma kollha taż-żgħażagħ fil-Provinċja Maltija tal-Ġiżwiti u tara li s-setturi kollha ta' din il-ħidma joffru esperjenzi u riflessjonijiet li jgħinu liż-żgħażagħ jikbru bħala bnedmin ħielsa fl-għarfien tal-ħajja komunitarja u fl-għażla preferenzjali favur il-fqar. Dan in-network jgħaqqad l-oqsma prinċipali fejn jinstabu l-Ġiżwiti maż-żgħazagh: fiċ-Chaplaincies tas-Sixth Form ta' San Alwiġi u tal-Università ta' Malta, iż-żgħażagħ fil-Komunitajiet tal-Ħajja Nisranija (CLC) u ż-żgħażagħ fl-Istitut Paulo Freire, iż-Żejtun.

L-attivitajiet regolari tal-Jesuit Youth Network jinkludu l-attivitajiet ta' formazzjoni għaż-żgħażagħ u proġetti spissi ta' xogħol volontarju mal-fqar u l-emarġinati sew f'Malta kif ukoll barra. Isiru wkoll inizjattivi ta' ġbir ta' fondi għall-fqar li magħhom jaħdmu dawn il-voluntiera, sew f'Malta kif ukoll barra. Apparti minn dawn, il-Jesuit Youth Network jaħdem strettament mal-Young Communities' Team u, allura, issa, flimkien ma' dan it-tim, qed issir ħidma biex tibda ssir quddiesa fix-xahar li tista' possibbilment tiġbor flimkien fuq bażi iżjed frekwenti lill-membri kollha tas-CLC. Kif issemma iktar 'il quddiem, jaħdem id f'id ukoll maċ-Chaplaincy tal-Università ta' Malta u f'din tal-aħħar, isiru żewġ quddisiet kull nhar ta' Sibt filgħaxija, fis-7.30pm u fid-9pm għall-familji u għaż-żgħażagħ rispettivament.

*The Jesuit Youth Network is a network that was established to coordinate the youth initiatives within the Maltese Jesuit Province and to ensure that all the sectors offer experiences and reflections that help young people grow in freedom, in a sense of community and in a greater option for the poor. The network brings together the main areas in which the Jesuits work with young people: the Chaplaincies at St. Aloysius Sixth Form, at the University of Malta, the Young Christian Life Communities (CLCs) and the young people at Paulo Freire Institute, Zejtun.*

*The regular activities of the Jesuit Youth Network include formation activities for youths and frequent projects regarding voluntary work experiences with the poor and the marginalised offered locally and overseas. Fundraising activities for the poor with whom the volunteers work are also organised. Apart from these, the Jesuit Youth Network works closely with the Young Communities' Team and together they organise a mass every month so as to gather all the CLC members together more often. As was previously remarked, it does also work hand in hand with the Chaplaincy of the University of Malta and two masses are celebrated every Saturday evening, at 7.30pm and at 9pm for families and youths respectively at the University Chapel.*



**Koordinatur** – *Co-ordinator:* Anthony Mifsud.
Address: Jesuit Youth Network
c/o Jesuit Provincial Offices
78, Triq il-Markiż Scicluna
in-Naxxar NXR 2067
Tel: 2141 2606
email: *youth@jesuit.org.mt* Website: *www.inygo.jesuit.org.mt*

## IL-LEĠJUN TA' MARIJA

*Legion of Mary*

Il-Leġjun ta' Marija huwa moviment tal-lajċi mwaqqaf minn Frank Duff, f'Dublin (Irlanda) fis-7 ta' Settembru 1921. Hawn Malta l-Leġjun waqqfitu Miss Monica Walsh, u l-ewwel laqgħa saret fit-3 ta' Novembru 1936 f'Tas-Sliema. Illum il-Leġjun hu mxerred tista' tgħid fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

L-għan ewlieni tal-Leġjun huwa l-glorja ta' Alla permezz tat-tqaddis tal-membri bit-talb u l-ħidma flimkien, taħt it-tmexxija tal-Knisja għar-rebħa sħiħa kontra s-setgħat tal-ħażen. Il-membri tal-Leġjun jieħdu l-ispirazzjoni tagħhom mill-Verġni Marija: l-umiltà, l-ubbidjenza u t-tjieba tagħha, il-ħajja tagħha ta' talb bla heda, is-safa, is-sabar tagħha, l-imħabba tagħha għal Alla u l-fidi tagħha. Il-Leġjun jippubblika rivista kull xahrejn, "Vexillina".

*The Legion of Mary is a lay movement founded by Frank Duff in Dublin on the 7th September 1921. In Malta the Legion was introduced by Miss Monica Walsh on the 3rd November 1936 in Sliema. Today the Legion of Mary is found in nearly all the parishes of Malta and Gozo.*

*The aim of the Legion is the glory of God through the personal sanctity of its members, achieved through prayer and work, under the guidance of the Church. The members get their inspiration from the Blessed Virgin Mary, by imitating her humility, obedience, self-denial, spirit of prayer, faith and love of God. The Legion issues a publication entitled "Vexillina", every two months.*

President: Sur John Francalanza,
148 Triq Blanche Huber, Sliema SLM 2050
Tel: 2131 8375; Mob: 9987 3537.

Headquarters: "Legio Mariae",
278, Triq San Pawl, Valletta VLT 1213;
Tel: 2123 6917

## MOVIMENT TAL-FOKOLARI

*The Focolare Movement*

Il-Moviment tal-Fokolari jaf il-bidu tiegħu lill-kariżma tal-unità li Alla poġġa fil-qalb ta' Chiara Lubich. Beda waqt it-Tieni Gwerra Dinjija fi Trento, l-Italja, meta Chiara Lubich ikkonsagrat ruħha lil Alla fis-7 ta' Diċembru 1943. L-iskoperta mill-ġdid ta' Alla Mħabba huwa l-ewwel punt importanti ta' "l-ispiritwalità tal-unità". Din titlob l-għajxien prattiku tal-imħabba reċiproka, ibbażata fuq il-Vanġelu, li tiġġenera l-preżenza ta' Ġesù fil-komunità. L-iskop speċifiku tal-Moviment hu li jikkontribwixxi biex isseħħ it-talba ta' Ġesù "Ħa jkunu lkoll ħaġa waħda" (Ġw 17, 21), u l-għan huwa l-fraternità universali. Biex jintlaħaq dan l-iskop isir djalogu ma' kulħadd, ukoll mal-fidili ta' reliġjonijiet oħra u popli ta' kulturi differenti.

Il-Moviment huwa preżenti f'194 pajjiż, u l-membri huma iktar minn żewġ miljuni u nofs, nies ta' kull età u vokazzjoni, Kattoliċi u Nsara minn Knejjes u Komunitajiet Insara oħra, segwaċi tar-reliġjonijiet il-kbar, u nies li ma għandhomx twemmin reliġjuż, iżda li jaqsmu l-ispiritwalità u l-iskop tagħha b'ħafna modi.

Il-Moviment tal-Fokolari (Opra ta' Marija) ġie approvat għall-ewwel darba mis-Santa Sede fl-1962. L-Istatuti Ġenerali ġew approvati b'digriet tal-Kunsill Pontifikali għal-Lajċi fid-29 ta' Ġunju, 1990. Iktar żviluppi ġew approvati mis-Santa Sede fil-15 ta' Marzu, 2007. Il-President attwali hija Maria (Emmaus) Voce, u l-ko-President huwa Jesús Moran.

*The Focolare Movement owes its origin to the charism of unity God gave to Chiara Lubich. It began during the Second World War in Trent (Italy)*

*with Chiara Lubich's consecration to God on 7th December 1943. The rediscovery of God as love is the first key point of the "Spirituality of unity". It demands the practice of mutual love based on the gospel that generates the presence of Jesus in the community. The Movement's specific purpose is to contribute towards the fulfilment of Jesus' prayer "May they all be one" (Jn 17,21), and its goal is universal brotherhood. To achieve its aim, it dialogues with everyone, including faithful of other religions and people of different cultural backgrounds.*

*The Movement is present in 194 countries and has over two and a half million members, people of every age and vocation, Catholics and other Christians from different Churches and Christian Communities, followers of great religions and people of non-religious beliefs who share the spirituality and purpose in various ways.*

*The Holy See first approved the Focolare Movement (Work of Mary) in 1962. The General Statutes were approved by a decree of the Pontifical Council of the Laity on 29th June 1990. Further developments were approved by the Holy See on 15th March 2007. The current President is Maria (Emmaus) Voce, and the co-President is Jesús Moran.*



**Ċentri tal-Moviment f'Malta:** *Focolare Centres in Malta:*

**Fokolar tal-Irġiel:** "Vita Nuova",
Triq G.F. Agius de Soldanis,
Santa Venera SVR 1911
Tel: 2148 6112
email: *focmmt@go.net.mt*

**Fokolar tan-Nisa:** "Stellaelise",
Triq il-Ħuttaf, Kappara SĠN 4333;
Tel: 2138 5801
email: *focfmt@go.net.mt*

**Website:** *http://www.focolare.org/en/malta*

## MISSION FUND

500, 'Eureka Crt', Blk A, Flt 6, Main Street,
Mosta MST 1018 Tel: 2141 3664
*www.missionfund.org.mt*
e-mail: *missionfund@global.net.mt*

Il-Mission Fund hija organizzazzjoni volontarja ta' Kattoliċi lajċi li twaqqfet fl-1984 bl-għan li tgħin il-missjunarji Maltin u li ġġib 'il quddiem l-ispirtu missjunarju fil-Gżejjer Maltin. Fil-preżent, mijiet ta' missjunarji Maltin u Għawdxin f'erbgħin pajjiż jirċievu, b'mod regolari,

donazzjonijiet ta' €2,000 (jew €4,000 fil-każ tal-Isqfijiet) skont kif imisshom. Il-missjunarji Maltin jużaw dawn id-donazzjonijiet biex jinbnew skejjel, kliniċi u kmamar li jservu ta' kenn għal dawk bla dar, biex jinxtraw il-mediċini, jitħallsu l-ispejjeż tal-isptarijiet u biex ikunu jistgħu jingħataw programmi ta' tilqim. Barra milli jxerrdu l-Vanġelu, il-missjunarji jistinkaw biex itejbu l-ħajja ta' ħafna u ħafna persuni li jgħixu fi stat ta' faqar.

Kull sena grupp ta' madwar 25 volontier, taħt id-direzzjoni spiritwali ta' Patri Marcellino Micallef OFM, jissieħbu f'esperjenza missjunarja ta' 5 ġimgħat li hi organizzata mill-Mission Fund. Il-preparazzjoni għal din l-esperjenza tinkludi laqgħat ta' kull ġimgħa – għal tmien xhur, seminars ta' formazzjoni, programm ta' tilqim u numru ta' attivitajiet għal ġbir ta' fondi. Il-flus miġbura jintużaw speċifikament għall-proġett magħżul.

Għas-sena 2015, il-Mission Fund laqgħet it-talba ta' Sister Maria Borda MMM, missjunarja fit-Tanżanija għal aktar minn 30 sena. Il-Mission Fund għenet fil-bini ta' blokk ieħor ġdid fl-isptar Makiungu, li jinsab f'Singida, fit-Tanzanija. Saru proġetti oħra f'dan l-isptar fis-snin 2010 u 2011. L-esperjenzi missjunarji organizzati mill-Mission Fund ilhom isiru sa mis-sena 1992.

*The Mission Fund is a lay Catholic voluntary organization founded in 1984 with the aim of assisting Maltese missionaries and of further enhancing the missionary spirit in our islands. At present hundreds of Maltese and Gozitan missionaries in 40 countries receive regular donations of €2,000 (or €4,000 in the case of Bishops) on a roster basis.*

*Maltese missionaries use these donations to build schools, clinics and shelters for the homeless, to buy medicines, pay hospital fees and maintain vaccination programmes. Apart from spreading the Gospel, missionaries strive to better the lives of so many persons living below the poverty line.*

*Every year a group of about 25 volunteers, under the spiritual guidance of Fr Marcellino Micallef OFM, take part in a 5 week missionary experience organized by the Mission Fund. Preparation for this event includes regular weekly meetings for 8 months, group building seminars, a vaccination programme and a number of fund raising activities. The funds raised are used exclusively to fund the selected project. These missionary experiences have been carried out since 1992.*

*During 2015, the Mission Fund volunteers undertook a project requested by Sr. Maria Borda MMM, a missionary in Tanzania for over 30 years. The volunteers assisted in the building of yet another block at Makiungu Hospital in Singida in Tanzania.*

*The Mission Fund participated in similar projects at Makiungu Hospital in 2010 and 2011.*

**Kumitat** – *Committee*

**Direttur Spiritwali** – *Spiritual Director:* Fr Marcellino Micallef OFM
**President** – *President*: Ms Sylvia Ebejer
**Viċi-President** – *Vice-President:* Sur Frans Scicluna
**Segretarju** – *Secretary:* Sur Charles Decelis
**Assistent Segretarju** – *Assistant Secretary*: Sur Savior Farrugia (co-opted)
**Teżorier** – *Treasurer:* Sur Philip Micallef
**Ass. Teżorier** – *Ass. Treasurer:* Ms Speranza Xuereb
**PRO** : Sur John Sammut
**Membru** – *Member:* Sur Joe Mifsud.



## IL-MISSJONI Ż-ŻGĦIRA TAL-QALB TA' ĠESÙ U TA' MARIJA

Il-Kan. Francesco Bonnici, imqanqal mill-ħidma li kien jagħmel San Gaspare del Bufalo permezz tal-Opra tal-Missjoni li kien waqqaf f'Ruma, fl-1884 waqqaf f'Malta l-Missjoni ż-Żgħira bil-għan l-aktar ta' missjoni fost it-tfal. Illum il-Missjoni ż-Żgħira, kif inhi magħrufa min-nies, ma tippridkax il-missjoni biss lit-tfal, imma lill-kbar ukoll u b'mod speċjali liż-żgħażagħ. F'Settembru 2012, Mons. Arċisqof Pawlu Cremona, O.P., approva Statut Ġdid għal din il-Missjoni ż-Żgħira.

*Canon Francesco Bonnici, inspired by the activities of the Mission founded by St. Gaspare del Bufalo in Rome, in 1884, established a Mission in Malta with the primary aim of instructing children through missionary preaching. Today, "Il-Missjoni ż-Żgħira", as it is popularly known, preaches missions not only to children but also to adults, and especially to youths. In September, 2012, a new Statute for the "Missjoni ż-Żgħira" was approved by H.G. Mgr Paul Cremona, O.P.*

**Superjur** – *Head of the Mission*: Mons. Ġużepp Mifsud Bonnici
**Viċi-President** – *Vice-President:* Dun Karm Mercieca
**Segretarju** – *Secretary / P.R.O.:* Dun Stefan Galea

**Membri** - *Members*:
Kan. Charles Attard; Kan. Antoine Borg; Dun Noel Borg; Kan. Ġwann Borg; Mons. Valentino Borg; Dun Marcandre Camilleri; Kan. Dillon Bugeja; Dun Karm Camilleri; Kan. Nicholas Doublet; Mons. Lino Grech; Kan. Timon Mercieca; Kan. Leonard Mintoff; Dun Charlon Muscat; Mons. Paolo Raggio; Kan. Ġorġ Spiteri; Kan. Ivan Scicluna; Dun Noel Vella; Dun David Torpiano.

## IL-MISSJONI L-KBIRA TAD-DEMM PREZZJUŻ

*Pia Opera Della Grande Missione*
*Del Prezioso Sangue Di Nostro Signore Gesù Cristo*

Fl-1645, qassis minn Ħal-Qormi kien waqqaf il-Missjoni u ħallielha xi renti, iżda biż-żmien din il-Missjoni ġiet fix-xejn imma fuq dan m'hemm xejn dokumentat fl-arkivju tal-opra. Fl-1811 Dun Filippu Calleja minn Ħal-Qormi u joqgħod Ħaż-Żebbuġ, imħeġġeġ minn sħabu Dun Bert Attard minn Ħaż-Żebbuġ u Dun Ġan Nikol Camilleri mis-Siġġiewi, bdew imorru f'diversi postijiet tal-kampanja jippridkaw u jqarru lin-nies. Qabel miet bil-pesta fl-1813, fuq is-sodda tal-mewt ħalla ġidu kollu biex titwaqqaf il-Missjoni. Fil-15 ta' Lulju 1815, l-Isqof Ferdinando Mattei waqqaf bħala fondazzjoni l-Opra pija tal-Missjoni għall-kampanja, popolarment magħrufa bħala l-Missjoni l-Kbira.

*In 1645 a priest from Qormi founded a Mission and gave it part of his property. Through the years the Mission lost its initial fervour, but it was revived and given new life in 1811 by Rev. Philip Calleja of Qormi, who resided in Żebbuġ. Encouraged and accompanied by his friends, Rev. Bertu Attard of Żebbuġ and Rev. Ġan Nikol Camilleri of Siġġiewi, he visited the countryside villages, preaching and hearing confessions. In 1813, during the plague epidemic, on his death-bed he left all his possessions to the Mission. On 15th July 1815 Bishop Ferdinand Mattei accepted the foundation of the PIA OPERA which is popularly known as "Il-Missjoni l-Kbira".*

**Kumitat** – *Committee:*

| | |
|---|---|
| **Superjur** – *Head of the Mission*: | Mons. Louis Camilleri |
| **Ass. Superjur** – *Ass. Head:* | Dun Ġorġ Mallia |
| **Segretarju** – *Secretary*: | Kan. Dun Vinċenz Borg |
| **Amministratur** – *Bursar* : | Kan. Carmelo Busuttil |
| **Membru** – *Member*: | Dun Nikol Debono Montebello |

**Membri Missjunarji**: Dun Karm Farrugia; Mons. Alfred Micallef; Mons. Daniel Schembri; Dun Joe Galea; Kan. Penit. Angelo Vella.

## MIXJA NEOKATEKUMENALI

*Neocatechumenal Way*

Il-Mixja Neokatekumenali bdiet fl-1964 fil-kwartieri tal-fqar ta' Palomeras Altas f'Madrid bil-ħidma tas-Sur Francisco José (Kiko) Gómez Argüello u tas-Sinjorina Carmen Hernández li, għat-talba ta' dawk l-istess nies foqra li magħhom huma kienu jgħixu, kienu bdew iħabbrulhom l-Evanġelju ta' Ġesù Kristu. Mal-mogħdija taż-żmien din il-kèrigma ġiet konkretiz-

zata f'sinteżi kateketika msejsa fuq it-trepied 'Kelma ta' Alla - Liturġija – Komunità bl-iskop li twassal in-nies għall-komunjoni fraterna u għal fidi matura.

Il-Mixja Neokatekumenali hija itinerarju ta' formazzjoni kattolika li "qiegħed għas-servizz tal-Isqof bħala wieħed mill-modi li bih iseħħu fid-djoċesi l-inizjazzjoni nisranija u l-edukazzjoni permanenti fil-fidi" (Statut, art. I§ 2). Imwieled fit-tranja tat-tiġdid imqanqal mill-Konċilju Ekumeniku Vatikan II, dan l-itinerarju hu mgħix fi ħdan il-parroċċi, f'komunitajiet żgħar imsawrin minn persuni ta' diversi etajiet u kundizzjonijiet soċjali u jitwettaq skont il-linji proposti mill-inizjaturi, li jinsabu fl-Istatut approvat mis-Santa Sede fis-Solennità ta' Għid il-Ħamsin fil-11 ta' Mejju 2008.

Benedittu XVI, meta kellem lill-membri tal-MixjaNeokatekumenali, afferma: "Il-ħidma appostolika tagħkom għandha l-ħsieb tqiegħed lilha nnifisha fil-qalba tal-Knisja, b'sintonija sħiħa mad-direttivi tagħha u f'għaqda mal-Knejjes partikolari li fihom tagħmlu l-ħidma tagħkom, waqt li tivvalorizza bis-sħiħ il-għana tal-kariżmi li l-Mulej qanqal permezz tal-inizjaturi tal-Mixja" (Insegnamenti di Benedetto XVIII, 1 [2006], 58-59).

Fuq stedina tal-E.T. Arċisqof Mikiel Gonzi, ekipp ta' katekisti itineranti magħmul minn Eusebio Astiasio, Giuletta Cascino, Don Giacomo Calabrese u Enrico Gioia waslu Malta f'Ottubru 1973 u kkatekizzaw fil-parroċċa tal-Kunċizzjoni, il-Ħamrun. Illum il-Mixja Neokatekumenali hi mferrxa f'għadd sabiħ ta' parroċċi f'Malta u f'Għawdex u l-aħwa Maltin kienu strumentali biex tinfetaħ jew tiġi sostnuta f'għadd ta' pajjiżi barranin, fosthom l-Irlanda, l-Indja, il-Pakistan, il-Filippini, il-Veneżwela, l-Istati Uniti tal-Amerika, il-Kanada, il-Libja, l-Afrika t'Isfel, l-Awstralja, il-Guam u gżejjer oħra fil-Paċifiku.

*The Neocatechumenal Way began in 1964 in the slums of Palomeras Altas, Madrid, through the work of Mr. Francisco José (Kiko) Gómez Argüello and of Miss Carmen Hernández who, at the request of the poor with whom they were living, began to announce to them the Gospel of Jesus Christ. As time passed, this kerygma was embodied in a catechetical synthesis founded on the tripod 'Word of God-Liturgy-Community', which aims at leading people to fraternal communion and mature faith.*

*The Neocatechumenal Way is an itinerary of Catholic formation that "is at the service of the Bishops as a form of diocesan implementation of Christian initiation and of ongoing education in faith" (Statute, art. 1 § 2).*

*Born in the wake of the renewal fostered by the Second Ecumenical Vatican Council, this new itinerary of Christian Initiation is lived within parishes and in small communities constituted by people of different ages and social conditions and is implemented according to the lines proposed by the initiators, which are contained in the Statute approved by the Holy See on the Solemnity of Pentecost, on May 11th 2008.*

*The Holy Father Benedict XVI affirmed: "Your apostolic action intends to take place in the heart of the Church, in total harmony with her directives and in communion with the particular Churches in which you are going to work, making the most of the richness of the charisms that the Lord has awakened through the Initiators of the Way" (Teachings of Benedict XVI II, 1 [2006], 58-59).*

*Invited by His Excellency Archbishop Michael Gonzi, a team of itinerant catechists made up of Eusebio Astiasio, Giuletta Cascino, Don Giacomo Calabrese and Enrico Gioia came to our islands in October 1973 and catechised at the Immaculate Conception parish in Hamrun.*

*Today the Neocatechumenal Way is spread in a good number of parishes in Malta and Gozo and the brothers were instrumental in opening and sustaining other nations – Ireland, India, Pakistan, Georgia, Korea, Holland, Venezuela, Sweden, USA, Canada, Libia, Australia, Guam and other islands in the Pacific.*

**Responsabbli f'Malta** – *Responsible in Malta:*
Eusebio Astiasio and Giulietta Cascino
Don Osvaldo Giacomelli

**Indirizz:** c/o Carisma, Triq San Anard, Ħal Tarxien, TXN 9014
Tel: 2167 2792; email : *linorita@gmail.com*
Website: *www.camminoneocatecumenale.it*

## MOVIMENT KATTOLIKU STUDENTI UNIVERSITARJI

*University Students' Catholic Movement*

Il-Moviment Kattoliku Studenti Universitarji (MKSU) twaqqaf bħala 'Lega Universitaria Cattolica Maltese' fil-5 ta' April 1929 minn Patri Danjel Callus O.P., li kien professur tal-Iskrittura fl-Università bil-għan li tagħti xhieda nisranija fl-Università u tħabrek għall-formazzjoni sħiħa tal-istudenti. Matul is-snin ta' wara, għalkemm saru ħafna tibdiliet fl-istruttura u anki fl-isem, il-ħidma tal-Moviment baqgħet dejjem għaddejja. Illum, permezz ta' għadd ta' attivitajiet matul is-sena, il-Moviment iġib 'il quddiem il-valuri nsara fuq il-kampus tal-Università u jieħu inizjattivi fl-impenn soċjali. Fuq livell nazzjonali l-MKSU huwa membru fil-Kunsill Nazzjonali Żgħażagħ u fil-Forum tal-Għaqdiet, u fuq livell internazzjonali, l-MKSU hu membru sħiħ u attiv fil-Koordinazzjoni Ewropea tal-Movimenti Kattoliċi tal-istudenti JECI MIEC.

*The University Students' Catholic Movement was founded as the Lega Universitaria Cattolica Maltese on the 5th April 1929 by Fr. Daniel Callus*

